

L-Università ta' Malta

# Il-Qawwa tal-Kelma: ir-Retorika Politika

Konferenza Nazzjonali

Imtellgħa mid-Dipartiment tal-Politika Pubblika
u d-Dipartiment tal-Malti fi ħdan l-Università ta' Malta

**Is-Sibt, 22 ta' April 2023,**
**Aula Prima, Valletta Campus**

Edituri
Mario Thomas Vassallo
Michael Spagnol

# LINGUA-POLITIK 2

sensiela ta' konferenzi dwar il-politika u l-lingwa
mtellgħa bl-inizjattiva
tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika
u d-Dipartiment tal-Malti
fi ħdan l-Università ta' Malta

# Werrej

**Daħla**
*Mario Thomas Vassallo* 4

**Programm tal-Konferenza** 6

**L-Interdixxiplinarjetà, il-Politika u l-Lingwa**
*Carmen Sammut* 9

**Il-Knisja u n-Narrattiva Reliġjuża fil-Kitba u d-Diskors ta' Duminku Mintoff**
*André DeBattista* 15

**L-Arti tal-Kelma fid-Diskorsi Politiċi ta' Duminku Mintoff**
*Christabelle Borg* 23

**Il-Kariżma Etika Msarrfa f'Retorika Effettiva: Id-Diskorsi ta' Eddie Fenech Adami tal-1981 u l-1982**
*Lara Stagno* 29

**L-Islogans Elettorali: ir-Retorika Politika f'Malta**
*Anne Marie Thake* 39

**Ir-Retorika Morali fid-Dibattitu Dwar l-Introduzzjoni tal-Abort f'Malta**
*Clyde Puli* 45

**It-Traġitt fil-Ħsieb edukattiv: Ħarsa Analitika Lejn il-Kitbiet ta' Ugo Mifsud Bonnici u Evarist Bartolo**
*Omar Seguna* 65

**Mekkaniżmi ta' Persważjoni fil-Lingwaġġ Politiku Kontemporanju Malti**
*Christa Boffa* 75

**"Din is-sistema moqżieża." L-Ethos f'Diskors ta' Andrea Dibben**
*Adrian Grima* 83

**Messaġġ ta' Għeluq: Il-Ħtieġa għat-Tagħlim tal-Lingwi** 99
*Emanuel Said*

**Kelmtejn tal-Aħħar** 103
*Michael Spagnol*

**Profili tal-Kontributuri** 106

# Daħla

Il-kelma. Il-qawwa tal-kelma. B'kelma nista' niġbdek jew nimbuttak. B'kelma nista' nqanqal il-folla, inkella nnaffarha. Il-qawwa tal-kelma hija tali li biha nista' ngħarrax rewwixta billi noħroġ lin-nies fit-toroq, inkella nista' nsensel kunsens u nħeġġeġ biex dak li jkun jagħraf il-ħtieġa tal-kompromess. Tiskanta kemm għemejjel u emozzjonijiet jirriżultaw mill-kelma.

Il-politiku jaf sewwa l-qawwa tal-kelma għax lilha juża bħala għodda biex iwassal il-messaġġ tiegħu. B'politiku m'aħniex nifhmu biss dawk il-ftit li jirnexxilhom jiksbu siġġu fil-Parlament Malti jew Ewropew, imma wkoll dawk li jinsabu jipparteċipaw fil-ħajja demokratika ta' pajjiżna. Jiġuna f'moħħna r-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali bħalma huma t-trade unions u l-għaqdiet tal-impjegati, il-movimenti tas-soċjetà ċivili, il-Knisja u l-bqija. Dawn l-esponenti lkoll jiddependu u, fl-istess waqt, jinqdew bil-kelma biex jasserixxu rwieħhom fil-ħajja pubblika. Biha jridu jikkomunikaw, jipperswadu, jikkonsultaw, jinnegozjaw, jiddibattu, jikkonflinġu, jirraġunaw, inkella jbellgħulna r-ross bil-labra jekk mhux ukoll jgħodduna ta' Ġaħan.

Meta tqis u taħseb kemm għandha qawwa kelma, tifhem il-għala d-Dipartiment tal-Politika Pubblika u d-Dipartiment tal-Malti reġgħu għaqdu l-isforzi tagħhom biex jorganizzaw it-tieni konferenza konġunta, din id-darba bit-tema *Il-Qawwa tal-Kelma: Ir-retorika politika*. L-istudju prattiku ta' kif il-kelma għandha tingħad fil-pubbliku jissejjaħ 'retorika' u din ilha tiġi mgħallma sa miċ-ċiviltajiet tal-qedem, kemm f'Ateni kif ukoll f'Ruma. It-teoriji moderni tal-komunikazzjoni bil-fomm u bil-miktub għadhom influwenzati ħafna mill-prinċipji retoriċi bażiċi introdotti fl-era klassika minn Sokrate u Aristotli f'Ateni, u f'Ruma minn Ċiċerun u Kwintiljanu.

Meta ġejna biex infasslu l-programm tal-konferenza, għamilna ħilitna biex ikollna diversità ta' kelliema, temi, metodoloġiji u stili. U b'sodisfazzjon ikollna ngħidu li rnexxielna, grazzi għall-impenn u d-dedikazzjoni tal-kelliema li joriġinaw miż-żewġ dipartimenti tagħna. Id-diskorsi ffukaw fuq l-istrateġiji retoriċi tal-oraturi, fil-biċċa l-kbira mexxejja politiċi ewlenin fl-istorja riċenti ta' Malta, u l-kuntesti storiċi li fihom saru d-diskorsi tagħhom. Tnejn mill-interventi inkwadraw aspetti tar-retorika ta' Duminku Mintoff: André DeBattista tkellem fuq "Il-Knisja u n-narrattiva reliġjuża fil-kitba u d-diskors ta' Duminku Mintoff" u Christabelle Borg fuq "L-arti tal-kelma fid-diskorsi politiċi ta' Duminku Mintoff". Lara Stagno stħarrġet "Il-kariżma etika msarrfa f'retorika effettiva: Id-diskorsi ta' Eddie Fenech Adami tal-1981 u l-1982" waqt li Omar Seguna ttratta "It-traġitt fil-ħsieb edukattiv: Ħarsa analitika lejn il-kitbiet ta' Ugo Mifsud Bonnici u Evarist Bartolo". L-intervent ta' Adrian Grima kien dwar "'Politika Nadifa, Soċjetà Ġusta': L-Ethos f'Diskors ta' Andrea Dibben"

It-tliet diskorsi li jifdal joffru perspettiva usa'. Anne Marie Thake ffokat fuq "Slogans elettorali: Ir-retorika politika f'Malta"; Clyde Puli analizza "Ir-retorika morali fid-dibattitu dwar l-introduzzjoni tal-abort f'Malta"; u Christa Boffa tkellmet fuq "Mekkaniżmi ta' Persważjoni fil-Lingwaġġ Politiku Kontemporanju Malti".

Il-konferenza kienet inawgurata mill-Pro-Rettur tal-Università ta' Malta, il-Prof. Carmen Sammut, li saħqet fuq is-sabiħ tal-interdixxiplinarjetà skont l-istrateġija tal-Università ta' Malta. Id-diskussjonijiet bis-sehem tal-udjenza tmexxew minn Justine Somerville u Dr George Vital Zammit, waqt li l-konferenza ngħalqet b'riflessjonijiet kritiċi mill-Awditur Ġenerali, Charles Deguara, u d-Dekan tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Ġesjtoni u l-Kontabilità (FEMA), il-Prof. Emmanuel Said.

Dak li ntqal dakinhar tal-konferenza – fit-22 ta' April 2023 fil-Valletta Campus – ma stajniex inħalluh biss fil-memorja individwali u kollettiva tagħna u ta' dawk li ġew jisimgħu u jiddiskutu magħna, imma ridna neditjawh, norqmuh u nippubblikawh. Hekk l-atti tal-konferenza jibqgħu jkunu ta' referenza għall-istudenti, l-akkademiċi, ir-riċerkaturi u l-bqija tal-qarrejja li tinteressahom l-arti u x-xjenza tar-retorika politika.

Din hija t-tieni darba li d-Dipartiment tal-Politika Pubblika u d-Dipartiment tal-Malti minn fakultajiet differenti tal-Università ta' Malta qed jaħdmu flimkien fuq konferenza nazzjonali. F'April tal-2022, fil-Parlament saret l-ewwel konferenza minn din is-sensiela ta' Lingua-Politik fuq "Il-Poter tal-Kelma: Politika u Letteratura f'Oliver Friggieri." L-atti bid-diskorsi li saru dakinhar ġew ippubblikati mill-Uffiċċju tal-Ispeaker tal-Parlament bi sħab maż-żewġ dipartimenti.

Nirringrazzjaw b'mod partikolari lill-uffiċjali tal-Valletta Campus li mingħandhom sibna kull għajnuna biex stajna ntellgħu l-konferenza. Min-naħa tad-Dipartiment tal-Malti rroddu ħajr lill-Prof. Adrian Grima u lil Gianni Ciappara li magħhom ħdimna għalenija. Mhux l-inqas, nirriservaw ir-ringrazzjamenti tagħna lil Dr George Vital Zammit u lil Mariella Gambin għan-nom tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika, u lil Melanie Vassallo u Lorna Genovese għan-naħa tal-Uffiċċju Konġunt għall-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

**Prof. Mario Thomas Vassallo**
*Kap tad-Dipartiment*
*tal-Politika Pubblika*



# Il-Qawwa tal-Kelma: ir-Retorika Politika

Konferenza Nazzjonali

Mtellgħa mid-Dipartiment tal-Politika Pubblika
u d-Dipartiment tal-Malti fi ħdan l-Università ta' Malta

Is-Sibt, 22 ta' April 2023, Aula Prima, Valletta Campus

| | |
|---|---|
| **08:30** | **Reġistrazzjoni** |
| **09:00** | **Kelmtejn ta' merħba**<br>Prof. Mario Thomas Vassallo<br>Kap tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika |
| **09:10** | **Is-sabiħ tal-interdixxiplinarjetà skont l-istrateġija tal-Università ta' Malta**<br>Prof. Carmen Sammut<br>Pro-Rettur għall-Affarijiet tal-Istudenti u l-Istaff u l-Kuntatt mas-Soċjetà |
| | **L-ewwel sessjoni**<br>Tmexxi s-sessjoni s-Sa Justine Somerville<br>Dipartiment tal-Malti |
| **09:20** | **Il-Knisja u n-narrattiva reliġjuża fil-kitba u d-diskors ta' Duminku Mintoff**<br>Is-Sur André P. DeBattista<br>Assistent Lettur fl-Istitut għall-Istudji Ewropej |
| **09:35** | **L-arti tal-kelma fid-diskorsi politiċi ta' Duminku Mintoff**<br>Is-Sa Christabelle Borg<br>Għalliema |
| **09:50** | **Il-Kariżma etika msarrfa f'retorika effettiva: Id-diskorsi ta' Eddie Fenech Adami tal-1981 u l-1982**<br>Is-Sa Lara Stagno<br>Għalliema u riċerkatriċi |
| **10:05** | **Slogans elettorali: ir-retorika politika f'Malta**<br>Dr Anne Marie Thake<br>Dipartiment tal-Politika Pubblika |
| **10:20** | **Diskussjoni bis-sehem tal-udjenza** |
| **10:40** | **Waqfa għall-kafè** |
| | **It-tieni sessjoni**<br>Imexxi Dr George Vital Zammit<br>Dipartiment tal-Politika Pubblika |
| **11:05** | **Ir-retorika morali fid-dibattitu dwar l-introduzzjoni tal-abort f'Malta**<br>Is-Sur Clyde Puli<br>Soċjologu, Dipartiment tal-Politika Pubblika |

| | |
|---|---|
| **11:20** | **It-traġitt fil-ħsieb edukattiv: Ħarsa analitika lejn il-kitbiet ta' Ugo Mifsud Bonnici u Evarist Bartolo**<br>Dr Omar Seguna<br>Edukatur u Editur Letterarju ta' *It-Torċa* |
| **11:35** | **Mekkaniżmi ta' Persważjoni fil-Lingwaġġ Politiku Kontemporanju Malti**<br>Is-Sa Christa Boffa<br>Speċjalista tal-komunikazzjoni |
| **11:50** | **'Politika Nadifa, Soċjetà Ġusta': L-Ethos f'Diskors ta' Andrea Dibben**<br>Prof. Adrian Grima<br>Dipartiment tal-Malti |
| **12:05** | **Diskussjoni bis-sehem tal-udjenza** |
| **12:20** | **Riflessjonijiet finali**<br><br>Prof. Emanuel Said<br>Dekan tal-Fakultà tal-Ekonomija, Ġestjoni u Kontabilità<br><br>Prof. Michael Spagnol<br>Kap tad-Dipartiment tal-Malti |
| **12:40** | **Ritratt Kommemorattiv u għeluq tal-konferenza** |


Faculty of Economics,
Management & Accountancy
Public Policy

# L-Interdixxiplinarjetà, il-Politika u l-Lingwa

Carmen Sammut

Irroddilkom ħajr tal-istedina biex naqsam ftit ħsibijiet magħkom f'din il-konferenza dwar ir-Retorika Politika. Tlabtuni nitkellem b'mod speċifiku dwar l-interdixxiplinarjetà fid-dawl tal-*Pjan Strateġiku tal-Università ta' Malta 2020–2025* bil-kappell ta' Pro-Rettur. Imma ippermettuli nsellmilkom ukoll bil-kappell ta' akkademika u Maltija li għandha interess fil-qasam tal-komunikazzjoni politika. Kelli bilfors inżewweġ iż-żewġ temi flimkien u wara li ħejjejt id-diskors tiegħi, nagħraf li bosta mill-kummenti li ġejjin mhux bilfors jirrispekkjaw il-pożizzjoni tal-Università.

Din il-konferenza hija eżerċizzju fl-interdixxiplinarjetà għaliex għandha preżentazzjonijiet ġejjin minn oqsma varji u din hija wkoll kollaborazzjonijiet bejn żewġ dipartimenti f'żewġ fakultajiet. Hija waħda minn dawk il-konferenzi fejn noħorġu mis-silo ta' speċjalizzazzjoni stretta biex nieħdu perspettiva usa' u mill-aktar relevanti għas-soċjetà li ngħixu fiha.

Kif jgħid il-pjan strateġiku tal-Università:

> Ir-responsabbiltà fundamentali tal-Università hija li twassal edukazzjoni ta' livell għoli li ssarraf lill-istudenti tagħha f'ċittadini bil-ħiliet u l-kompetenzi li bihom ikunu jistgħu jsostnu u jkabbru l-ekonomija, itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-komunità, inkluż tal-membri l-aktar dgħajfa tagħha, u jħarsu l-ambjent soċjali u fiżiku. F'sitwazzjoni globali ta' bidliet kostanti u mgħaġġla, jgħid il-pjan strateġiku, l-Università jeħtieġ tipprovdi programmi ta' studju iżjed flessibbli li jkollhom element qawwi ta' multidixxiplinarjetà ...

Il-pjan imbagħad jiddikjara li minbarra t-tagħlim ta' dixxiplina speċifika, għandna nsaħħu u nappoġġjaw il-kisba ta' ħiliet differenti flimkien, bħall-ħsieb kritiku, id-dibattitu informattiv, il-komunikazzjoni u d-diskors pubbliku, kif ukoll il-ħiliet soċjali anki f'kuntest multidixxiplinarju.

Jekk hemm qasam li fejn hu kruċjali l-approċċ multidixxiplinarju huwa l-politika. Mhux biss importanti l-kompetenzi biex nifhmu proċessi politiċi u ekonomiċi, imma anki għaliex f'dinja dejjem aktar kumplessa u interkonnessa, meħtieġa tħejjija adekwata biex dawk kollha li jidħlu għall-politika jkollhom il-kompetenzi biex ikunu jistgħu jservu.

Aktarx għall-ewwel darba f'pajjiżna mill-Indipendenza 'l hawn, bdiet tgħolli rasha l-apatija politika, forsi xprunata mid-diżappunt. L-istħarriġ tal-opinjoni pubblika jurina li kieku ssir elezzjoni għada jkunu assenti folla mdaqqsa ta' votanti, li hemm min jistħajjilhom partit ieħor li hu inviżibbli u għadu mhux fondat, imma merħla mħallta u għax siekta hija bla xejn poter. Waqt li dan jista' jkun sinjal ta' distakk san u meritat lil hinn mill-klassi politika kurrenti, id-demokrazija f'pajjiżna wkoll tista' tiġi mheżża mill-aljenazzjoni: aljenazzjoni minflok attiviżmu. Aljenazzjoni mxettla min-nuqqas ta' fiduċja, li taqta' qalb min hu ġenwin u toħloq vakum perikoluż li faċilment jimtela minn politiċi tal-kartapesta, dawk li kapaċi jirbħu l-appoġġ sempliċement minħabba li jafu jrewħu retorika populista jew dawk li jwiegħdu l-impossibbli.

Niftakru wkoll li f'pajjiżna l-poplu kien dejjem jitqanqal bil-politika ta' *ifred u saltan*. Qabel konna nwaħħlu fl-Ingliżi u konna naħsbu li l-polarizzazzjoni hija speċi ta' konfoffa kolonjali biex dawn jibqgħu jiddeċiedu għalina mingħajr wisq reżistenza. F'Malta l-politika tal-*firda u saltan* rinforzata mir-retorika diviżiva baqgħu jispikkaw wara l-perjodu postkolonjali. Il-polarizzazzjoni tikkarga tant li rari nsibu okkażjoni nistaqsu: Illum il-ġurnata min jirbaħ jekk nibqgħu daqstant mifrudin? Sittin sena wara l-Indipendenza qatt daqs illum ma tinħass id-diviżjoni mrewħa minn forzi insidjużi li jibqgħu jgawdu jitla' minn jitla', għax bħal donnhom issibhom dejjem jantiċipaw ir-riżultat elettorali u jferrgħu l-aktar fil-kaxxa tal-partit li jkun se jitla' jew li jkun diġà tela'.

Niftakru li d-diskussjoni dwar il-finanzi tal-partiti li kienet waslet għat-twaqqif tal-Kummissjoni Galdes fid-disgħinijiet, għamlet proposti li qatt ma ġew implimentati. Bqajna qatt m'għamilna diskussjoni li tirriżolvi dan il-punt. Hemm min jissuspetta li l-midja tal-partiti (li huma kumpaniji li joperaw bħal parti mill-magna tal-partiti) aktarx li hija mod ieħor ta' kif jgħaddu l-flus mingħand in-negozju għand partit jew ieħor lil hinn minn kull kelb tal-għassa li jeżisti. Għandna sistema ta' midja li baqgħet tirrinforza l-polarizzazzjoni minkejja li x-xenarju tal-midja fl-era diġitali nbidel kompletament.

Dan jikkontribwixxi biex ir-retorika polarizzata tikkarga tant li rari nsibu okkażjoni nistaqsu: Illum il-ġurnata, min qiegħed jirbaħ jekk nibqgħu daqstant mifrudin? Ir-retorika politika tant hija diviżiva li dawk li jitkellmu dwar punti ta' konverġenza, spiss inħarsulhom b'suspett għax ikunu jitkellmu kontra l-kurrent u anki għax esperjenzajna wisq opportunitajiet mitlufa lejn soċjetà li kapaċi trendi lilha nnifisha meritokratika, inklussiva u nadifa.

Imma min se jibdel? Min se jservi ta' ispirazzjoni jekk il-polarizzazzjoni u l-firda huma l-fattizji tipiċi li minnhom ningħarfu u nfasslu l-identità tar-Repubblika tagħna. Il-firda spiss hija mqanqla minn emozzjonijiet, kultant ġenwini iżda spiss manipulati minn kampanji sistematiċi fil-logħba għall-poter politiku, ekonomiku jew kulturali. Waqt li kulħadd medhi jillatika, jgħajjar u jisfida, il-lingwaġġ sar belliġeranti u rari rispettuż, forsi sforz il-frustrazzjoni u r-rabja. Il-mezzi faċli u veloċi tal-midja socjali m'għandhomx filtru u kulħadd iżid id-doża f'argumenti li rarissmu jwassluna biex issir ġustizzja. La l-ġustizzja soċjali u lanqas il-ġustizzja istituzzjonali.

Nistqarru li f'pajjiżna minn dejjem kien moda l-assassinju tal-karattru, li wassal għal tbatija kbira għal familji ta' dawk involuti, għall-iżolament soċjali u għall-esodu. Matul l-għexieren tas-snin rajna eżilji u internament, akkużi ta' sedizzjoni, kundanni morali, interdetti, dfin fil-miżbla, ħabs u saħansitra assassinju politiku. Storikament wieħed mill-aktar każijiet kattivi kien dak li ġarrab Manwel Dimech mitt sena ilu. Iżda kemm kien hemm oħrajn li sofrew, pubblikament jew fis-skiet, minħabba l-affiljazzjoni politika jew kulturali tagħhom fl-aħħar sittin sena mindu sirna indipendenti, ħielsa u Ewropej? Attentati biex jiġu kkanċellati ideat u ħsejjes li kienu magħduda perikolużi kienu u għadhom komuni u ġejjin min-naħat kollha – qisu parparpatta.

Fl-era diġitali, l-individwu, anki jekk mhux persuna pubblika, sar issa ħafna aktar vulnerabbli għax it-tkissir tal-persuna jibqa' maħżun fil-memorja infinita tal-internet. Il-gideb fuqek aktarx isir parti mill-profil pubbliku dejjiemi tiegħek b'dik li nsejħulha Intelliġenza Artifiċjali. U għalkemm it-tkissir u l-insinwazzjonijiet mhux dejjem huwa parti mir-retorika politika formali tal-partiti politiċi, imma r-retorika politika uffiċjali tagħhom issir fil-kuntest ta' dan it-tkissir.

Dan għaliex l-era diġitali hija kkaratterizzata minn narrativa frammentata fejn m'għadx għandek udjenza tal-massa. Hija narrattiva ħafna aktar insidjuża u aktar penetranti għax il-ħsara li tkun laħqet saret ma ssewwihiex, anzi tiġi megħjuna bis-saħħa tal-algoritmi. Bosta drabi l-attakki fuq l-individwu jsiru abbażi ta' algoritmu li jipprovdi udjenza li tkun suxxettibbli temmen dak li jkun qiegħed jingħad. Maqfula fl-echo chamber tagħna diffiċli aktar nifhmu u nagħrfu xi jkun qiegħed iseħħ tassew.

Il-politiku m'għadx għandu l-poter ta' qabel bil-propaganda, spin, immaniġġjar tal-informazzjoni u relazzjonijiet pubbliċi. In-narrattiva uffiċjali spiss tiġi mminata, kemm għal tal-apposta mill-avversarji, imma kultant ukoll skont il-ħsejjes u l-burdata tan-nies f'dak il-mument. Eżempji ta' dan għandna bosta fid-dibattiti dwar l-immigrazzjoni; l-abort, id-drittijiet tan-nisa u ta' persuni LGBTIQ_. Xi deċiżjonijiet mill-klassi politika mhux dejjem jinżlu għasel mal-għeruq tal-partiti. Kumment kuntrarju ta' bniedem wieħed jista' jinfirex b'mod virali u jfarraklek in-narrattiva li tkun bnejt. Dan għandu t-tajjeb u l-ħażin tiegħu. Mal-ewwel daqqa t'għajn jidher li dan jippermetti lill-individwu jasserixxi l-veduti tiegħu jew tagħha b'impatt fuq diskussjoni demokratika u ħielsa. Madankollu jista' wkoll ixekkel lit-tmexxija politika milli tieħu deċiżjonijiet importanti iżda mhux popolari, b'impatt negattiv fuq is-soċjetà kollha jew setturi tas-soċjetà.

Punt ieħor huwa li llum sar diffiċli għaċ-ċittadini votanti li jagħrfu dak li huwa minnu u dak li huwa ħlieqa kompleta jew nofs verità. Spiss insib ruħi niftakar f'metafora li smajt fi ċkuniti, madwar nofs seklu ilu. Nina tal-Mużew ħejjietna għall-preċett f'era ħafna aktar innoċenti minn dik preżenti imma tibqa' ttimbrata f'moħħi lezzjoni dwar il-gideb u l-qlajjiet li donnha saret aktar relevanti fiż-żminijiet tal-lum. Kienet twiddibna li jekk ir-rix jilħaq joħroġ mill-investa, jinxtered mal-erbat irjieħ. Jekk wara jisgħobbik, kienet wissietna Nina, ma jkollok ħila qatt tiġbor lura dak ir-rix li jkun laħaq ħarab. Dan huwa fatt li jgħodd għal uħud min-narrattivi frammentati, kemm dawk ġejjin minn sorsi uffiċjali, u kemm dawk minn sorsi mhux formali b'aġenda speċifika, li jxerrdu l-gideb jew nofs veritajiet ma' kull riħ.

F'nofs is-seklu 19 Alexis de Tocqueville kien donnu bassar bi preċiżjoni liema bħalha, x'jista' jiġri. Hu kien qasam l-Atlantiku biex mar jistudja s-sistema tal-ħabsijiet fl-Istati Uniti. Aktar minn 150 sena ilu ppubblika l-ktieb *Democracy in Amerika* li fih iddikjara li d-despotiżmu fl-istati demokratiċi moderni se jkun agħar minn qatt qabel "*despotism in modern democratic nations may assume different traits from that of tyrants because it would be more extensive and more mild; it would degrade men [and women] without tormenting them*." L-akbar probabbiltà llum mhix li jsawtuk, jittorturawk jew

jaqtgħulek ilsienek imma li jassassinawlek il-karattru, joqtlulek ir-reputazzjoni tiegħek biex isikktuk. Din hija r-realtà tad-dinja tal-lum li ilna bosta snin nesperjenzawha anki fil-gżejjer tagħna.

Din toħloq ambjent tossiku li ġġiegħel lin-nies jidħlu f'qoxrithom jew, agħar minn hekk, it-tossiċità twassal għal esodu ta' individwi validi lil hinn mill-kamp pubbliku. Jekk se nibqgħu nkissru biss u ma nagħrfux sistemi alternattivi sani, jekk u ma nsewwux, x'se jsir minna? Illum, il-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni huma meqjusin fost l-akbar theddid għad-demokrazija nnifisha. Ħafna drabi meta xi drabi ż-żejt jitla' f'wiċċ l-ilma jkun tard wisq. X'impatt qiegħed iħalli dan fuq il-politika u x'motivazzjoni jifdallek tissogra ħajtek biex isservi fil-politika l-aktar jekk illum l-ideoloġiji u l-prinċipji donnhom twarrbu u l-element ta' missjoni naqas ukoll. Għalhekk illum il-ħtieġa ta' tħejjija politika hija akbar minn qatt qabel. Min ma jitħejjiex, aktar faċli jitkaxkar mal-ħalel qawwijin.

Hija aħbar tajba li d-Dipartiment tal-Politika Pubblika fl-Università ta' Malta se jaqta' l-għatx li kien hawn għall-kors fix-Xjenza Politika. It-talba għal taħriġ fil-politika kienet ilha għexieren ta' snin, u, qabel issa, dan ma mmaterjalizzax. Ċertament hemm domanda minn individwi interessati li ġejjin mill-politika, mill-ġurnaliżmu jew minn oqsma oħra fejn studenti prospettivi jkunu jixtiequ jirfinaw l-għarfien tagħhom. L-Università għandna riżorsi umani u esperti fix-xjenza politika li ssibhom mifruxin f'fakultajiet, Istituti u Ċentri varji u hija aħbar tajba li dawn poġġew madwar mejda u waslu għal programm validu u utli. Fin-nuqqas ta' dan konna qegħdin inħallu lill-partiti jħarrġu huma b'mod esklussiv lill-kandidati potenzjali tagħhom. Għalkemm dan kellu l-validità tiegħu, kien hemm il-periklu (jekk mhux garanzija) li l-politici tal-futur ikunu clones ta' dawk preżenti u li l-politiċi tal-futur ma jkunux f'qagħda jkampaw u jużaw l-għodda tal-imgħoddi.

Qabel nagħlaq irridu niftakru li l-irwol tal-akkademiku mhux biss hu li jħejji l-elit politika imma anki li jservi ta' intellettwali pubbliku. Hemm bżonn min jgħin biex is-soċjetà tagħna jkollha ħila tagħraf lill-korrott min-nadif u l-ġenwin; il-ġustizzja mill-inġustizzja, il-valuri u prinċipji mill-ippakkeġġjar tal-immaġini; is-sustanza mill-viżjoni medjokri, superfiċjali jew assenti. Meħtieġ nagħrfu nagħżlu l-fatti mill-gideb, nirribattu l-propaganda rħisa, il-miżinformazzjoni malizzjuża fina u r-retorika politika distruttiva li kapaċi tmarradna u therrina. Jekk dan ma jsirx lil hinn mill-poter tal-interessi politiċi u kummerċjali, jekk ma jsirx f'ambjent akkademiku multidixxiplinarju ma nafx fejn jista' jsir. Akkost li ninstema' naive nistaqsi *Jekk mhux aħna, min*?



# Il-Knisja u n-Narrattiva Reliġjuża fil-Kitba u d-Diskors ta' Duminku Mintoff

André P. DeBattista

Dom Mintoff (1916–2012) huwa magħruf bħala persunaġġ li kien iħobb iħaddem l-arti tar-retorika għal finijiet politiċi. Fuq dan inkiteb ħafna u hemm bosta sorsi fuq xiex wieħed jimxi, anki peress li d-diskorsi tiegħu kienu jkunu fit-tul, xi kultant tul ta' bosta sigħat. Hemm inqas materjal fuq il-kitba tiegħu, imma mir-riċerka li għamilt, hemm kuntrasti interessanti.

Hemm similaritajiet bejn il-kitba u d-diskorsi fejn tidħol il-viżjoni tiegħu; ċioè dik li jara lil Malta ħielsa minn kull rabta barranija imma li ssib postha fil-familja tan-nazzjonijiet, Malta sekolari b'element ta' antagoniżmu lejn il-Knisja (iżda mhux, neċessarjament, lejn il-Kristjaneżmu) u Welfare State msejjes fuq prinċipji Soċjalisti.

Imma lil hinn minn dan, hemm kuntrast qawwi bejn il-kitba u d-diskorsi tiegħu. Id-diskorsi kienu jsiru bil-Malti, filwaqt li l-kitba kienet kważi esklussivament bl-Ingliż. Id-diskorsi bil-Malti kienu jsiru spirtu pront, u ħafna drabi ma kienx joqgħod lura milli jitkellem xi ftit vulgari. Il-kitba kienet mirquma, b'sentenzi miktuba b'Ingliż fin u preċiż.

Huwa impossibbli fil-ħin allokat niffoka fuq kull aspett mir-retorika ta' Mintoff. Minflok, se niffoka fuq paradoss li naraw fil-kitba ta' Mintoff, li hu rifless ukoll fid-diskorsi tiegħu. Dan l-element huwa dak reliġjuż.

Hemm tliet elementi il-għaliex dan huwa sinifikattiv.

L-ewwel, hemm l-irwol tal-MUSEUM. Huwa jagħti krettu lill-għalliema tiegħu tal-MUSEUM li għallmitu jitkellem u jesprimi ruħu sew, u jammetti li ispira ruħu fid-diskorsi tiegħu mill-prietka tat-tifel ta' żmien il-Milied. Din għallmitu dwar il-bżonn li jitkellem b'mod sempliċi biex ifiehem x'inhi l-problema u l-mod kif din tista' tissolva flimkien (Mintoff, "Malta Mediterra" 123).

It-tieni, Mintoff jużа ton patrijarkali li jfakkarna ħafna fit-tematiċi tat-Testment il-Qadim. Mintoff, wara kollox, qed jitkellem u jikteb f'perjodu formattiv tal-istorja politika Maltija. Huwa perjodu fejn, sa dakinhar, il-ħafna punti ta' riferiment politiċi u ideoloġiċi kienu estranji għal Malta – il-Knisja, l-Italja u l-Ingilterra. Mintoff kellu wkoll l-għan li jibni narrattiva ta' poplu. Allura, bħalma fit-Testment il-Qadim naqraw dwar l-epika tal-Poplu ta' Iżrael u l-mixja tiegħu lejn l-art imwiegħda; hekk Mintoff itina rakkont tal-ġlieda tal-poplu Malti għall-ħelsien. Bħalma fit-Testment il-Qadim insibu l-parametri u l-prinċipji tat-tmexxija ta' poplu, hekk Mintoff jipprova jfassal kif jifhem hu l-prinċipji li għandhom jiggwidaw u jixprunaw l-istat. U bħalma t-Testment il-Qadim jagħti t-tama għall-futur, hekk Mintoff jinseġ narrattiva ta' emanċipazzjoni futura fid-dawl ta' ġlieda kontinwa.

It-tielet, minkejja dawn l-għejun ta' natura reliġjuża, Mintoff kellu relazzjoni ta' kuntrasti mal-fidi u mal-Knisja. It-tema tar-reliġjon hija waħda kważi ossessiva fir-retorika tiegħu. Wieħed jista' jissoponi li dan kien kemm minħabba l-influwenza tal-Knisja fil-ħajja ta' kuljum, kif ukoll

minħabba li din kienet l-ikbar sfida quddiemu. F'Mintoff, il-Knisja hija avversarju li magħha jrid jitħabat: jitħabat kontra l-konformità edukattiva mal-Brothers u fis-Seminarju; jitħabat mal-konvenzjonijiet ta' żmienu u jasal biex jammetti li hu anjostiku (75–100).

### L-iskontru mal-Knisja tas-snin sittin fil-kitbiet ta' Mintoff

Il-ħajja politika tiegħu ġabitu fi skontru iktar dirett kontra l-Knisja. Pereżempju, il-pamphlet tiegħu tal-1961, *Priests and Politics in Malta*, jakkuża lill-kleru li huma l-iktar grupp b'saħħtu f'Malta. Huwa jpoġġi l-ħtija tal-kolonjaliżmu fuqhom. Skontu, mingħajrhom, l-Ingliżi ma kienu qatt jidħlu Malta, u mingħajr il-koperazzjoni tagħhom, il-fortizza Ingliża ma kinitx iddum mija u sittin sena (Mintoff "Priest and Politics in Malta").[1]

Il-Gvern Kolonjali u l-ġerarkija tal-Knisja huma deskritti bħala t-tewmin kriminali tal-governanza f'Malta (Mintoff "Malta Mediterra" 73). Fi ktejjeb ieħor, huwa jakkuża l-Knisja Kattolika f'Malta li taddotta teknika Nazista biex tissoprimi l-libertà tal-kelma u tal-kuxjenza. Isejjaħ lill-membri tal-kleru bħala "priest-politicians" – anki biex jenfasizza l-ħabta bejn l-awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi (Mintoff "Britain, Malta and the Socialist International" u "Forward f'United Nations Debate").[2]

Minkejja din l-ostilità lejn il-Knisja, Mintoff jagħmel użu minn lingwaġġ psewdo-reliġjuż. Eżempju ta' dan insibuh fid-dokument "*Il-Kalvarju tal-Ħaddiem*" ippubblikat f'April tal-1964 ftit qabel ir-referendum dwar l-Indipendenza.[3] Miktub bil-Malti, hawn jargumenta li l-Knisja timmanipula l-proċess politiku permezz ta' struttura organizzata u mingħajr ħafna skrupli. Huwa jakkuża l-qassisin li għandhom is-setgħa li jibnu u jkissru l-gvernijiet skont kif jaqblilhom. Jakkuża lill-Knisja għall-falliment tal-Integration fl-1958, u jpinġi lill-Prim Ministru Borg Olivier bħala pupazz f'idejn il-Knisja. Jiddeskrivi l-indipendenza bħala waħda li tpoġġi l-interessi klerikali qabel kollox:

> Rebħa bħal din għal Borg Olivier tkun tfisser ukoll li l-qassisin, bil-klawsoli tal-kostituzzjoni li jmorru kontra d-drittijiet tal-bniedem, ikollhom is-saħħa legali li jwaqqfu f'Malta dittatorjat klerikali wisq agħar u li jdum iktar minn dak li hemm fil-Portugall ta' Salazar u dak fi Spanja ta' Franco (Mintoff "Il-Kalvarju tal-Ħaddiem" 16–17).

Mintoff huwa wkoll xettiku dwar min jinqeda bir-reliġjon għal skopijiet politiċi. Pereżempju, huwa ma tantx jgħaddi kumplimenti lill-Ordni ta' San Ġwann li "bl-iskuża li qegħdin jiddefendu r-reliġjon", dawn ħaqru lill-Maltin u ttrattawhom "ftit aħjar mill-ilsiera" (Mintoff "Il-Kalvarju tal-Ħaddiem" 43).

---

[1] Il-kwotazzjoni oriġinali taqra: "*Without the active assistance of the clergy, Britain would not have been able to set foot here. Without their valuable co-operation, this British fortress... would not have lasted one hundred and sixty years.*"

[2] Il-kwotazzjoni oriġinali taqra: "Criminal twin governance of the island".

[3] Ir-referendum kostituzzjonali dwar jekk Malta għandhiex tapprova l-Kostituzzjoni kif innegozjata mill-Gvern u approvata mill-Assemblea Leġiżlattiva sar bejn it-2 u l-4 ta' Mejju 1964.

### Mintoff fil-poter – eżempju ta' diskors politiku

Wara l-elezzjoni tal-1971, il-Mass Meeting isir il-mezz ta' komunikazzjoni prinċipali ta' Mintoff. Naturalment, hemm bosta diskorsi li wieħed jista' jiċċita, imma d-diskors ta' Mintoff liż-"Żgħażagħ Soċjalisti" ta' April tal-1981 jista' jittieħed bħala eżempju (Mintoff "Diskors ta' Dom Mintoff liz-zghazagh Socjalisti"). Dan kien wieħed mid-diskorsi li ngħataw fil-bidu tal-kwistjoni tal-Gvern kontra l-Iskejjel tal-Knisja.[4]

Huwa jqabbel lill-Partit Laburista mal-enċiklopedisti tal-Illuminiżmu. Mintoff jgħid li dawn tkellmu u kitbu kontra l-"Jedd Divin" tar-rejiet li jiggvernaw: "Qalulhom: mhux billi qed jgħid l-Arċisqof hekk, mhux billi qed jgħid il-kardinal hekk, mhux billi qed jgħid il-Papa hekk, dawn ħrejjef, temmnuhomx" (Mintoff "Diskors ta' Dom Mintoff liz-zghazagh Socjalisti").

Huwa jkompli jespandi fuq it-tagħlim tal-illuminiżmu, kif fehmu hu:

> Dawn qalulhom hekk: Alla ħalaq lil kulħadd xorta waħda – kulħadd tintu barra twieled. Kulħadd xorta waħda ħalqu u meta għamel ix-xemx ma qalx issa din ix-xemx tiddi fuq in-nobbli u ma tiddix fuq il-fqir; meta ta x-xita ma qalx issa din taqa' fuq ras il-kontessa u fuq ras il-bidwi ma taqax. Ix-xemx għamilha għal kulħadd; ix-xita għamilha għal kulħadd; il-mard għamlu għal kulħadd u m'hemmx privileġġi lil min se jolqot 'l hawn u lil min se jolqtu 'l hemm. U jekk se noqogħdu nħarsu lejn Alla, mela, sa fejn nafu aħna Alla għamilna kulħadd xorta. Aħna, bħala bnedmin, qed noħolqu din id-differenza kollha bejnietna u mhux Alla (Mintoff "Diskors ta' Dom Mintoff liz-zghazagh Socjalisti").

Hawnhekk, joħorġu ċar l-allużjonijiet Bibliċi għal Mattew 5:45[5].

> Tinsewx li Napuljun kien għadu kif ġej mir-rivoluzzjoni Franċiża fejn il-kleru, il-kardinali, bil-Papa b'kollox kieku marru kontra tagħhom, kienu xewxu lid-dinja kollha kontra tagħhom b'mod li f'Malta l-kelma ġakbini ma kinitx tfisser dak li tfisser band'oħra, jiġifieri wieħed li jrid ir-riforma, li jrid ineħħi l-ħażin u jagħmel it-tajjeb, iżda kienet tfisser wieħed xellerat, li hu l-agħar bniedem, insomma li hu qattiel tal-erwieħ. Tifhmuni intom (Mintoff "Diskors ta' Dom Mintoff liz-zghazagh Socjalisti").

Ir-referenza hawn hi ċara għall-udjenza tiegħu; wieħed mill-iktar posters kontroversjali fi żmien l-interdett kien dak li jakkuża lil Mintoff li hu proprju "qattiel tal-erwieħ" (Grech).

---

[4] Għal aktar informazzjoni dwar il-kwistjonijiet bejn l-Istat u l-Iskejjel tal-Knisja, ara Mizzi 389–427.

[5] "Hu jtalla' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex"

Mintoff jikkritika wkoll dak li, għal ħafna, jitqies bħala patrijott – Dun Mikiel Xerri. Naturalment, il-kritika lil Dun Mikiel Xerri hija wkoll marbuta mal-kritika lejn il-Knisja: "Wara li telaq Napuljun, dawn ir-riformi li saru minn Napuljun spiċċaw kollha. Il-Knisja reġgħet ġiet għal li kienet u ta' dan irringrazzjaw lil Dun Mikiel Xerri u l-oħrajn." (Mintoff "Diskors ta' Dom Mintoff liz-zghazagh Socjalisti").

Mintoff ipinġi lill-Knisja bħala istituzzjoni ta' poter u jħeġġeġ lis-segwaċi tiegħu biex jisfidawhom: "U għidulhom: intom meta kellkom is-saħħa f'idejkom għall-qassisin ħsibtu. Intom mhux skejjel bnejtu, iżda kemm Alla ħalaq knejjes mimlija fidda u deheb. Intom bnejtu kunventi, bnejtu ħafna affarijiet għalikom u għall-poplu skejjel ma għamiltux." (Mintoff "Diskors ta' Dom Mintoff liz-zghazagh Socjalisti").

Jużа dan id-diskors biex jagħmel kuntrast ma' dak li għamel Gvern Soċjalista: "Kien irid ikun Gvern Soċjalista biex għamilhom dawn l-affarijiet. Kienu dawk l-imqarbin, dawk l-imdawlin bl-għerf tal-enċiklopedisti, dawk li fehmu li r-rivoluzzjoni ħalliet il-ġid ukoll, barra li qatgħet l-irjus." (Mintoff "Diskors ta' Dom Mintoff liz-zghazagh Socjalisti").

Mintoff, però, joqgħod attent li ma jħawwadx il-Knisja mat-tagħlim ta' Kristu. Fil-fatt jgħid hekk: "imma mhux jeħel kulħadd u nagħtu l-impressjoni li qisna issa aħna se mmorru kontra Kristu. Immorru kontra Mercieca kemm tridu intom, għax ma naqblux miegħu. Hu qalgħu dan l-inkwiet kollu u ħadd aktar." (Mintoff "Diskors ta' Dom Mintoff liz-zghazagh Socjalisti"). Hawnhekk, ovvjament, Mintoff qed ikun ekonomiku ħafna dwar il-verità tal-fatti.

Però huwa interessanti l-mod kif jibni dan l-argument Mintoff. Għalih huma l-prinċipji Soċjalisti li huma eqreb lejn it-tagħlim ta' Kristu. Min-naħa tal-Knisja, hija qed tittradixxi dak li tgħid li temmen fih; f'dan il-każ, huwa jużа l-kwistjoni tal-miżati fl-iskejjel tal-Knisja biex jgħid li dan mhux koerenti mal-"kliem ta' Kristu."

Mintoff jużа t-tattika li kien jużа mal-Arċisqof Mikiel Gonzi u jirreferi għall-Arċisqof Ġużeppi Mercieca bħala "Sur Mercieca" – mingħajr ebda titlu ekkleżjastiku. Il-kritika lejh hija waħda diretta, mingħajr ħafna tidwir mal-lewża u b'mod antagonistiku għall-aħħar: "int ħassartu dak il-ftehim għax ma ridtx toħroġ mill-flus li għandha l-Knisja biex tara li t-tfal imorru l-iskola b'xejn." (Mintoff "Diskors ta' Dom Mintoff liz-zghazagh Socjalisti").

Dan l-antagoniżmu ma' naqas qatt fil-ħsieb ta' Mintoff, anki wara li rriżenja minn Prim Ministru.

## Mintoff wara li rtira

Fis-snin 90, Mintoff jerġa' jirritorna jikteb fil-ġurnal il-ġdid *The Malta Independent*. Xi wħud minn dawn il-kitbiet inġabru fi ktejjeb ippubblikat mill-istess Standard Publications fl-2013 (Grima). Dawn il-kitbiet huma riżorsa importanti biex wieħed jifhem il-mod kif Mintoff jara d-dinja. L-antiklerikaliżmu tiegħu f'dan il-perjodu jibqa' hemm, imma r-riflessjonijiet tiegħu fuq il-Knisja u l-fidi huma iktar kumplessi. Juri ċerta ammirazzjoni lejn it-tagħlim tan-Nazzarenu imma għandu diffidenza kbira lejn ir-reliġjon organizzata.

Joħroġ ukoll ċar f'dan il-perjodu li, essenzjalment, huwa jqis it-twemmin politiku tiegħu bħala forma ta' reliġjon. F'artiklu li kiteb għal *The Malta Independent* fil-15 ta' Awwissu 1993, Mintoff jipprova jibni paralleli bejn il-politika u r-reliġjon. It-tnejn li huma azzjonijiet ta' "fidi". Iżid id-doża; skont Mintoff, il-politiċi għandhom ikunu bħal Ġesù u l-Appostli li mhux sempliċement ħarsu biss b'mod astratt lejn ir-ruħ tal-bniedem imma kellhom ukoll esperjenza tal-ħajja permezz tax-xogħol li għamlu. Ikompli jibni l-analoġija tiegħu billi juża l-eżempju ta' San Pawl – dan ma biddilx id-diska skont kemm ċapċpulu jew issuttawh (Grima 100)!

Naturalment, hawn Mintoff mhux qed jipprietka b'mod astratt. Hija botta ċara lejn il-Mexxej tal-Partit Laburista Dr Alfred Sant li, dak iż-żmien, introduċa stil ta' tmexxija ġdida fi ħdan il-partit. Għal Mintoff, kwartieri ġodda, stil ġdid u stazzjon televiżiv ġdid mhux biżżejjed biex jgħinu lil wieħed isib il-fidi politika (Grima 100).

### Għeluq

Dan in-nuqqas ta' distinzjoni fi ħsieb Mintoff bejn il-fidi u l-politika – u l-ossessjoni kważi patoloġika dwar il-Knisja – m'għandhomx jissorprenduna. Fl-awtobijografija tiegħu jisħaq li huwa biddel il-fidi Kattolika infantili (childish Catholic faith) mal-kredu Soċjalista. Għal Mintoff, il-politika hija forma ta' reliġjon u tieħu post il-fidi.

Dan jgħinna nifhmu għaliex Mintoff kien ikun daqshekk aħrax fid-diskorsu u fl-azzjonijiet tiegħu – dawk li ma kinux jaqblu miegħu ma kinux biss qed juru differenza ta' opinjoni imma kienu qed jattakkaw l-artikli tal-fidi li hu tant kien jemmen fihom. B'mod ironiku, kien dommatiku daqskemm kien dommatiku l-Kattoliċiżmu li tant kien jistqarr li jdejqu!

Però ma kienx biss id-dommatiżmu li kien idejqu. Huwa jiddeskrivi l-Knisja bħala istituzzjoni għatxana għall-poter u medjevali, b'teoloġija "anti-Nisranija" li toqtol il-kuxjenza soċjali u tixpruna l-ipokrezija. Huwa jgħid li dan kien li wasslu għall-umaniżmu soċjalista (Mintoff "Diskors ta' Dom Mintoff liz-zghazagh Socjalisti" 137).

Fl-istess waqt, fi kliemu stess, l-istil retoriku tiegħu huwa influwenzat mill-Knisja. Però, nistgħu naraw l-influwenzi ekkleżjastiċi anki fil-kitba tiegħu. Huwa jikteb fi stil dommatiku fejn juża l-passat biex jislet lezzjonijiet dwar il-"poplu" tiegħu. Jikteb dwar il-ġrajja tal-"ħelsien" b'mod simili għal wieħed li qed jiddeskrivi l-mixja lejn l-art imwiegħda.

Filwaqt li Mintoff jiċħad il-Kristjaniżmu, huwa xorta juża lingwaġġ ta' fidi – fidi soċjalista fejn hu jista jservi ta' qassis il-kbir, profeta u salvatur.

Biblijografija

DeBattista, André, P. (2020) *The 'Mighty Pen' as a Political Tool: Some insights from the writings of Dom Mintoff* f'Vassallo M & Tabone C. (Eds.) *Public Life in Malta III: Essays on Governance, Politics and Public Affairs in the EU's Smallest Member State*, Malta: Department of Public Policy, University of Malta, 2020.

Grech, Sergio. (2022) *Archbishop Michael Gonzi in a Changing Malta*. Malta: Doctoral Dissertation presented at the University of Malta.

Grima, Noel (ed.) (2013), *Mintoff: The Malta Independent Articles*, Malta: Standard Publications.

Mifsud Bonnici, Karmenu. (1985) Karmenu: Is-Snin tat-Tħejjija – Diskorsi ta' Karmenu Mifsud Bonnici Miġbura mid-Dipartiment tat-Tagħrif tal-Partit tal-Ħaddiema, Malta: Sensiela Kotba Soċjalisti.

Mintoff, Dom. (1961a) *Priests and Politics in Malta*: A Brief Analysis, Malta.

—. (1961b) *Britain, Malta and the Socialist International, Malta u Mintoff*, D. (1963).

—. (1963) *Forward f'United Nations Debate – Independence for Malta*. Malta.

—. (1964) *Il-Kalvarju tal-Ħaddiem*, Malta: Freedom Press.

—. (1981) *Diskors ta' Dom Mintoff liz-Zghazagh Socjalisti – April 1981*, f'L-Għaqda – Harga Specjali, Mejju 1981.

—. (2018) *Mintoff, Malta Mediterra: My Youth*. Malta: Association for Justice, Equality and Peace.

Mizzi, Edgar. (1995) *Malta in the Making, 1962 – 1987: An Eyewitness Account*, Malta.



# L-Arti tal-Kelma fid-Diskorsi Politiċi ta' Duminku Mintoff

Christabelle Borg

F'dan id-diskors se niskopri aħjar lil Duminku Mintoff minn kliemu. Għalija l-kelma għandha saħħa qawwija. Kif kien jgħidli wieħed mit-tuturi tiegħi, Prof. Oliver Friggieri, b'kelma tista' tibni jew tkisser ħbiberija, relazzjoni u saħansitra nazzjon. Il-kelma hi arti fiha nnifisha u jeħtieġ li tiġi studjata b'reqqa għaliex tixħet dawl fuq bosta affarijiet, u bla ma nafu tgħinna nifhmu aħjar lill-persuna li tkun lissnitha. Kien għalhekk li għat-teżi tiegħi għażilt li nistudja għadd ta' diskorsi politiċi li għamel Mintoff waqt meetings pubbliċi fl-1962.

Malta tas-snin sittin kienet għaddejja minn perjodu ta' taqlib kbir. Kienet għadha marbuta ma' tip ta' mentalità li fiha l-istituzzjoni tal-Knisja Kattolika kellha l-poter morali kollu f'idejha, u dan ħalla effetti kbar fuq il-poter politiku. Mintoff, bħala l-mexxej tal-Partit Laburista, u l-Kurja, kienu għaddejjin bil-ġlieda politika-ekkleżjastika. Ir-rabja li kienet qiegħda tikbes f'Mintoff minħabba għadd ta' restrizzjonijiet ħarġet fid-diskorsi mqanqla tiegħu u tinħass fix-xejriet ta' amplifikazzjoni fil-metafori u fit-ton ironiku. Il-kelma "interdett" innifisha kienet tesprimi tajjeb il-kunflitt bejn iż-żewġ naħat, il-ħajt li ttella' bejniethom, u kienet tinstema' sew fil-pjazza meta l-miġemgħa kienet tinġabar għal xi mass meeting.

Mintoff, f'diskorsu, kien kapaċi jinqeda bil-lingwa ta' kuljum biex iwassal messaġġ politiku lill-partitarji tiegħu b'lingwa li fil-fatt mhix ta' kuljum u li maż-żmien uriet li kellu ħila retorika mhux tas-soltu. Dan għamlu bit-tħaddim ta' bosta xbihat figurattivi, fost diversi strateġiji u tekniki oħrajn.

Qabelxejn, Mintoff jirnexxilu jinqeda bil-metafora kunċettwali, tip ta' metafora li tixref fil-ħajja ta' kuljum, mhux biss fil-lingwa iżda wkoll fil-ħsibijiet u fl-azzjonijiet tal-bniedem. Din il-metafora jagħmilha tidher importanti, ikbar u aħjar billi jagħtiha ħajja ġdida, anki jekk tkun konvenzjonali.

Fid-diskors tal-21 ta' Jannar Mintoff jinqeda bil-metafora kunċettwali tal-fqir bħala frotta għax il-frotta hija s-sors tagħha u l-fqir huwa l-mira. Hu jispjega kif fi tfulitu stajt "tgħaddi għomrok tiddiskla, tagħsar il-fqir". Jekk kont "tħalli kollox għal ruħek, kollox jinħafer u ssir ruħ tajba". Għad li l-kelma "frotta" ma tingħadx espliċitament mill-kelliem, inħoss li l-udjenza setgħet fehmet mal-ewwel x'kien qiegħed ifisser, Mintoff, bil-verb "tagħsar". Huwa verb li tipikament jiġi assoċjat ma' frotta bħal xi lumija li tingħasar. F'dan l-eżempju, Mintoff iħeġġeġ lill-udjenza titlaq mid-dominju tal-frott biex tkun tista' tifhem id-dominju tal-bniedem, pass li jċekken lill-fqir ġaladarba persuna tibda tiftiehem f'termini ta' xi ħaġa li mhijiex persuna. Fil-proċess tal-għasir, il-frotta titlef is-sustanzi u l-vitamini ewlenin tagħha. Tiġi mġiegħla tarmi lilha nnifisha biex tingħata lil ħaddieħor ħalli jagħmel li jrid biha. L-għasir fil-bniedem hu wieħed karatterjali u personali. It-trepidazzjoni ġewwiena li jgħaddi minnha l-fqir ma tibqax maqfula fih.

Il-metafora kunċettwali mħaddma tiffoka fuq il-mument li fih il-frotta tinqata' biex tingħasar. Kif isostnu Lakoff u Turner (13), il-mument tal-qtugħ huwa l-mument tal-mewt. Għaldaqstant, din il-metafora kunċettwali mhijiex qiegħda tuża ċ-ċiklu tal-ħajja tal-frotta biex tfiehem lill-

udjenza xi stadju partikolari f'ħajjet il-bniedem, imma l-ħajja li nqatgħet u ntemmet ħesrem mingħajr ebda dinjità.

Mintoff irnexxielu jorganizza b'mod ġdid ukoll, is-similitudni, f'diskorsu. Fid-diskors tal-4 ta' Frar 1962, Mintoff ixebbah il-ħolqien tad-dnubiet il-ġodda min-naħa tal-Knisja Kattolika Maltija mal-moda: "insaqsuhom lil dawn li ħarġu b'dawn il-ħafna dnubiet ġodda, qisu moda, daqqa dublett twil u daqqa dublett qasir ... daqqa kappell 'l hawn u daqqa kappell 'l hemm." Bħalma l-moda tinbidel il-ħin kollu, hekk ukoll kien qiegħed jiġri bil-ħolqien tad-dnubiet il-ġodda. Mintoff iqabbel qasam li suppost huwa spiritwali u reliġjuż ma' qasam li huwa maħluq mill-bnedmin biex jagħti pjaċir lil min isegwih. B'hekk dan ix-xebh jirriduċi valur spiritwali f'oġġett materjali.

Il-ħajja relattivament qasira li kien ikollhom id-dnubiet il-ġodda, fid-diskors tal-4 ta' Frar, ixebbahha ma' "nbid li żvinta, issa sar ħall." Fl-isfond ta' din ix-xbieha li joħloq Mintoff hemm aktarx il-qawl li jgħid li "l-ħall qatt ma sar inbid", imma fir-rakkont tiegħu jaqleb il-proċess. L-udjenza bħallikieku setgħet tara quddiem għajnejha l-inbid jinbidel f'ħall wara ftit li jkun inżamm bla tapp. Bl-istess mod, l-udjenza setgħet tara l-Knisja tabbanduna għadd ta' kmandamenti u dnubiet ftit wara li toħloqhom. Għall-poeti Romantiċi, l-inbid iferraħ u jgħaqqad lill-familji mdawrin mal-mejda tal-ikel. Fil-poeżija "Lid-Dielja," Dun Karm jindirizza lid-dielja daqslikieku kienet bniedma oħra tad-demm u l-laħam. Hi d-dielja li tonfoħ "il-għenba lewn id-deh'b li jilma" (Grima, "*Dgħajjes Qodma*" 7) sabiex biha jfawru "l-btieti bi nbid safi" (7). L-inbid li jsemmi Mintoff ftit li xejn għandu x'jaqsam mal-inbid tar-Romantiċi. It-togħma tal-inbid issir it-togħma tal-mewt.

Fid-29 ta' April, Mintoff jispjega kif li kieku ma kienx għall-Moviment tal-Ħaddiema, kieku "n-nies għadhom jinbiegħu bħalma kienu jinbiegħu s-siġġijiet". Il-ħaddiem jixxebbah mas-siġġijiet li kienu u għadhom jinbiegħu fis-suq. Is-siġġu hu bla ħajja, ma jitkellimx, joqgħod fejn tqiegħdu, iġorr it-toqol ta' min joqgħod bilqiegħda fuqu, tagħmel li trid bih, ma jesprimix l-emozzjonijiet u l-weġgħat tiegħu. Għaldaqstant, ix-xebh tal-ħaddiem mas-siġġijiet minnu nnifsu jirriduċi lill-bniedem għal oġġett li hu nieqes minn kull umanità u ħajja. Il-ħaddiem isir oġġett ieħor fil-lista tas-suq li jista' jinxtara u jiġi sfruttat minn min jikkmandah.

Aktar tard fid-diskors tad-29 ta' April, Mintoff jirrikorri għal similitudni oħra biex jistqarr li bħala poplu, ma konniex "lesti li nkunu bħat-trabi u nitolbu l-gażażа u jekk ma jagħtuhilniex nibku u dak kollu". Mintoff jaqbad dan l-istadju tal-ħajja li tipikament iġib miegħu sens ta' simpatija u ħlewwa biex imur kontrih. Jekk it-trabi huma fraġli għax jiddependu fuq ommhom u missierhom għall-għejxien tagħhom, il-poplu Malti ma kienx lest li jistrieħ fuq il-ħakkiem Ingliż għall-għejxien tiegħu. Jekk il-ħakkiem sa dak iż-żmien ipprova jippreżenta ruħu bħala missier twajjeb li jaf jindokra wlied li ma kinux demmu u nislu, ma kienx se jibqa' jirnexxilu. Jekk it-trabi jafu jibku biss biex jiġbdu l-attenzjoni tal-adult, il-poplu Malti kellu bosta kwalitajiet li jiddistingwuh minn kull ġens ieħor u kien kapaċi jkun indipendenti anki jekk l-istess Indipendenza kienet għadha ma waslitx. Il-gażażа użata wkoll f'sens metaforiku setgħet tirrappreżenta dawk il-miżuri li għad li dehru qegħdin jgħinu lill-poplu Malti, fil-fatt kienu qegħdin jagħmlulu aktar ħsara.

Mintoff ta' sikwit jagħmilha tal-eseġeta fid-diskorsi tiegħu huwa u jinterpreta u jagħmel kontroeżami verament konvinċenti tal-parabboli użati kontrih u kontra l-partitarji Laburisti. Ngħidu aħna, fil-11 ta' Marzu, Mintoff jaqbad il-parabbola tal-iben il-ħali użata mill-Arċisqof Gonzi kontra l-Partit Laburista, u jagħmel dekostruzzjoni ta' dik l-applikazzjoni li fil-fehma tiegħu hija żbaljata u mnawra. Mintoff ma jaċċettax li l-partit tiegħu jixxebbah mal-iben il-ħali. Minflok jistaqsi b'mod retoriku jekk il-Partit Laburista talabx jew irċeviex xi sehem bħal tal-iben il-ħali; imbagħad jistaqsi jekk id-daqqiet fuq rasek li jimplika li tathomlu l-Knisja Kattolika, tistax tberbaqhom. B'dan il-mod jinqeda bis-sarkażmu biex jattakka l-awtorità morali tal-Knisja għaliex, skontu, il-Vanġelu minflok tużah biex ixxerred il-valuri ta' Kristu, tużah biex teqred l-għedewwa tagħha u biex tkabbar id-distanza bejn "aħna" u "huma." Il-bir tal-lingwaġġ li ta' spiss itella' minnu huwa t-test bibliku u miegħu l-lingwaġġ tal-Bibbja li daħal u sar parti mil-lingwaġġ tal-poplu. Dan il-lingwaġġ ma jixrifx biss meta Mintoff ikun qiegħed jitkellem direttament fuq ir-reliġjon. Il-battalja li kienet għaddejja fil-pajjiż jiddeskriviha bħala qaddisa. Is-sħubija mal-Partit Laburista permezz ta' miżata li titħallas ifissirha bħala magħmudija. Il-baġit li jsir taħt in-Nazzjonalisti jfissru b'mod ironiku bħala miraklu, waqt li r-restrizzjonijiet imposti fuq il-Partit Laburista u l-partitarji tiegħu bl-interdett jiddeskrivihom b'mod sarkastiku bħala kmandamenti.

It-test bibliku seta' affettwa d-diskors tiegħu fuq livell strutturali wkoll. Il-mexxej Laburista jibda diversi sentenzi wara xulxin bil-konġunzjoni 'u':

> U aħna jidhrilna li d-dinja llum taf, taf ċar mingħajr l-ebda dubju li l-poplu Malti jrid jeħles mill-madmad tal-kolonjaliżmu, irid jeħles mill-Gvern Ingliż. U aħna jidhrilna min illum aċċetta l-piż li jmexxi l-pajjiż ma jistax jaħrab minn dina r-responsabbiltà. U għandu jagħmel ħiltu kollha biex dina x-xewqa tal-popolazzjoni sseħħ.

Ward (105) jipproponi li dan it-tħaddim tal-polisindeto fil-bidu ta' sentenzi, jidwi l-vuċi biblika. L-użu ta' din it-teknika jista' faċilment jintlemaħ fit-test bibliku, partikolarment fil-ktieb tal-Ġenesi. Dan jista' jkun li seħħ billi Mintoff kien iħobb jikkonsulta l-Bibbja biex ikun jaf kif għandu jindirizza l-kwistjonijiet li kienu qegħdin jinqalgħu fil-ġlieda bejn l-Istat u l-Kurja (Mercieca 69).

Fl-aħħar nett, nixtieq nikkummenta dwar it-tħaddim tar-ripetizzjoni bħala waħda mill-għodod stilistiċi ewlenin tiegħu. Id-diskorsi tiegħu wrewni li meta titħaddem sew, ir-ripetizzjoni ma tirrepetix. Kull ripetizzjoni hi differenti. Ir-ripetizzjoni tal-istess anafora jew epifora jista' jkollha funzjonijiet u skopijiet differenti. Il-kelliem iqajjem diversi mistoqsijiet retoriċi. L-ebda mistoqsija mhi l-istess anki jekk saħansitra jirrepeti l-istess mistoqsija ftit wara li jkun qalha jew f'partijiet differenti tad-diskors jew minn diskors għal ieħor. Kull mistoqsija retorika, bħal kull strateġija oħra, ma titħaddimx darba biss, imma tibqa' tfiġġ f'kull diskors, b'iżjed forza. Ir-retorika ta' Mintoff tinqeda b'elementi tal-lingwa li diġà jeżistu biex jorganizzahom b'mod ġdid ħalli jkun jista' joħloq il-ġdid. Għalkemm il-kelliem jorganizza b'mod ġdid, xorta waħda jippreżenta l-ġdid daqslikieku kien ta' kuljum u ordinarju, dirett u sempliċi biex jiftiehem mill-kotra miġbura quddiemu. Aspett ewlieni li laqatni jien u nanalizza d-diskorsi ta' Mintoff kien is-sens ta' ħeffa li bih juża u jinqeda bil-lingwaġġ figurattiv kemm fuq il-livell tal-kelma u l-frażi

kif ukoll fuq il-livell ta' diskors. Dan il-lingwaġġ ħalla fl-udjenza sens ta' ewforija għall-kliem li kienet qiegħda tisma' u rnexxielu jolqotha fil-laħam il-ħaj.

### Biblijografija


Grima, Adrian. ""Dgħajjes Qodma u Maħmuġin" Dun Karm, id-Dielja u l-Barranin." Diskors fl-Okkażjoni tas-Serata Jum Dun Karm, 29 ta' Ottubru 2004, Sala Robert Sammut, Floriana.

Lakoff, George, u Mark Turner. *More than Cool Reason: A Field Guide to Poetic Metaphor*. University of Chicago Press, 1989.

Mercieca, Simon. "Il-Perit Duminku Mintoff u l-Immakulata (1916–2012)." *Duminku Mintoff bejn storja u miti, ġabra ta' kitbiet*, Horizons, 2012, pp. 59–78.

Mintoff, Dom. "Meeting tal-Malta Labour Party li sar nhar il-Ħadd, 21 ta' Jannar 1962, fis-2:30pm fi Gżira Circus, Gżira." Ċentru ta' Riċerka u Dokumentazzjoni – Partit Nazzjonalista, 1962.

—. "Meeting tal-Malta Labour Party li sar nhar il-Ħadd 4 ta' Frar 1962, fl-10:00am f'Parish Square, Mellieħa." Ċentru ta' Riċerka u Dokumentazzjoni – Partit Nazzjonalista, 1962.

—. "Meeting tal-Malta Labour Party li sar nhar il-Ħadd 11 ta' Marzu 1962, fid-9:30am f'Christ the King Square, Pawla." Ċentru ta' Riċerka u Dokumentazzjoni – Partit Nazzjonalista, 1962.

—. "Meeting tal-Malta Labour Party li sar nhar il-Ħadd 29 ta' April 1962, fl-4:00pm fi Blata l-Bajda, Ħamrun." Ċentru ta' Riċerka u Dokumentazzjoni – Partit Nazzjonalista, 1962.

Ward, Farnsworth. *Farnsworth's Classical English Rhetoric*. David R. Godine, 2010.



# Il-Karizma Etika Msarrfa f'Retorika Effettiva: Id-Diskorsi ta' Eddie Fenech Adami tal-1981 u l-1982

Lara Stagno

## L-isfond storiku

Ir-retorika pubblika, bir-raġun kollu, titqawwa f'mument ta' kriżi politika jew deċiżjonijiet politiċi krucjali. Id-diskorsi politiċi tal-1981 u l-1982 seħħew f'kuntest kontroversjali u uniku fl-istorja politika Maltija: il-kampanja elettorali li wasslet għall-elezzjoni ta' Diċembru li kif stqarr Oliver Friggieri "pproduċiet riżultat li Mintoff stess stqarr li kien pervers" (Eddie Fenech Adami 14). Dan għaliex il-Partit Laburista kiseb il-maġġoranza ta' siġġijiet fil-Parlament u l-minoranza ta' voti, waqt li l-Partit Nazzjonalista kiseb il-maġġoranza tal-voti u l-minoranza ta' siġġijiet. Bħala mexxej relattivament ġdid, b'erba' snin biss ta' esperjenza, meta mqabbel mar-rival tiegħu, Dom Mintoff, bi tnejn u tletin sena fil-politika, Fenech Adami ried jistabbilixxi lilu nnifsu permezz ta' kliemu u għemilu sabiex jikseb il-fiduċja tal-maġġoranza tal-poplu Malti. L-isfidi tiegħu f'dawk is-sentejn kienu fuq żewġ livelli: fuq naħa l-paċifikazzjoni tat-tensjonijiet li żviluppaw bejn iż-żewġ partiti, u fuq in-naħa l-oħra l-kriżi kostituzzjonali maħluqa mir-riżultat pervers tal-elezzjoni. Aktar 'il quddiem żdiedet sfida oħra, din id-darba internazzjonali, għat-tisħib ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Fenech Adami rrikorra l-ewwel għad-djalogu, bħala forma ta' medjazzjoni mibdija, bi tweġibiet pubbliċi għal dak li jkun stqarr l-avversarju politiku tiegħu f'diskors preċedenti; imbagħad "b'reazzjonijiet intensi mill-Partit Nazzjonalista, fosthom il-bojkott lil Xandir Malta, l-assenza mill-postijiet tax-xogħol fl-Imnarja, l-assenteiżmu parlamentari u "l-'mass meetings' verament kbar" (Friggieri, "Eddie Fenech Adami" 14). Fenech Adami: avukat, politiku, kap ta' familja u bniedem bi prinċipji Demokristjani – seta' jitqies, f'dawn iċ-ċirkostanzi u r-reazzjonijiet tiegħu għalihom, bħala bniedem b'kariżma etika?

## X'inhi l-kariżma etika?

Oriġinarjament, il-kariżma kellha definizzjoni ta' natura reliġjuża kif enfasizza Rudolf Sohms meta qal li "l-kariżma ġejja minn Alla ... u s-servizz li tevoka l-kariżma huwa wieħed impost minn Alla, u huwa awtorità li taqdi lill-knisja, u mhux lill-komunità lokali" (kif ikkwotat minn Schweitzer 151–152). Filwaqt li jaċċetta din id-definizzjoni dommatika, Max Weber jikkonkludi li f'dan il-kuntest esklussivament divin, pjuttost ipprojbit lill-politiku, qajla seta' jkun hemm is-sens ta' kariżma politika. Għalih, il-qofol tal-kariżma jinsab fit-talent individwali, fil-persuna mogħnija b'sejħa naturali biex tiddedika l-għomor sħiħ tagħha għal missjoni partikolari (150–151). Arthur Schweitzer jelabora li, bla dubju ta' xejn, teżisti xi għamla ta' relazzjoni intrinsika bejn it-talent retoriku u s-sejħa għal missjoni jew ideoloġija li timmotiva l-ħila innata tal-kelliem, iżda l-argument aktar profond huwa jekk il-kariżma għandhiex biss portavuċi fil-bniedem altruwistiku, u għalhekk etiku, jew tistax tkun ukoll frott l-egoċentriżmu u l-gwadann egoistiku.

Il-mexxej kariżmatiku, oratur effettiv li jispira fis-segwaċi tiegħu fiduċja sħiħa fit-twettiq ta' eżekuzzjoni straordinarja jew ta' bidla radikali fil-prinċipji, mhux neċessarjament ikun qed jimxi fuq prinċipji etiċi. Matul iż-żmien, bosta mexxejja, kemm politiċi kif ukoll reliġjużi, tqiesu bħala kariżmatiċi. Skont dan il-kriterju waħdu, jistgħu jitpoġġew flimkien figuri magħrufin bħal Ġesu Kristu, Mahatma Gandhi, Mosè, Adolf Hitler u Benito Mussolini, eżempji storiċi

li Carl J. Friedrich iqishom bħala kategorija problematika għax, "anki psikoloġikament, dan it-tlaqqigħ flimkien ta' demagogi, kapijiet ta' movimenti totalitarji u fundaturi ta' reliġjonijiet, huwa ambigwu" (15–16). Din il-ġemgħa kuntrastanti ta' persunaġġi b'motivi opposti fi spazji kulturali differenti għandha tnebbaħna li t-terminu "karizma" mhuwiex intrinsiku għall-morali tajbin biss, għad li jeżistu "karizmi etiċi" wkoll, f'persunaġġi li lesti jilqgħu l-opinjonijiet tas-segwaċi tagħhom waqt li jħaddnu wkoll valuri sodi li lesti jaqsmu mal-udjenza tagħhom fl-interess komuni (Howell and Avolio 43).

John Quincy Adams, is-sitt President tal-Istati Uniti, bħala oratur b'kuxjenza li jeżemplifika l-karizma etika bbażata fuq sett ta' prinċipji morali, kien jemmen li l-kelliem pubbliku u l-morali sodi għandhom jimxu id f'id u jiddikjara dan b'mod espliċitu fil-ktieb tiegħu *Lectures on Rhetoric and Oratory*: "Ma nistgħux nisseparaw il-karattru morali tal-oratur mill-potenzjal tad-diskors tiegħu. Jekk nassumu bħala punt magħruf, li bniedem hu nieqes mill-integrità, ikollna narmu kull fiduċja fid-diskors tiegħu, u kull rieda tajba f'persuntu" (kif ikkwotat minn Portolano 486). L-intenzjoni ta' argumentazzjoni loġika hi li tħalli impatt fuq l-udjenza billi timmodifika l-konvinzjonijiet tagħha u tipprova tikseb qbil bejn il-mentalità tal-oratur u tas-semmiegħa aktar milli timponi r-rieda tagħha b'kontroll (Perelman 11). L-etika u l-morali mhumiex kwalitajiet dittatorjali iżda gwida li tħalli lis-semmiegħa fil-libertà biex jiġbdu l-konklużjonijiet tagħhom minn dak li jkun qed jingħad.

Ħafna kummentaturi politiċi jqisu l-karriera pubblika ta' Fenech Adami bħala waħda kkaratterizzata minn bilanċ bejn il-karizma meħtieġa fil-politika u l-etika li tqis il-valuri, l-opinjonijiet, u l-interessi tal-komunità, kif jaffermaw Francis Zammit Dimech u Michael Frendo meta jiddeskrivuh bħala "raġel li lest jisimgħek, li lest jilqa' s-suġġerimenti, il-kritika tiegħek" (Daħla bp). Il-karizma etika, għalhekk, tirrikjedi li l-oratur ma jibqax biss kelliem li jindirizza lill-udjenza tiegħu iżda jsir ukoll semmiegħ attiv li jikkunsidra l-effetti tar-retorika tiegħu stess. Naturalment, dan ma jnaqqas xejn mill-istrateġiji persważivi tar-retorika mħaddma f'kuntest partiġġjan, bl-iskop primarju li jingħelbu l-ħiliet retoriċi – forsi daqstant effettivi – tan-naħa avversarja fl-ispettru politiku Malti.

### Il-karizma etika mmanifestata f'diskors retoriku

Eddie Fenech Adami jagħlaq id-diskors tal-4 ta' Diċembru 1981 billi jikkommetti ruħu għal azzjonijiet li mhux se jagħmel, b'implikazzjoni politika li l-vendikazzjonijiet u l-inugwaljanza kienu azzjonijiet esklussivi għall-Gvern attwali:

> Gvern Nazzjonalista ma jagħmilx vendikazzjonijiet. Iqis lil kulħadd bħala ċittadin ugwali bħall-oħrajn, anki lil dawk li ma jivvutawlux, basta dawn, wara r-rebħa jagħmlu sehemhom biex fil-pajjiż ikun hawn il-libertà u d-demokrazija u jkun pajjiż magħqud ("Il-Gideb Mintoffjan" 87).

Chaim Perelman jiddistingwi bejn żewġ tipi ta' indirizz: wieħed lil udjenza speċifika bl-għan li jipperswadi, iwassalha taġixxi billi jistaqsi, jargumenta jew jagħti r-raġunijiet, u l-ieħor lil udjenza universali bl-għan li jikkonvinċi, iwassalha temmen li dak li qed jgħid huwa minnu (18). L-istess studjuż tar-retorika jelabora li l-għażla tal-indirizz ma tistrieħx fuq il-kobor tal-udjenza

li qed issegwi d-diskors iżda fuq l-intenzjoni tal-kelliem. Fid-diskors tal-4 ta' Diċembru 1981, indirizzat esklussivament lill-folla preżenti ta' partitarji Nazzjonalisti, l-intenzjoni tal-oratur hi li jipperswadi, iġiegħel liċ-ċittadini jagħtu sehemhom fil-kisba tal-libertà mħabbra minnu. Fenech Adami joħloq effett deliberat b'għarfien sħiħ tal-pathos li jqanqal l-udjenza l-aktar b'appell għat-tradizzjonijiet u l-valuri li jgħaqqdu lill-poplu f'identità istituzzjonali waħda u anki b'ħarsa prolettika li tqanqal aspirazzjoni għar-rebħa. Fl-istess medda ta' diskors jesprimi raġuni, li tappartjeni għal-logos, billi jikkommeti ruħu b'dikjarazzjoni etika għal futur ħieles b'poplu magħqud.

Fid-9 ta' Diċembru 1981, Fenech Adami jirrepeti r-raġunijiet li Mintoff kien ta f'diskors preċedenti dwar il-fatt li ma tteħdux passi kontra min kien mar ikisser id-dar tiegħu: "Mintoff staqsa x'ried jagħmel huwa meta xi nies marru jkissru d-dar tiegħi fil-15 ta' Ottubru, jekk 'huma' ma għarfu lil ħadd minnhom! Lanqas il-Pulizija ma setgħu jagħrfuhom jekk dawn il-pulizija ma kinux hemm" ("L-M.L.P." 75).

Meta jinkorpora l-kliem ta' Mintoff f'funzjoni aktar ironika, xettika, u ċinika, l-esklamazzjoni tibda tasserixxi l-oppost tat-tifsira tad-diskors tal-avversarju politiku tiegħu. F'dan id-dwell retoriku li baqa' għaddej għal diversi meetings b'diskorsi reċiproċi miż-żewġ mexxejja politiċi, Fenech Adami jirrikorri għall-indirizz dirett lil Mintoff li jħabbru lill-udjenza quddiemu. L-indirizz isir wirja tal-logos – ir-raġuni li qed timmotiva d-diskors – quddiem l-udjenza attwali ta' Fenech Adami filwaqt li jaqdi wkoll il-funzjoni ta' kuntatt dirett bejn l-avversarju politiku u l-kelliem attwali li qiegħed iwieġeb:

> Jien ngħidlu allura: int vera tixraqlek il-kelma "pulċinell"! Għaliex jekk int tgħid li l-pulizija biex taqbad delitt trid tkun hemm u tagħraf lil xi ħadd, allura nifhmu għaliex il-pulizija donnhom daż-żmien ma jaqbdu ebda każ ta' min ikisser, jisraq jew joqtol ("L-M.L.P." 75–76).

Waqt li jindirizza lil Mintoff bħala "pulċinell" qiegħed jirreċta tweġiba lill-avversarju politiku, funzjoni li għandha element ta' spettaklu. F'dan il-kuntest imqanqal politikament, id-diskors ironizzat u l-użu ta' lingwaġġ populist jista' jitfa' xi dawl ġdid fuq id-definizzjoni ta' kariżma etika? L-etika tippermetti l-użu ta' aġġettivi populisti dispreġjattivi (bħal "pulċinell")? Mill-banda l-oħra, l-ironija mhijiex għodda leġittima kontra diskors avversarju li jiġġustifika n-nuqqas ta' azzjoni kontra att kriminali? Fi kliem ieħor, liema xejriet retoriċi jixhdu aktar jew inqas kariżma etika fil-kelliem pubbliku?

Eżempju ta' teknika retorika oħra jixħet aktar dawl fuq il-kariżma etika. Fenech Adami jimpjega mudell anaforiku fid-diskors tiegħu tal-11 ta' Ġunju 1982, biex l-ewwel nett jagħti prijorità sintattika lir-rieda demokratika u l-kuxjenza soċjali tal-PN, u t-tieni biex joħloq is-sens akkumulattiv ta' rieda kostanti u konsistenti daqs ir-ripetizzjoni tal-valuri etiċi:

> Il-PN irid li f'pajjiżna jkun hawn unions ħielsa għax inkella dan il-pajjiż jispiċċa fil-jasar. Il-PN irid li l-edukazzjoni tittieħed bis-serjetà mill-iżgħar skola sal-Università. Il-PN bis-serjetà jrid li l-iskejjel privati jibqgħu jeżistu.

> Il-PN irid li fl-isptarijiet tagħna għandu jkun hemm it-tobba Maltin. ("Din Hi s-Siegħa tal-Maltin" 16)

Il-mekkaniżmi ta' ripetizzjoni, fosthom l-anafora, l-epifora u l-anadiplosi, iżidu mal-arti persważiva ta' retur l-insistenza fuq l-asserzjonijiet u d-direttivi li jkun irid jikkonsolida fis-sensibilità politika tal-udjenza quddiemu (Khemlani David 167). Meta jirrikorri għal forom tar-ripetizzjoni, ir-retur ikun qiegħed jimmotiva fl-udjenza tiegħu skemi mentali li jħaddnu l-ideoloġiji tiegħu, fosthom l-ideoloġija tal-etika li jkun qiegħed jesprimi ripetutament biex iħeġġeġ l-adozzjoni tal-valuri msemmijin minnu. Kif jargumenta J.A. Conger, biex wieħed jistabbilixxi l-kredibilità meħtieġa għal, ngħidu aħna, aġenda politika, il-kelliem irid qabelxejn jikkonvinċi lis-semmiegħa li l-għanijiet tiegħu u tagħhom qed jaqblu, b'għodod retoriċi li joffru evidenza ċara li tirrinforza l-pożizzjoni tagħha anki b'fatti li mhumiex daqstant ċari, fejn meħtieġ billi jikkommovi lill-udjenza (9). Il-verb espressiv ("irid") jikseb il-forza insistenti tiegħu permezz tal-anafora li tmur lil hinn minn dikjarazzjoni egoċentrika tax-xewqat tal-PN, iżda tħalli fl-udjenza l-effett akkumulattiv ta' għadd ta' ambizzjonijiet konsistenti li kollha jikkonverġu fl-istess orjentament ideoloġiku u etiku għall-futur. Il-qawwa tal-kariżma etika ta' Fenech Adami kienet tiġi trażmessa għal fuq l-udjenza sforz id-determinazzjoni espressa tiegħu, prinċipju etiku li jappella qabelxejn għad-djalogu u għall-konvinzjoni soċjali. Fid-diskors tal-20 ta' Novembru 1982 jerġa' jispikka l-użu tal-mistoqsijiet retoriċi li, kif tistqarr Jane Frank, itaffu l-kritika waqt li xorta waħda jilħqu l-funzjoni primarja tagħhom, jiġifieri li jsaħħu l-asserzjonijiet (727; Spago 104). Fenech Adami jużahom biex jenfasizza, bi kritika f'għamla ta' mistoqsija, kulma ma twettaqx mill-Gvern:

> Fejn huma dawn il-miljuni, li suppost taw ix-xogħol lill-ħaddiem Malti, ladarba xogħol ma hawnx? [...] Fejnhom il-fabbriki kollha? Fejn tberbqu l-flus li suppost ġew investiti fihom? ("Il-Gvern Irid Jispiċċa" 61–62).

Fil-kritika tiegħu tal-ġrajjiet politiċi li ppreċedew it-tmeninijiet, jindirizza lill-folla b'mistoqsijiet retoriċi li, minflok jirrikorru għal konfrontazzjoni u jinstigaw il-vjolenza, jappellaw għal valuri industrijali u soċjali b'ton etiku. Dan ir-retur li tgħammed bin-nar ta' avversarji politiċi li wkoll kellhom potenzjal retoriku ġie ffurmat biex jilqa' l-isfidi storiċi tal-perjodu politiku tiegħu b'kariżma etika, li l-kulminu tagħha kien aktarx is-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

### Konklużjonijiet

Kollox ma' kollox, Fenech Adami, sikwit ikklassifikat bħala kap strumentali u effettiv saħansitra mir-rivali tiegħu, inqeda bil-kariżma etika sabiex imexxi lill-poplu lejn għażliet kruċjali għall-pajjiż, u wkoll lejn prinċipji bħax-xogħol, il-ġustizzja u l-libertà, valuri li għalih dehru ħtiġiet kruċjali f'mument storikament kritiku għall-pajjiż. Permezz tar-retorika kariżmatika tiegħu dderieġa lill-partitarji lejn bidla meħtieġa fl-istituzzjonijiet u fit-tmexxija tan-nazzjon, ngħidu aħna, fit-tmexxija ta' Xandir Malta u t-tqassim tad-distretti mill-Kummissjoni Elettorali. Bħala kap retorikament effettiv, żamm il-partitarji magħqudin fi żmien meta l-Partit Nazzjonalista ħtieġlu jifforma front wieħed, magħqud u sod quddiem ċirkustanza unika ta' gvern f'minoranza. Il-kariżma etika u r-retorika tiegħu tant ippenetraw fis-segwaċi li kellu f'dan il-mument, illi pperswadew lil ħafna membri tal-partit u tal-pubbliku inġenerali jingħaqdu

flimkien f'orjentament politiku ġdid. Dan jixhed kemm kelliem politiku jista' jkun interessat primarjament fil-futur iżda fl-istess ħin jinqeda bil-ġrajjiet passati u preżenti fil-ħila espressiva tiegħu, biex bl-arti tal-persważjoni etika jikkonvinċi l-maġġoranza tal-poplu li dak li qed jisħaq fuqu huwa l-aqwa eżitu għall-ġejjieni.

Bħala oratur ta' karizma etika b'konvinzjoni morali f'dak li qed jistqarr, Fenech Adami ħaddem it-tekniki retoriċi – fosthom il-metafori, l-anafora insistenti fuq motif, u l-ironija u s-sarkażmu bħala għodod infilsati f'mistoqsijiet retoriċi – sabiex jindirizza l-problemi attwali tan-nazzjon u jwassal lill-poplu għal deċiżjonijiet li, taqbel jew ma taqbilx magħhom, żgur ma tistax tinnega li qed ngħixu r-riżultat tagħhom illum. Ir-retorika, għalhekk, tissarraf f'realtà mgħejxa.

Kull żmien iġib miegħu ċirkustanzi partikolari u kemxejn uniċi li jirrikjedu sfidi ġodda ta' retorika u etika. Għalkemm ir-regoli retoriċi huma universali, dawn jirrikjedu li jiġu adattati skont miri politiċi konsistenti maż-żmien. Madankollu, il-valuri, il-morali u l-etika jibqgħu xejriet ammirevoli minħabba l-universalità tagħhom, mingħajr lok għal aġġustament li jgħarraq il-prinċipji sodi tal-kelliem.




"IN- TAGHNA", l-Erbgħa, 8 ta' Lulju, 1981 — 9

# F'BIRZEBBUGA NISSAHHU B'ELUF KBAR MIGBURA

Min haseb li sa jaqtagħlna nifisna mar żmerċ. Il-forz
tagħna nafuhom. Il-poplu tagħna għandna fiduċju kbira
fih, u hu għandu fiduċja kbira fina. Għalhekk ħadd u xej
m'hu se jgħajjina. In-nifs tagħna jwassal. Jekk l-Elezzjon
tiġi f'Settembru, lesti għaliha, u lesti biex nieħdu l-Gver
minn Settembru. Jekk irid itawwal sa l-aħħar, għandn
enerġija maħżuna biżżejjed. Għax il-poplu xeba' minnhom
jrid lil Eddie, speċjalment issa li jaf xi jfisser Eddie.

Għan-Nazzjonalisti veri, li huma eluf kbar, il-ġlied
politika m'għandhiex vaganzi. Il-battalja elettorali ma tba
tix fis-sħana tas-sajf. Bħalissa l-Partit hu kundizzjonat bis
mis-sħana elettorali. Il-partitarji kollha qed jifhmu li l-p
storiku li qed igorru f'dan il-mument, ma jagħti lok għal
ebda mistrieħ, għall-ebda waqfien, għall-ebda kapriċċ. Mi
haseb li n-Nazzjonalisti huma xort'oħra, mar żmerċ haw
ukoll — kif għad irid imur żmerċ ukoll uffiċjalment mi
għamel xi tbassir elettorali li jikkonferma s-Soċjalisti f
Gvern.

Inħarsu lejn Eddie u nimtlew bil-kuraġġ. Raġel tal-
milja, onest, li b'servizz għal Malta m'għandux minuta s
han. Fiduċjuż għall-aħħar. Għalih m'hemmx problemi
distretti u tat-tqassim tagħhom. Għalih m'hemmx bi
mill-flats imqassma mis-soċjalisti. Lilu ma jinkwitawhx
voti mir-Raħal il-Ġdid li żdiedu mal-Belt. Anzi qal li ku
tent bihom. Mniżrijiet ma jridx u ma jittollerax. Qal
l-Elezzjoni ma jisirquhilniex.

**NAHDMU...ILKOLL**

Imma sakemm isseħħ il-bidla sħiħa, irridu nibq
naħdmu u naqdfu. Ilkoll. Kulħadd bżonnjuż. Ħadd ma
ta' u ħadd m'għandu jħalli f'idejn l-oħrajn. Illum ma tist
tkun biss Nazzjonalist tal-vot. Bħalma l-vot tiegħek tis
tagħtih INTI biss, u jekk ma tagħtihx ikun hemm vot n
qes, hekk ukoll il-kontribut tiegħek qabel l-Elezzjoni tis
tagħtih INTI biss, u jekk ma tagħtihx ikun hemm kontri
nieqes. U jinħass in-nuqqas. Kif jinħassu wkoll l-attend
za, l-interess, is-sehem, l-entużjażmu u l-offerta tiegħ
M'għandi l-ebda dubju, ngħidu bil-quddiem, li f'Birżebb
se jkun hemm baħar ta' nies li għalihom il-pajjiż jiġi qa
l-għawm u d-divertiment familjari. Imma mingħajrek
Meeting ma jkunx success sħiħ. Ma tistax tħalli f'idej
oħrajn. M'għandekx tħalli f'idejn ħbiebek, niesek u l-ġir
INTI MEHTIEG PERSONALMENT. Jeħtieġ li tkun he
ma' kull min tista' tipperswadi li jiġi miegħek.

Veru li l-Elezzjoni tintrebaħ prinċipalment bil-vot
mill-voti m'għandix dubju. INTI tħoss bħali r-riħ ta' b
U ħdejn il-baħar ta' Birżebbuġa, imdawwar b'baħar i
ta' Maltin ta' rieda tajba, dan ir-riħ ta' bidla se tħossu
tar rinfreskanti. Se jinżillek għasel. Se tħossu balzmu. I
fl-istess ħin INT se tkun ir-riħ ta' bidla li jħossu l-oħ
kif l-oħrajn se jkunu r-riħ ta' bidla li tħoss INT. Il-Me
ta' Birżebbuġa se jkun għalhekk meeting simboliku,
sira mill-aqwa. Fl-eqqel tas-sħana tas-sajf Malti, se n
ż-żiffa ħelwa tal-baħar sabiħ tagħna...l-istess kif
is-sħana tal-problemi li jġġeneraw f'pajjiżna s-Soċ
(aħseb biss fl-ILMA), se nħossu l-faraġ ta' xulxin f'
ta' nies fiduċjużi mir-rebħa.

M'hemmx wisq skużi kbar biżżejjed biex Nazzjo
veru jonqos milli jiġi Birżebbuġa. Aktar milli l-Partit
isejħilna l-Pajjiż. Iż-żmien hu importanti biżżejjed bie
lob minna kull sagrifiċċju. L-entużjażmu hu meħtieġ
il-voti. Hemm bżonn li anke l-oħrajn jindunaw, aktar
ndunaw, li l-poplu qiegħed warajna. U jindunaw bis
l-għajta tkompli tkun kbira biżżejjed biex jisimgħuha
dawk li jsoddu widnejhom. Hemm bżonn li jħossu u
li l-bidla bdiet anke jekk jaħbu rashom fir-ramel.

Ġa wassalna lill-Kbir Mintoff jistqarr li fl-aħħar
ings kellna ftit nies mhux ħażin: s'issa għadu jaħs
l-imqarrqin aħna mhux huma. Qis li INTI tkompli
biex tiftaħ għajnejn Mintoff u l-bella kumpanija.
hom dan l-att ta' gratitudni, wara "10 snin ta' ġid
poplu". Forsi l-akbar ġid li għamlu f'dawn l-għaxa
kien li ikkonvinċew numru kbir ta' Maltin biex jers
jem aktar wara l-Partit Nazzjonalista. Nirringrazzj
Nilqgħu fostna bil-qalb, bis-sinċerita' u bl-entużjaż
eluf ta' ex-Laburisti li resqu lejna u li se jkunu
wkoll f'Birżebbuġa. Huma l-bandiera tal-bidla. Hu
raġġ tagħna. Huma l-frott tad-djalogu. Huma r-riżu
ħidma ta' kulħadd. Wara l-meeting ta' Birżebbuġ
jissaħħu u jiżdiedu. Qis li INTI tkun hemm.

Artiklu fil-gazzetta *In-Nazzjon Tagħna* tat-8 ta' Lulju 1981

Don't be vague ask for Haig Scotch Whisky

IN-TAGHNA

Minhabba l-Att Nru. XXII tal-1978, il-kelma "NAZZJON" m'hix qed tintuża fl-isem.

L-Ħdax-il Sena, Nru. 3626 — It-Tnejn, 9 ta' Novembru, 1981 — Jinbiegħ 5c

FARSONS HOPLEAF PALE ALE

FARSONS for good taste

MASS MEETING FORMIDABBLI FIL-MARSA

# FENECH ADAMI JISFIDA LIL MINTOFF U JWISSI KONTRA IT-TBAGĦBIS

MARSA, il-Ħadd

**Il-Mexxej tal-Partit Nazzjonalista, Eddie Fenech Adami l-lum tenna l-isfida tiegħu għal dibattitu wiċċ imb'wiċċ ma' Mintoff fuq it-televiżjoni. Din l-isfida, Fenech Adami għamilha waqt li kien qed jitkellem f'Mass Meeting organizzat mill-P.N. fi Triq Żerara, hawnhekk.**

Fenech Adami irrefera għad-diskors li għamel nhar is-Sibt il-Prim Ministru f'meeting fl-Isla fejn Mintoff qal li Fenech Adami jitkellem waħdu. U kien għalhekk li l-Mexxej Nazzjonalista tenna l-isfida tiegħu quddiem l-eluf kbar ta' nies miġbura biex jisimgħu l-kelliema Nazzjonalisti.

Aktar tard il-folla enormi waqqħet fi skiet kbir hekk kif Fenech Adami beda jitkellem dwar l-inganni u t-tbagħbis li jistgħu jsiru fl-elezzjoni ġenerali li ġejja.

Huwa qal li jaf li kien hemm xnigħat li xi ħadd offra lil xi ħadd ieħor li jirranġalu biex jivvota darbtejn. Il-Mexxej Nazzjonalista żied igħid li jista' jkun hemm min, biex jinganna u jbagħbas ir-riżultat, joħroġ "voting documents" ta' xi ħadd li ma applikax għall-karta ta' l-identita', fuq xi ħadd ieħor li diġa' għandu avviż tal-vot u b'hekk jivvota darbtejn.

Fenech Adami qal li hawn eluf li ma applikawx għall-karta ta' l-identita' u għalhekk il-lok għat-tbagħbis huwa kbir.

Il-Mexxej Nazzjonalista wissa kontra dan it-tbagħbis u qal li l-partit jinsab jgħasses u meta jkun il-waqt jaġixxi li għandu jaġixxi. Huwa wissa lil min hu responsabbli biex ma jabbużax għax m'hux se' jidħak bina.

Fl-istess ħin huwa appella lill-poplu biex jgħin, ħalli nikkumbattu l-abbużi u biex min jaf b'xi ħadd li ma applikax għall-karta ta' l-identita' javża lill-partit.

Fenech Adami beda biex qal li l-meeting kien qed isir wara li l-ġimgħa li għaddiet smajna ħafna xnigħat li l-Gvern kien wasal biex jiddikjara li l-Parlament se' jiġi xolt. Dan qaluh il-Mintoffjani stess fil-gazzetti tagħhom meta qalu li s-seduta ta' nhar l-Erbgħa li għadda kellha tkun l-aħħar waħda.

Il-Mexxej Nazzjonalista qal li dan juri li għandna Gvern li qiegħed fl-aħja tal-mewt, u bħal bniedem li jkun fl-agunija, kultant jistejqer u jaħseb li se' jgħix iżjed. Aktar ma jtawwal, il-Partit Nazzjonalista aktar jieħu gost għax aktar tkompli tikber il-folla warajh.

## IL-MANIFEST MINTOFFJAN

Diffiċli tifhem x'qed jiġri fil-kamp Mintoffjan. L-abbozz tal-manifest elettorali Mintoffjan li kien pubblikat il-ġimgħa li għaddiet huwa n-"knock-out" tal-partit Mintoffjan. Kull minn qrah induna li l-Gvern m'għandu xejn xi jwiegħed għall-ħames snin li ġejjin u se' jkompli fit-triq il-ħażina li qabad.

● RITRATT KBIR f'paġna 16

Il-poplu jaf li l-partit Mintoffjan m'għandu xejn x'jagħtih u huwa għalhekk li kien hemm dawk l-eluf ta' nies f'dak il-mass meeting. Dawn in-nies qed jistennew il-manifest elettorali tal-Partit Nazzjonalista.

Fenech Adami kompla jgħid li b'għaġeb kbir il-manifest elettorali Mintoffjan sejħulu "draft" u qalu li għada se' tiltaqa' l-Konferenza Ġenerali biex tapprovah.

Kemm se' jkunu dawk fil-Konferenza Ġenerali li se' jkollhom l-ardir jopponu dan il-manifest? staqsa l-Mexxej Nazzjonalista. Dawn ikollhom japprovaw dak li l-mexxej "kbir" tagħhom għogbu jikteb. Kieku jkollhom il-kuraġġ li jitkellmu, għada jqumu bil-wieqfa u jistaqsu ħafna affarijiet.

## X'ĠARA FIL-G.W.U.

Fenech Adami qal li l-ġimgħa li għaddiet mar ikellmu wieħed f'pożizzjoni għolja fil-G.W.U. u qallu b'affarijiet li biċċiet minnhom konna nafuhom, iżda dejjem tajjeb li jkollok konferma.

**Il-P.N. dejjem tkellem bit-tradiment mill-G.W.U. Issa kellu konferma li kienet saret konfoffa fil-'Housing' u hemmhekk ikkonfoffaw biex ineħħu lil Attard Kingswell mill-G.W.U. għax hekk ried il-Prim Ministru.**

Kingswell ma kienx lest li jaċċetta affarijiet li kienu qed jiġru. Attard Kingswell ma setax jaċċetta li ssir l-għaqda bejn il-partit Mintoffjan u l-G.W.U.; ma setax jaċċetta li l-G.W.U. ikollha toqgħod għad-deċiżjonijiet li jieħu l-Kabi-

● għat-tieni paġna



## L-UFFIĊĊJU NAZZJONALISTA FIL-FGURA ATTAKKAT

● Ara paġna 3

L-ewwel paġna tal-gazzetta tal-10 ta' Novembru 1981 tħabbar elezzjoni tant mistennija



Eagle Star
LIFE INSURANCE FOR EVERYONE
Eagle Star Insurance (Malta) Limited
4th Floor, Kingsway Palace, Republic Street, Valletta
Telephone 628275/29926

# IN-TAGHNA

Minħabba l-Att Nru. XXII tal-1978, il-kelma "NAZZJON" m'hix qed tintuża fl-isem.

Il-Ħdax-il Sena. Nru. 3627 — It-Tlieta, 10 ta' Novembru, 1981 — Jinbiegħ 5c

CASIOTONE
ELECTRONIC MUSICAL INSTRUMENTS
Tel. 21094
U.J. Salomone [Equipment] Ltd.



## IL-PARLAMENT XOLT

PIETA', it-Tnejn.

Il-President tar-Repubblika l-lejla ħareġ proklama li permezz tagħha xolja l-Parlament.

Dan kien ir-raba' Parlament mill-Indipendenza 'l hawn. B'hekk l-aħħar seduta ta' dan il-Parlament kienet nhar l-Erbgħa 4 ta' Novembru.

Dakinhar il-Parlament aġġorna għal-lum it-Tnejn u kien ħalla pendenti fl-istadju tat-Tieni Qari, Abbozz ta' Liġi ġdid li jipprovdi għall-ħatra ta' kuratur pubbliku.

Ta' min ifakkar li matul din il-leġislatura nbidel li Speaker, irriżenjaw żewġ Ministri u nbidlu l-kariġi ta' xi Ministri.

Il-Parlament li għadu kif intemm, jibqa' mfakkar għax-xeni vjolenti u ta' għajb li partitarji Mintoffjani wettqu fih.

# LESTI

Il-bieraħ filgħaxija ġie xolt il-Parlament u tħabbret id-data ta' l-elezzjoni. Dan ifisser li fi ftit ġimgħat oħra, il-poplu Malti se jivvota biex jagħżel Gvern ġdid biex imexxih.

F'dawn l-aħħar snin il-Partit Nazzjonalista wettaq bidla kbira fih innifsu. Ħatar Kap ġdid. Ħatar Deputat Kap u Segretarju Ġenerali ġodda. Ħatar uffiċjali oħra. Impjega persuni li nistgħu ngħidu huma esperti fix-xogħol li ġew ingaġġati biex jagħmlu. Il-Partit Nazzjonalista organizza ruħu f'kull qasam. Fetaħ Dar Ċentrali. Fetaħ sezzjonijiet ġodda. Fetaħ u nfirex f'oqsma ġodda.

Matul dawn l-aħħar snin ukoll, il-Partit Nazzjonalista żamm ir-ritmu tal-kampanja elettorali. Ma waqafx jitkellem mal-poplu. Beda djalogu ma' kull settur tal-popolazzjoni. Żamm kuntatt mal-poplu kollu. Organizza laqgħat kbar u meetings kolossali.

Il-P.N. fehem lill-poplu. U l-poplu ħabb u apprezza lil Fenech Adami u l-partit.

Il-Partit Nazzjonalista lest għall-aħħar ġirja. Lest sa snienu biex jiġġieled l-aħħar battalji li se jagħtuh ir-rebħa. Il-Partit Nazzjonalista lest għal kollox. Għal dak kollu li jista' jinqala' u jistgħu jaqilgħu. Irid isir l-aħħar sforz minn kulħadd. Iżda fuq kollox irid isir l-aħħar u forsi l-akbar sforz mill-poplu biex joħroġ jivvota u jagħti l-vot lill-kandidati formidabbli Nazzjonalisti.

Ir-rebħa qegħdin narawha. Qegħdin naraw rebħa tajba. Il-bidla li wettaq il-P.N. issa jrid u lest iwettaqha f'pajjiżna. Fil-poplu. U tabilħaqq hemm bżonn bidla. Għall-ġid tal-poplu. Għall-ġid tan-nazzjon.

Konvinti li l-poplu jrid bidla u se' jagħti sehmu bil-vot, ħalli l-bidla sseħħ.

# L-ELEZZJONI: 12 TA' DICEMBRU

PIETA', it-Tnejn.

***Permezz ta' proklama oħra li iffirma wkoll il-lum, il-President tar-Repubblika iffissa d-data tas-Sibt 12 ta' Diċembru li fiha għandha ssir l-Elezzjoni Ġenerali.***

Dakinhar il-votazzjoni trid issir bejn is-7.00 a.m. u l-10.00 p.m. Għall-ewwel darba l-elezzjoni se ssir f'ġurnata waħda.

Meta ġiet magħrufa d-data ta' l-elezzjoni il-Mexxej Nazzjonalista Eddie Fenech Adami qal li "NINFABU MHEJJIJA GHALL-AHHAR ĠIRJA."

Għal din l-elezzjoni l-Partit Nazzjonalista s'issa diġà approva 132 kandidat li se jikkontestaw fi tlettax-il distrett.

Sadattant il-lum il-każini kollha tal-Partit Nazzjonalista xegħlu l-faċċata tagħhom b'sinjal ta' ferħ.

Il-makkinarju tal-partit issa huwa ingranat sew u minn għada t-Tlieta stess qed isejjaħ laqgħa għall-membri tal-Kumitati Sezzjonali tal-P.N., MZPN u MNPN, uffiċjali tas-Segretarjat tal-Ħaddiema u l-kandidati kollha, li fiha se jitkellem Eddie Fenech Adami.

## Laqgħa għall-membri tal-Kumitati Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista

Il-Mexxej tal-Partit Nazzjonalista EDDIE FENECH ADAMI l-lum 10 ta' Novembru 1981 fis-6.30 p.m. fid-Dar Ċentrali tal-Partit, Pietà se jkellem lill-membri tal-Kumitati Sezzjonali tal-P.N., tal-M.Ż.P.N., tal-M.N.P.N. u tas-Segretarjat Ħaddiema kif ukoll lill-Kandidati tal-Partit.

Din hi laqgħa importanti li ħadd ma jista' jitlef.

LOUIS GALEA
Segretarju Ġenerali

# MASS MEETING GHALL-HADD

DETTALJI JITHABBRU AKTAR TARD

L-ewwel paġna tal-gazzetta tad-9 ta' Novembru 1981 b'artiklu dwar il-mass meeting fil-Marsa

Biblijografija


Conger, Jay Alden. *The Necessary Art of Persuasion*. Harvard Business Publishing, 2008.

Fenech Adami, Eddie. *Eddie My Journey*. Allied Publication, 2014.

—. "Il-Gideb Mintoffjan Ma Jispiċċa Qatt." *Nagħtik Kelmti, Partit Nazzjonalista*, bd, 4 volumi, pp. 82–87 (vol. 1).

—. "L-MLP fl-Isem Biss Hu Laburista." *Nagħtik Kelmti, Partit Nazzjonalista*, bd, 4 volumi, pp. 74–81 (vol. 2).

—. "Din hi s-Siegħa tal-Maltin." *Nagħtik Kelmti, Partit Nazzjonalista*, bd, 4 volumi, pp. 9–19 (vol. 2).

—. "Il-Gvern Irid Jispiċċa." *Nagħtik Kelmti*, editjat minn Michael J. Schiavone, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1990, 4 volumi, pp. 57–66 (vol. 3).

Frank, Jane. "You call that a rhetorical question?: Forms and functions of rhetorical questions in conversation." *Journal of Pragmatics*, vol. 14, no. 5, 1990, pp. 723–738.

Friedrich, Carl Joachim. "Political Leadership and the Problem of the Charismatic Power." The Journal of Politics, vol. 23, no. 1, 1961, pp. 3–24.

Friggieri, Oliver. "Eddie Fenech Adami mexxej f'salib it-toroq." *"Inservi:" ħidma politika 1969–2009: ġabra ta' kitbiet f'ġieħ Eddie Fenech Adami*, editjat minn Michael J. Schiavone u Leonard Callus, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009, pp. 11–29.

Howell, Jane u Bruce Joseph Avolio. "The Ethics of Charismatic Leadership: Submission or Liberation?" *The Executive*, vol. 6, no. 2, 1992, pp. 43–54.

Khemlani, David Maya. "Language, Power and Manipulation: The Use of Rhetoric in Maintaining Political Influence." *Frontiers of Language and Teaching*, vol. 5, no. 1, 2014, pp. 164–170.

Perelman, Chaïm u Lucie Olbrechts-Tyteca. *The New Rhetoric: A Treatise on Argumentation*. Translated by John Wilkinson u Purcell Weaver, University of Notre Dame Press, 1969.

Portolano, Marlana. "John Quincy Adams's Rhetorical Crusade for Astronomy." *Isis*, vol. 91, no. 3, 2000, pp. 480–503.

Schweitzer, Arthur. "Theory and Political Charisma." *Comparative Studies in Society and History*, vol. 16, no. 2, 1974, pp. 150–181.

Špago, Dzemal. "Rhetorical questions or rhetorical uses of questions?" *Explorations in English Language and Linguistics*, vol. 4, no. 2, 2016, pp. 102–115.

Weber, Max. *Economy and Society*. Translated by Guenther Roth and Claus Wittich, University of California Press, 1978.

Zammit Dimech, Francis u Michael Frendo. *Eddie: l-Għażla tal-Poplu*. Promotion Services Limited, 1987.



# L-Islogans Elettorali: Ir-Retorika Politika f'Malta

Anne Marie Thake

L-islogans elettorali spiss jintużaw bħala forma ta' retorika sabiex iwasslu messaġġ jew jipperswadu lill-elettorat jappoġġa kandidat, partit jew ideoloġija politika partikolari. Dawn ġeneralment ikunu frażijiet qosra u tal-widna, li wieħed faċli jiftakarhom u jirrepetihom u għaldaqstant huma għodda qawwija biex wieħed jikkomunika messaġġ jew jimmobilizza l-appoġġ. Eżempji ta' slogans li ntużaw matul kampanji elettorali nazzjonali jinkludu "Ġid, fiduċja u direzzjoni" tal-Partit Nazzjonalista fl-elezzjonijiet tal-1998 u "Futur aħjar: l-ewwel int" tal-Partit Laburista fl-2003.

Slogan ikollu l-kwalitajiet li tiftakru faċilment, ikun qasir u jappella għall-udjenza li għaliha jkun maħsub. Numru ta' osservaturi jsostnu li s-slogans jew il-catchphrases huma ftit jew wisq l-uniku mod li bih iċ-ċittadini jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom personalment u ripetutament favur jew kontra kandidat jew proposta partikolari. "L-islogans jinkoraġġixxu l-interess u l-parteċipazzjoni fis-sistema politika imma ma jrawmux għarfien profond dwar kwistjonijiet pubbliċi" (Newsome, 23).

Il-faxxinu ta' slogan minn perspettiva retorika ma jiddeterminax is-suċċess tiegħu mal-pubbliku. Xi drabi jistgħu jintużaw bħala hashtags fil-media soċjali jew jitkantaw minn partitarji mgħaddbin fir-rallies. L-importanza tal-islogans elettorali tinsab fil-ħila li għandhom li jikkomunikaw ideat u proposti politiċi kumplessi b'mod sempliċi, memorabbli u attraenti. L-islogans jippermettu lill-partiti u lill-kandidati politiċi li jolqtu l-attenzjoni tal-votanti, joħolqu rabtiet emozzjonali magħhom u jipperswaduhom jappoġġaw il-kandidatura tagħhom.

Hemm diversi tipi ta' slogans elettorali nazzjonali li jintużaw f'Malta f'kuntesti differenti. Jistgħu jkunu bbażati fuq kwistjoni, "Xogħol, ġustizzja u libertà: is-sisien għall-ġejjieni" (1987); inklużivi, "Solidarjetà dejjem u kullimkien" (1992), speċifiċi għal partit "Iva, PN, Xogħol, ġid, serjetà" (2003) jew li jesprimu aspirazzjoni, bħal "Malta tagħna lkoll" (2013).

### Il-kuntest storiku tal-islogans elettorali f'Malta

Il-kuntest storiku tal-islogans elettorali f'Malta jirrifletti l-evoluzzjoni tax-xenarju politiku u soċjali ta' dawn il-gżejjer, mill-kolonjaliżmu għan-nazzjonaliżmu għad-demokrazija moderna. Waqt li l-lingwa u l-messaġġ tal-islogans elettorali nbidlu tul iż-żmien, l-importanza tagħhom fit-tiswir tal-opinjoni pubblika għadha qawwija daqs qabel.

L-islogans elettorali nazzjonali f'Malta evolvew sabiex jadattaw ruħhom għat-tibdil fix-xena politika u tal-midja. Saru dejjem aktar sofistikati u konxji tal-midja, b'mod li jinkorporaw il-midja soċjali u kampanji multimedjali sabiex ixerrdu l-islogans tagħhom u jilħqu udjenza usa'. Filwaqt li l-islogans ma jistgħux jieħdu post il-proposti politiċi ta' sustanza u l-governanza effettiva, jibqgħu għodda essenzjali f'idejn il-partiti u l-kandidati politiċi sabiex jolqtu lill-votanti.

Sabiex jiġi analizzat l-użu tal-islogans elettorali fir-retorika politika ninqdew b'qafas ta' analiżi retorika. Dan il-qafas jenfasizza l-modi li bihom l-atturi politiċi jinqdew bil-lingwa sabiex jipperswadu u jinfluwenzaw l-udjenzi tagħhom u jiksbu għarfien aktar profond tal-mod kif

l-islogans elettorali jintużaw sabiex isawru l-opinjoni pubblika u jimmobilizzaw il-votanti. X'inhu l-qofol tal-messaġġ jew tat-tema tal-islogan elettorali nazzjonali? X'emozzjonijiet jew valuri huwa maħsub biex iqanqal fl-udjenza? X'suppożizzjonijiet jew argumenti impliċiti hemm fih? Kif jinfilsa ruħu fil-kuntest usa' tad-diskors politiku?

### Ir-Retorika Politika

Ir-retorika fl-użu tal-islogans politiċi tinsab fil-ħila tagħhom li jappellaw għall-emozzjonijiet u l-valuri tal-udjenza. Spiss jinqdew b'lingwaġġ sempliċi u dirett, mimli kliem qawwi u evokattiv li joħloq reazzjoni emozzjonali fis-semmiegħa.

Ngħidu aħna, "Malta tagħna lkoll" – slogan elettorali użat mill-Partit Laburista fl-2013 – kien slogan politiku retorikament effettiv li nqeda bl-emozzjonijiet tan-nies u bix-xewqa tagħhom għal ġejjieni aħjar. Il-frażi tissuġġerixxi li Malta hija tal-Maltin u li huma għandhom is-setgħa li jsawru l-futur tagħha. Hija maħsuba biex tqanqal sens ta' patrijottiżmu u unità fost l-elettorat, bl-enfasi li kulħadd għandu sehmu fis-suċċess tal-pajjiż. Il-messaġġ kien effettiv għax kellu l-ħila jagħmel kapital min-nuqqas ta' sodisfazzjon bl-istatus quo fost il-poplu Malti u ppreżenta l-Partit bħala l-moviment tal-bidla u tal-progress.

L-islogans politiċi jistgħu jkunu wkoll persważivi. Pereżempju, it-teknika persważiva użata fl-islogan "Iva PN, Xogħol, ġid, serjetà", li nqeda bih il-Partit Nazzjonalista matul l-elezzjoni ġenerali tal-2003, hija "l-appell għall-valuri" tal-progress, tat-tkabbir u tal-prosperità. L-islogan jissuġġerixxi li, bħala parti mill-Unjoni Ewropea, Malta tikber u tistagħna, u li l-Partit Nazzjonalista huwa l-aħjar għażla sabiex jiżgura li dan iseħħ.

Minn perspettiva retorika, l-islogan huwa sejħa għall-azzjoni li tappella għas-sentimenti patrijottiċi u nazzjonalistiċi tal-Maltin. Jippreżenta lil Malta bħala pajjiż li għandu l-potenzjal li jikber u jirnexxi fi ħdan l-Unjoni Ewropea u jissuġġerixxi li s-sħubija fl-UE hija kruċjali għall-prosperità ta' Malta fil-ġejjieni. Il-Partit Nazzjonalista ssuġġerixxa li l-UE hija sieħba importanti fil-progress ta' Malta.

Minbarra l-appell emozzjonali tagħhom, l-islogans politiċi jistgħu jservu wkoll biex jinkwadraw id-dibattitu madwar kwistjoni partikolari. Ngħidu aħna, l-islogan "Iċ-ċittadin l-ewwel, Viżjoni għal Malta Moderna" użat fil-kampanja elettorali tal-Partit Laburista fl-1996, inkwadra d-dibattitu madwar l-elettorat billi enfasizza l-importanza taċ-ċittadin bħala l-parti kkonċernata ewlenija fil-proċess politiku.

Meta l-islogans elettorali jkunu midmuma minn messaġġi sinifikattivi u persważivi li jqanqlu l-udjenza "abbażi tal-emozzjoni, tar-raġuni u tal-kredibilità, dawn iċaqalqu l-udjenza tagħhom għall-azzjoni u jagħġnu l-mentalità ta' dawk li jadottawhom" (Newsome, 31). Pereżempju, "Solidarjetà dejjem u kullimkien" (Partit Nazzjonalista, elezzjonijiet tal-1992). Slogans li jintużaw sabiex jinvolvu lill-votanti fi djalogu kostruttiv u li jippromovu proposti politiċi ta' sustanza jistgħu jgħinu biex itejbu l-kwalità tad-diskors politiku u biex jinkoraġġixxu l-impenn ċiviku.

X'inhuma l-implikazzjonijiet tal-islogans elettorali għad-demokrazija u d-diskors politiku? Il-kampanja elettorali tal-Partit Nazzjonalista fl-1987 kienet tiffoka fuq "Xogħol, ġustizzja u libertà: is-sisien tal-ġejjieni". Kienet kampanja li kellha impatt sinifikanti fuq il-votanti f'Malta. Il-messaġġ tal-Partit Nazzjonalista kien qed jippromovi dawn il-valuri li bihom Malta setgħet tikseb il-progress u l-prosperità meta dawn l-elementi kienu neqsin.

Il-kampanja elettorali tal-Partit Laburista fl-2017, "L-aqwa żmien", iffokat fuq il-kisbiet li kienu saru matul l-ewwel terminu u fuq il-pjanijiet imħejjija. Il-kampanja kellha viżibbiltà għolja, b'materjal pubbliċitarju u b'użu effettiv tal-midja soċjali sabiex tasal għand il-votanti u tippromovi l-messaġġ tagħha.

Matul l-aħħar snin kien hemm ċaqliqa fil-fokus tal-islogans elettorali f'Malta, b'enfasi ikbar fuq kwistjonijiet ta' governanza u ta' kompetenza iktar milli ta' ideoloġija. Waqt li fil-passat intużaw slogans ideoloġiċi sabiex jagħżlu partit politiku minn ieħor abbażi tal-valuri u tat-twemmin, bħal "Valuri sodi, viżjoni moderna. Iċ-Ċittadin L-ewwel" tal-Partit Laburista fl-1998 jew "Iva, flimkien, kollox possibbli" tal-Partit Nazzjonalista fl-2008, f'elezzjonijiet aktar riċenti, il-fokus kien fuq kemm il-Partit Laburista jtemm dak li jwiegħed u jikseb riżultati tanġibbli għall-pajjiż.

L-islogans elettorali taż-żewġ partiti ewlenin fl-elezzjonijiet nazzjonali tal-2022, "Miegħek għal Malta" (tal-Partit Nazzjonalista) u "Malta flimkien" (tal-Partit Laburista), jikkonverġu. Iż-żewġ slogans jappellaw għal nazzjonaliżmu moderat iktar milli għal valuri ideoloġiċi. Minflok ma jimmiraw għal kategoriji speċifiċi, bħan-negozjanti u l-ħaddiema, jew għal valuri bħall-ġustizzja soċjali, l-għażliet tal-konsumatur jew il-meritokrazija, it-tnejn jappellaw għall-inqas denominatur komuni.

L-islogan elettorali tal-Partit Laburista – "Malta flimkien" tal-2022 jintefa jekk jitqabbel ma' "L-aqwa żmien" tal-2017 u "Malta tagħna lkoll" tal-2013. Min-naħa l-oħra, "Miegħek għal Malta" tal-2022 jiffoka fuq il-Partit Nazzjonalista, waqt li "Jien nagħżel Malta" tal-2017 jiffoka fuq l-elettorat.

Fl-aħħar nett, l-islogans elettorali ġeneralment huma ta' natura ġenerika u idealistika. Jintużaw bħala sound bites fuq il-midja. Huma ġeneralment pożittivi u inkoraġġanti, u maħsuba sabiex inisslu sens ta' kuntentizza. L-islogans huma kunċetti idealistiċi li jmorru lil hinn mil-linja tal-partit. Huma marbutin mal-kuntest u maċ-ċirkostanzi politiċi, soċjali u ekonomiċi ta' żmienhom.

Madankollu l-islogans għandhom il-limitazzjonijiet tagħhom bħal, ngħidu aħna, li jissimplifikaw iżżejjed kwistjonijiet u politiki kumplessi u li jġibu l-firda. Is-suċċess tal-islogans fil-promozzjoni tal-valuri demokratiċi jiddependi fuq il-parteċipazzjoni ċivika infurmata u fuq id-djalogu politiku kostruttiv. It-trasparenza, il-kontabilità u r-rispett lejn il-valuri demokratiċi għandhom iservu ta' gwida fl-użu tal-islogans elettorali nazzjonali.

Il-programm elettorali għandu jkun il-fokus, waqt li l-islogans għandhom biss iservu biex jispiraw id-djalogu. Il-partiti politiċi għandhom jinżammu responsabbli abbażi tal-programm elettorali tagħhom, bl-istess mod kif jinħatar Kap Eżekuttiv li jiġi ġġudikat abbażi tal-prestazzjoni tiegħu fl-imgħoddi u tal-istrateġiji li jipproponi. Illum l-islogans elettorali donnhom għaddew mill-enfasi fuq il-valuri u t-twemmin tal-partiti politiċi għall-enfasi fuq il-ħila tal-partiti li jiggvernaw b'mod effettiv u jiksbu riżultati.

### Biblijografija


Biex Malta Tikber Fl-Ewropa, (Programm Elettorali PN, 2003).

Bonnici, Ġużè., 'Storja tal-Partit tal-Ħaddiema', (Department of Information, Labour Movement, Malta, 1990).

Cassar, Carmel., Society, Culture and Identity in Early Modern Malta, Mireva Publications, Msida, Malta, 2000.

Development Plan for the Maltese Islands 1959–1964, Department of Information, Malta, 1959.

Development Plan for the Maltese Islands 1964–1969, Department of Information, Malta, 1969.

Development Plan for the Maltese Islands 1969–1974, Office of the Prime Minister, Malta, 1970.

Development Plan for the Maltese Islands 1973–1980, Office of the Prime Minister, Malta, 1974.

'Flimkien Nibnu mill-Ġdid', Programm Elettorali MLP, 1992.

'Frott tal-Ħidma Nimxu 'l Quddiem', Programm Elettorali PN, 1971.

'Futur', Programm Elettorali PN, 1996.

'Futur Aħjar: L-Ewwel Int', Programm Elettorali MLP, 2003.

'Ġid, Fiduċja, Direzzjoni', Programm Elettorali PN, 1998.

'Ġorġ Borg Olivier: Ġabra ta' Kitbiet Dwaru', Pin Publications, Pietà, Malta, 1989.

Grima, Joe. MLP Goes right while PN has gone left, (The Malta Independent, 9 t'Ottubru 2001).

'Iċ-Ċentru-Xellugi Għadu Ħaj', It-Torċa, 24 ta' Frar 2002.

'Iċ-Ċittadin l-Ewwel: Viżjoni għal Malta Moderna', Programm Elettorali MLP, 1996.

'Il-Bidla Meħtieġa', (Programm Elettorali PN, 1981).

''Il Quddiem fil-Paċi u l-Progress', (Programm Elettorali MLP, 1987).

Is Malta Burning, Nationalist Party Information Office, Malta, 1981.

Mallia, A., 'Il-Ħtija tat-Telfa', L-Orizzont, 29 t'Ottubru 2003.

'Mill-Indipendenza sas-Sħubija fl-UE: Ir-Relazzjonijiet bejn Malta u l-Unjoni Ewropea mill-Kisba tas-Sovranità', In-Nazzjon, 1 ta' Mejju 2004.

'Mit-Tajjeb għall-Aħjar', (Programm Elettorali MLP, 1981).

Mizzi, Edgar. Malta in the Making 1962–1987: An Eyewitness Account, Edgar Mizzi, Malta, 1995.

New Labour? The Malta Independent, 25 ta' Ġunju 2001.

Newsome, Cail. (2002). The Use of Slogans in Political Rhetoric, The Corinthian, vol. 4 (3).

Sant, Alfred. 'Is-Soċjaliżmu fi Żminijietna', Department of Information, Labour Movement, Malta, 2004.

—. Malta's Modern Way Forward, Diskors tal-Prim Ministru lill-Kamra tal-Kummerċ nhar il-11 ta' Diċembru 1996. Department of Information, Valletta, Malta, 1996.

Schiavone, Michael J. 'L-Elezzjonijiet f'Pajjiżna fl-Isfond Storiku 1800–2013, Pin Publications, Pietà, Malta, 1992.

'Solidarjetà Dejjem u Kullimkien', (Programm Elettorali PN, 1992).

'Valuri Sodi. Viżjoni Moderna. Iċ-Ċittadin l-Ewwel' (Programm Elettorali MLP, 1998).

'Xogħol, Ġustizzja, Libertà: Is-Sisien għall-Ġejjieni', (Programm Elettorali PN, 1987).

Zammit, Edward L. A Colonial Inheritance: Maltese Perceptions of Work, Power, and Class Structure with reference to the Labour Movement, Malta University Press, 1984.

Weber, Max. *Economy and Society*. Tradott minn Guenther Roth u Claus Wittich, University of California Press, 1978.

Zammit Dimech, Francis u Michael Frendo. *Eddie: l-Għażla tal-Poplu*. Promotion Services Limited, 1987.



# Ir-Retorika Morali fid-Dibattitu Dwar l-Introduzzjoni tal-Abort f'Malta

Clyde Puli

## Introduzzjoni

Fil-ktieb tiegħu *The Structure of Moral Revolutions: Studies of Changes in the Morality of Abortion, Death, and the Bioethics Revolution* (2019), Robert Baker jgħid li "qegħdin ngħixu fi żmien ta' rivoluzzjonijiet morali, fejn dak li darba kien meqjus moralment atroċi jsir moralment aċċettabbli, u dak li qabel kien meqjus aċċettabbli jsir moralment kundannabbli" (42). Wieħed jista' jgħid li dan jgħodd ukoll għas-soċjetà Maltija għax ninnotaw li fl-aħħar snin rajna numru ta' sensittivitajiet morali jinbidlu u jinqalbu ta' taħt fuq. Fl-aħħar snin, pereżempju, kibret sew is-sensittività għall-protezzjoni ta' bajd tal-fekruna li titla' tbid fuq xtutna (MaltaToday, "Turtle lays eggs at Ġnejna Bay area") imma fl-istess waqt naqset is-sensittività għall-protezzjoni tal-embrijun uman. Sa ftit snin ilu, diskussjoni dwar l-abort kienet tabù fiha nnifisha imma issa l-legalizzazzjoni tal-abort ġiet diskussa fit-toroq u saħansitra f'abbozz ta' liġi fil-parlament, l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż.

Minkejja dan, l-abort jibqa' suġġett etikament, soċjalment u politikament kontenzjuż li kull fejn ikun diskuss joħloq dibattitu jaħraq, appassjonat u ħafna drabi diviżiv. It-tqegħid fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti f'Novembru 2022, t'abbozz ta' liġi li effettivament jillegalizza l-abort f'Malta, skatta dibattitu nazzjonali. Dibattitu li nfirex lil hinn mill-isfera parlamentari u politika. Din ir-riċerka[6] teżamina r-retorika morali użata fid-dibattitu nazzjonali minn perspettiva soċjoloġika. B'mod aktar preċiż, din ir-riċerka tanalizza l-valuri li informaw ir-retorika f'dan id-dibattitu. F'din il-kitba se nkun l-ewwel qed niddefinixxi dak li qed nifhmu bil-kunċetti ewlenin li tiddiskuti din ir-riċerka: ir-retorika, il-moralità u l-abort. Imbagħad se nipprovdi deskrizzjoni tal-isfond storiku u soċjali li wasslet għall-abbozz ta' liġi msemmi. U wara li nispjega l-metodoloġija użata biex tiġi eżaminata r-retorika morali impjegata f'dan id-dibattitu, ngħaddi biex nippreżenta l-analiżi skjetta li toħroġ minn din ir-riċerka u abbażi ta' dawn ir-riżultati nislet xi interpretazzjonijiet fuq il-proċessi soċjali li għaddejja minnhom is-soċjetà Maltija llum.

### Retorika, moralità, abort: Id-definizzjoni tal-kunċetti

Din li ġejja hija ħarsa ħafifa li tispjega x'qed jiftiehem bit-tliet kunċetti ewlenin li jinsabu kontinwament fl-isfond ta' dan l-istudju: ir-retorika, il-moralità u l-abort.

B'retorika qed nifhmu l-arti tal-persważjoni permezz tal-użu tal-lingwa u simboli oħra. Arti li tesprimi ideat, emozzjonijiet u valuri biex tinfluwenza t-twemmin, l-attitudnijiet u l-azzjonijiet tan-nies. L-istudju tar-retorika jmur lura għall-Greċja u Ruma tal-qedem b'ħassieba kbar jgħidu tagħhom. L-arti tar-retorika kienet meqjusa minn Aristotli bħala għodda għal tmexxija effettiva u minn Platun bħala għodda qarrieqa u manipulattiva bi ftit

[6] Din ir-riċerka hija wkoll frott ta' sensiela ta' diskussjonijiet dwar is-suġġett tal-moralità li kelli mal-Professur Mario Vassallo B.A., B.D., Lic.D., D.Phil. (Oxon.), soċjologu li l-gwida tiegħu hija imprezzabbli fil-ħidma tiegħi f'dan il-qasam.

jew xejn attenzjoni għall-verità. Imma irrispettivament mill-fehmiet tagħhom, il-filosfi għarfu l-importanza tar-retorika u l-impatt tagħha fuq is-soċjetà.

L-istudju tar-retorika llum huwa qasam multidixxiplinarju li jestendi mil-lingwistika u l-komunikazzjoni sax-xjenza politika u s-soċjoloġija. Il-metodi użati biex tiġi osservata, analizzata u mkejla r-retorika jiddependu ħafna fuq il-mistoqsija tar-riċerka, il-kuntest li fih tkun qed tiġi studjata r-retorika u l-perspettiva teoretika tar-riċerkatur. Dan l-istudju kif nispjega aktar tard mhux se jidħol wisq fl-analiżi tal-logos (loġika), l-ethos (kredibilità), u l-pathos (emozzjoni) li jsawru argument persważiv. L-istudju lanqas ifittex janalizza l-istrateġiji ta' persważjoni u l-istil inkluż il-lingwaġġ figurattiv, it-ton u l-għażla bir-reqqa ta' kliem jew elementi bħal vuċi, lingwaġġ tal-ġisem, u l-ġestikulazzjoni. Bla dubju dan kien ikun eżerċizzju interessanti ħafna imma hawnhekk iktar jinteressana nidentifikaw temi u mudelli fil-valuri espressi fuq iż-żewġ naħat tad-dibattitu.

Ir-retorika bħala problema soċjoloġika (Simonson 242–252) teżamina kemm l-effetti tar-retorika fuq is-soċjetà kif ukoll l-effetti tal-forzi soċjali fuq it-tiswir tar-retorika. Għalhekk teżamina kif il-lingwa u l-komunikazzjoni persważiva jiffurmaw ir-relazzjonijiet soċjali, l-istituzzjonijiet soċjali u l-prattiċi kulturali. Teżamina wkoll kif strateġiji retoriċi jintużaw biex jinbnew identitajiet soċjali, biex jissaħħu r-relazzjonijiet tal-poter, u biex tissawwar l-opinjoni pubblika. Jim Aune jgħid li r-retorika tista' titqies bħala "spazju soċjali li jieħu l-forma fin-normi u l-valuri kulturali li jiggwidaw l-espressjoni tal-emozzjoni, ir-razzjonalità u d-deliberazzjoni kollettiva" (Aune 41, 402–420).

Kif inhu l-każ tal-kunċett tar-retorika, il-moralità ilha snin twal tattira interess filosofiku. Madankollu, bi ftit eċċezzjonijiet, l-analiżi tal-filosfi morali kellha t-tendenza li tikkunsidra l-moralità f'livell astratt aktar milli tinvestiga "l-ħajja morali ta' kuljum u tad-dinjiet kunċettwali ta' soċjetajiet differenti madwar id-dinja" (Zigon 1). Is-soċjoloġija ssegwi lil Emile Durkheim, wieħed mill-fundaturi, u tqis il-moralità bħala manifestazzjoni ta' kollettività (Bykov 192–207) u r-rabtiet u l-koperazzjoni bejn il-membri tas-soċjetà (McCaffree 5). F'dan is-sens moralità tfisser in-normi u valuri li tħaddan soċjetà (Bargheer u Wilson).

B'differenza mill-filosofija, il-psikoloġija u t-teoloġija li jieħdu r-raġuni, il-bijoloġija jew xi forza sopranaturali bħala s-sors tal-moralità, is-soċjoloġija tieħu l-fatturi soċjali bħall-klassi, ir-reliġjon u n-nazzjon bħala s-sors t'oriġini tal-moralità. Għalhekk is-soċjoloġija tal-moralità tfittex li tifhem il-proċessi soċjali li jinfluwenzaw l-iżvilupp tas-sistemi morali, inklużi n-normi, il-valuri, u l-kodiċi morali li jiggwidaw l-imġiba tal-bniedem. Stephen Hitlin u Steve Vaisey (2010) jgħidu li s-soċjoloġija tfittex li teżamina d-differenzi soċjali u storiċi ta' x'jifhmu b'tajjeb u ħażin il-membri tas-soċjetà, f'soċjetajiet differenti u fi żminijiet differenti. Is-soċjoloġija tinvestiga wkoll l-impatt ta' dan il-qafas morali fuq is-soċjetà u fuq l-imġiba tal-membri tagħha (Hitlin u Vaisey 3–14). Għall-iskop ta' din ir-riċerka se nkunu qed nanalizzaw il-varjazzjoni morali espressa fi sfond retoriku fi ħdan is-soċjetà Maltija kontemporanja.

Abort jista' jirreferi għat-terminazzjoni indotta u deliberata tat-tqala jew għat-tmiem spontanju jew naturali tat-tqala, normalment imsejjaħ korriment. L-abort kif mifhum fid-

dibattitu, hawnhekk analizzat, huwa t-terminazzjoni indotta u deliberata permezz ta' "t-tneħħija ta' embrijun jew fetu mill-utru" (Concise Medical Dictionary). Fil-qofol tal-kontroversja dwar l-abort hemm fehmiet differenti dwar l-istatus morali u etiku tal-fetu u allura d-drittijiet relatati tal-ħajja umana fil-ġuf, u d-drittijiet tal-mara tqila u l-awtonomija tal-ġisem u l-libertà riproduttiva tagħha. L-opinjoni f'dan id-dibattitu hija maqsuma bejn dawk li jemmnu li t-tarbija mhux imwielda hija entità u ħajja separata mill-omm u dawk li jemmnu li dawk iċ-ċelloli fil-ġuf huma biss parti mill-ġisem tal-omm. L-opinjoni tkompli tinqasam bejn dawk li jemmnu li fil-ġuf hemm tarbija fi stadji differenti ta' żvilupp u oħrajn li tal-anqas fl-istadji bikrin tal-iżvilupp jaraw biss massa ċelloli. Għalhekk, kif jidher ċar, l-abort mhux sempliċement kwistjoni medika iżda iżjed minn hekk jinvolvi konsiderazzjonijiet soċjali, etiċi u emozzjonali.

## L-isfond storiku, politiku u soċjali

Sa qabel ġiet emendata l-liġi f'Gunju 2023, Malta kienet l-uniku pajjiż imsieħeb fl-Unjoni Ewropea li legalment jipprojbixxi l-abort f'kull każ. Il-qerda deliberata tal-ħajja umana fil-ġuf kienet meqjusa bħala att kriminali. Minkejja dan, il-proċedura kienet diġà *de facto* prattikata mingħajr konsegwenzi legali f'ċirkostanzi limitati ħafna fejn il-mara tqila tkun f'riskju li titlef ħajjitha. F'każijiet simili, l-abort kien ikun moralment iġġustifikat minn dawk li jipprattikawh fuq il-bażi tal-prinċipju etiku tad-double effect. Uffiċjalment kien il-każ Prudente, fis-sajf tal-2022 li skatta proċess biex f'Novembru tal-istess sena l-Gvern ippreżenta emenda għall-kodiċi kriminali li *de facto* li tillegalizza l-abort (MaltaToday, "Exception to strict anti-abortion law"). Andrea Prudente hija ċittadin Amerikana li waqt li kienet fuq btala f'Malta, bdiet tara d-demm meta diġà kellha 16-il ġimgħa tqala. Hija ġiet miċħuda abort fl-Isptar Mater Dei għaliex it-tobba kienu tal-fehma li l-omm ma kinitx fil-periklu tal-mewt (The Malta Independent, "Prudente had never been in danger of death") u t-tarbija fil-ġuf kien għad għandha possibbiltà li tgħix (The Times of Malta, "There was a 'possibility' Prudente baby could live, doctor tells court"). Sussegwentement fuq talba tagħha stess ġiet trasferita lejn Spanja biex tagħmel il-proċedura (Euronews, "Barbaric Malta's Abortion Law"). Dan il-każ wassal mhux biss għal emenda fil-liġi fil-Parlament iżda wkoll għal kawża kostituzzjonali fil-Qorti Maltija (TVMnews, "Constitutional Court starts hearing"). L-emenda fil-liġi ta' Novembru 2022 għaddiet b'mod unanimu mill-parlament wara li verżjoni tal-abbozz sostanzjalment emendat ġie ppreżentat fit-tielet qari. Dan ġab taħlita ta' reazzjonijiet fil-kumplament tas-soċjetà (The Malta Independent, "Parliament gives unanimous support").

Iżda filwaqt li l-każ Prudente seta' skatta l-emendi proposti f'*Abbozz 28*, wieħed jeħtieġlu jħares aktar fil-fond biex jifhem x'jagħmel diskussjoni dwar l-abort possibbli. Ħarsa storika tippermetti li wieħed josserva proċess ta' bidla soċjali mill-aktar rapida li rrankat sew fl-aħħar għaxar snin. Għal mijiet ta' snin, il-boxxla morali Nisranija pprovdiet l-orjentament morali tas-soċjetà Maltija. Soċjetà pjuttost omoġenja fejn kull devjazzjoni morali kienet stigmatizzata. Fis-snin sittin tas-seklu għoxrin pajjiżna kien diġà beda jesperjenza proċess ta' modernizzazzjoni, razzjonalizzazzjoni u sekularizzazzjoni li wasslet biex l-eġemonija tal-Knisja Kattolika tibda titnaqqar ftit ftit. Sa dakinhar kull devjazzjoni morali kienet stigmatizzata u sfida diretta kienet twassal għal sanzjonijiet serji bħall-interdett. Iżda proċess qawwi ta' liberalizzazzjoni politika u ekonomika fit-tmiem tas-snin tmenin u l-bidu tas-snin disgħin

wittew it-triq għal-liberalizzazzjoni soċjali fis-snin ta' wara. Fl-2011 ġie legalizzat id-divorzju wara referendum nazzjonali. Dan skatta deċennju ta' bidliet soċjali sinifikanti u sa ftit qabel mhux immaġinabbli – żwieġ legali għal koppji tal-istess sess, liġijiet li jippermettu l-għażla fir-reġistrazzjoni tal-identità tal-ġeneru, il-projbizzjoni tat-terapija tal-konverżjoni, il-legalizzazzjoni tal-koabitazzjoni, id-dikriminalizzazzjoni tal-użu u tat-tkabbir tal-pjanta tal-kannabis għall-użu personali, liġijiet taċ-ċensura aktar laxki, u d-dekriminalizzazzjoni tal-vilifikazzjoni tar-reliġjon.

Ftit li xejn baqa' sagru u ftit li xejn għadu tabù. Imma ftit kienu qed jistennew li l-legalizzazzjoni tal-abort kienet se tiġi diskussa f'din il-leġiżlatura. Fit-tħejjija għar-referendum dwar sħubija fl-Unjoni Ewropea tal-2003, Malta kisbet dikjarazzjoni li l-legalizzazzjoni tal-abort se jibqa' suġġett ta' kompetenza nazzjonali. Fl-2005, il-Kumitat Parlamentari Dwar l-Affarijiet Soċjali ddiskuta l-IVF u l-użu tal-bijoteknoloġija u anki jekk baqa' ma ntlaħaqx qbil dwar il-limitazzjonijiet fuq l-użu tal-proċedura kien hemm kunsens wiesa' dwar l-istatus morali u legali tal-embrijun. Imma hekk kif gerbu s-snin kien hemm mumenti li setgħu xegħlu bozoz ħomor għal dawk li jopponu l-abort, fl-istess waqt li pprovdew sinjal ta' tama lil dawk li jaraw l-abort bħala dritt miċħud. Fl-2018 liġi ġdida proposta dwar il-Vjolenza Domestika telimina minn ħdanha l-protezzjoni tat-tarbija fil-ġuf, liema protezzjoni kienet eżistenti fil-liġi preċedenti. It-tneħħija ta' din ir-referenza fil-liġi Maltija ssib l-appoġġ sħiħ tad-deputati tal-Gvern iżda wkoll t'ammont sostanzjali ta' deputati tal-oppożizzjoni, li ġejjin minn partit li tradizzjonalment ħaddan ideoloġija politika aktar soċjali-konservattiva (The Malta Independent, "Domestic Violence Bill approved"). Fl-2021 id-Deputat tal-Oppożizzjoni Marlene Farrugia tippreżenta abbozz ta' liġi għad-dekriminalizzazzjoni tal-abort (The Times of Malta, "MP proposed bill decriminalising abortion"). Il-Gvern u l-Oppożizzjoni jagħżlu li jimblokkaw id-diskussjoni parlamentari u d-diskussjoni ma sseħħx. Imbagħad, ftit xhur qabel ma tressaq l-abbozz ta' liġi dwar l-abort, tressqu emendi għal-liġi tal-IVF li jippermettu l-ittestjar tal-embrijuni u l-iffriżar prattikament permanenti tagħhom jekk dawn jinstabu difettużi. Kienu biss tliet deputati li opponew għal dawn l-emendi (The Malta Independent, "All eyes on PN").

L-elenku tal-avvenimenti msemmija jagħtuna indikazzjoni ta' x'kien qed ibaqbaq fis-snin u x-xhur li ppreċedew u bis-saħħa tiegħu bdiet id-diskussjoni parlamentari dwar l-abort. Diskussjoni li l-wasla tagħha daqshekk malajr forsi kellha tissorprendina ħafna anqas kieku konna aktar attenti għal x'qed jiġri u li jaf li kieku ma kienx għas-Soċjetà Ċivili u l-President tar-Repubblika, il-liġi għaddiet fil-verżjoni oriġinali tagħha minflok sostanzjalment immodifikata u mdgħajfa.

## Metodoloġija

Kif ingħad aktar kmieni, din ir-riċerka tidentifika u teżamina l-valuri li jinformaw ir-retorika użata fid-dibattitu nazzjonali dwar l-introduzzjoni tal-abort. Għal dan il-għan qed jiġi applikat il-*Hall-Tonna Values Inventory*[7] (HT) li huwa strument internazzjonali, żviluppat

---

[7] Il-Hall-Tonna Values Inventory qiegħed jintuża bil-permess ġentili ta' Elva Castañeda de Hall minn Just-Values www.just-values.com u bil-kollaborazzjoni ta' Dale Reesor mill-Values Hub www.thevalueshub.com.

minn Brian Hall u Benjamin Tonna biex b'mod sistematiku, jidentifika, jikkategorizza u jikkompara l-varjazzjoni ta' valuri filwaqt li joffri sinteżi ta' żvilupp fuq livell individwali kif ukoll organizzattiv. Ix-xogħol ta' Hall u Tonna maħdum fuq il-*Confluent Theory of Values* jibbaża l-inventarju fuq 46 teorija differenti ta' żvilupp uman u 125 valur meqjusin universali. Din it-teorija tqis li l-valuri huma:

- komponent importanti tal-eżistenza tal-bniedem u jistgħu jiġu identifikati u mkejla;
- deskritti permezz ta' kliem;
- mgħallmin u żviluppati permezz tal-assimilazzjoni;
- immodifikati u ffurmati mill-perspettiva tagħna tad-dinja.

**Tabella 1 – Il-Mappa tal-Valuri ta' Hall u Tonna**[8]




Hall u Tonna jelenkaw total ta' 125 valur u jippreżentawhom f'mappa li tinkludi 4 fażijiet u 8 stadji, b'kull fażi tinkludi żewġ stadji ta' valuri u kull stadju jiġbor fih numru mit-total ta' valuri elenkati.[9] Il-valuri jerġgħu huma maqsumin f'żewġ tipi, dawk imsejħa Valuri tal-Għanijiet u dawk imsejħin Valuri tal-Mezzi. L-ewwel fażi hija l-Fażi Pre-Konvenzjonali Superstita u tinkorpora żewġ stadji ta' valuri, jiġifieri l-Istadju tas-Safety (1) u l-Istadju tas-Sigurtà (2). Matul

[8] www.thevalueshub.com (aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
[9] www.thevalueshub.com/values-defined/interactive-definitions/ (aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).

din il-fażi, id-"dinja hija pperċeputa bħala misteru li wieħed m'għandux kontroll fuqu". It-tieni fażi hija l-Fażi Konvenzjonali tal-Appartenenza u tinkorpora żewġ stadji ta' valuri, jiġifieri l-Istadju tal-Familja (3) u l-Istadju tal-Istituzzjoni (4). Matul din il-fażi, id-"dinja hija pperċepita bħala problema li wieħed irid ilaħħaq magħha". It-tielet fażi hija l-Fażi Post-Konvenzjonali ta' Awto-Inizjazzjoni u tinkorpora żewġ stadji ta' valuri, jiġifieri l-Istadju tal-Vokazzjoni (5) u l-Istadju tal-Ordni Ġdida (6). Matul din il-fażi, id-"dinja hija pperċeputa bħala proġett kreattiv li fih hemm rieda tal-persuna li tipparteċipa". Ir-raba' fażi hija l-Fażi ta' Etika u Moralità Globali Interdipendenti u tinkorpora l-ogħla stadji ta' valuri, jiġifieri l-Istadju tal-Għerf (7) u l-Istadju tal-Ordni Dinji (8). Matul din il-fażi, id-"dinja hija pperċeputa bħala misteru li jimpurtana minnha u nieħdu ħsiebha fuq skala globali."

Il-valuri jitpoġġew ukoll f'kontinwu ta' 21 pass u fi 3 kategoriji ta' valuri: Il-Fondazzjoni, Il-Fokus u l-Viżjoni. Il-valuri tal-fondazzjoni jankraw il-pedament u "jipprovdu stabbiltà lin-nies sabiex ikunu jistgħu jżommu l-fokus u jimxu lejn il-viżjoni tagħhom għall-futur". Il-valuri li jipprovdu fokus "huma l-valuri li n-nies jinvestu fihom il-ħin u l-enerġija kuljum." Il-valuri li jispiraw il-viżjoni jiġbdu lin-nies 'il quddiem lejn il-futur. Dawn it-3 kategoriji jinkludu wkoll 7 ċikli ta' tmexxija korrispondenti, jiġifieri l-mexxej 1. awtoritarju 2. paternalista 3. maniġer 4. faċilitatur 5. kollaboratur 6. qaddej 7. viżjonarju. Fl-aħħar nett, il-mappa ta' Hall u Tonna tiddeskrivi 3 tranżizzjonijiet li jakkumpanjaw dawn il-kategoriji, passi u ċikli: it-Tranżizzjoni Ġenesi (T1), it-Tranżizzjoni l-Kbira (T2) u t-Tranżizzjoni Omega (T3).[10]

Il-*Hall-Tonna Values Inventory* joffri opportunità ta' użu ta' għodda analitika kompjuterizzata li biha ninvestigaw sistemi ta' valuri permezz ta' analiżi ta' dokumenti. Id-dokumenti magħżulin jiġu skennjati biex tiġi identifikata minn fost it-test tagħhom il-preżenza ta' waħda jew aktar minn kważi 3,000 kelma li jiskattaw wieħed jew aktar mill-125 valur elenkati minn Hall u Tonna. Il-valuri identifikati fit-test skennjat imbagħad jitpoġġew (juxtaposed) fuq il-mappa tal-valuri biex jiġu analizzati.

Għall-iskop ta' din ir-riċerka, id-data nġabret minn 272 artiklu minn fost 6 gazzetti ppubblikati bil-lingwa Ingliża f'Malta. L-artikli miġburin kienu jinkludu r-rappurtaġġ kollu li deher fit-*Times of Malta*, *The Sunday times of Malta*, *The Malta Independent*, *The Malta Independent on Sunday*, *Malta Today* u *Malta Today Wednesday Edition* fil-perjodu ta' bejn it-28 ta' Novembru 2002, meta tħabbret l-emenda għal-liġi tal-abort, u s-27 ta' Marzu 2003. L-artikli magħżulin ikopru d-dibattitu kollu dwar il-liġi, kif irrappurtat bil-kitba mill-gazzetti msemmija. Il-kontenut analizzat għalhekk ma jillimitax ruħu għad-dibattitu parlamentari u lanqas għal dak ta' bejn il-partiti politiċi. Għall-kuntrarju, l-analiżi timraħ aktar minn hekk u tinkludi kontenut editorjali, rappurtaġġ ta' dibattiti parlamentari, konferenzi stampa ta' partiti politiċi iżda wkoll stqarrijiet u attivitajiet tas-soċjetà ċivili u tal-Knisja.

L-analiżi kienet tinkludi 455 paġna ta' test u 361,000 kelma. Għall-iskop ta' din ir-riċerka t-test mill-artikli nġabar fi tliet gruppi ta' interess analitiku: 1. Il-Pro – Il-grupp li jappoġġja l-leġiżlazzjoni proposta 2. Il-Kontra – Il-grupp li jopponi l-leġiżlazzjoni proposta, u 3. Il-Prietki – b'referenza għad-diskorsi ta' nhar ta' Ħadd mill-Kapijiet taż-żewġ partiti politiċi ewlenin.

[10] www.thevalueshub.com/values-defined/interactive-definitions/ (aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).

Biex nevitaw kull konfużjoni tajjeb nisħaq li l-grupp Pro hawnekk ma jfissirx Pro-life imma jfisser il-grupp favur il-liġi filwaqt li l-grupp Kontra huwa fil-fatt il-grupp kontra l-liġi proposta.

Il-metodu applikat fih xi limitazzjonijiet, li se jiġu speċifikati hawnhekk. Is-sors ewlieni ta' analiżi huwa esklussivament test ta' artikli minn djar tal-midja li jippubblikaw gazzetti ta' kuljum u ta' kull ġimgħa f'format stampat. Filwaqt li dan jinkludi d-djar ewlenin tal-midja tal-pajjiż, jeskludi wkoll siti tal-aħbarijiet online u bloggs li setgħu segwew jew ma segwewx id-dibattitu bl-istess intensità bħalma għamlu l-midja ewlenin. Il-kontenut analizzat jinkludi kontenut editorjali u biċċiet ta' opinjoni, li huma rappreżentazzjonijiet diretti tar-retorika applikata mill-awturi oriġinali iżda jinkludu wkoll rappurtaġġ ta' dibattiti parlamentari, konferenzi stampa u avvenimenti oħra, li huma rappreżentazzjonijiet indiretti ta' partijiet terzi min-natura tagħhom stess. Fir-rigward tal-analiżi tal-valuri, it-test tal-istampa bil-lingwa Ingliża biss seta' jiġi analizzat. Dan minħabba l-fatt li l-istrument tal-kejl applikat juża l-lingwa Ingliża biss, u kien ikun impossibbli li jew nittraduċi l-ammont ta' test involut jew nittraduci it-tassonomija tal-istrument innifsu minħabba l-perjodu qasir ta' żmien disponibbli. Għal din ir-raġuni wkoll it-tabelli ħallejthom bl-Ingliż. M'hemmx traduzzjoni valida tat-termini użati minn Hall u Tonna bil-Malti u dawn għandhom definizzjoni preċiża. Madankollu, nibqa' konvint li din hija tabilħaqq rappreżentazzjoni preċiża tal-valuri involuti fid-dibattitu. Dan għaliex ir-rappurtaġġ tal-avvenimenti relatati u l-istqarrijiet għall-istampa, għalkemm kultant selettiv f'ċerti mumenti f'ċerti gazzetti, kien fil-biċċa l-kbira kopert mill-gazzetti fit-totalità tagħhom, għalkemm dan xorta jeskludi kontenut editorjali u biċċiet ta' opinjoni miktubin speċifikament bil-Malti u li mhux neċessarjament kienu ripetuti fil-gazzetti bil-lingwa Ingliża.

### Riżultati u analiżi

L-analiżi tar-retorika morali bl-applikazzjoni tal-istrument ta' Hall u Tonna tagħtina stampa ċara tal-valuri fl-isfond tad-dibattitu iżda tikxef u tagħti wkoll ħjiel dwar bidliet soċjali li qed iseħħu fis-soċjetà Maltija. Minn din l-analiżi wieħed jista' jislet numru ta' osservazzjonijiet li jimmeritaw analiżi aktar profonda fihom infushom. Osservazzjonijiet dwar is-soċjetà nnifisha u l-proċess ta' individwalizzazzjoni li jidher li qed iseħħ. Hemm ukoll osservazzjonijiet oħra dwar il-proċess ta' tmexxija f'soċjetà demokratika u moderna: xi r-rwol qed jieħdu l-partiti politiċi, il-knisja kattolika, il-midja tal-komunikazzjoni u s-soċjetà ċivili fin-nisġa tal-identità u l-boxxla morali tas-soċjetà Maltija?

Analiżi bil-metodoloġija spjegata, tar-retorika morali użata, kemm mill-proponenti (Pro) kif ukoll mill-avversarji (Kontra) tal-abbozz ta' liġi dwar l-abort, 1. tiżvela l-frekwenza u allura l-enfasi fuq il-valuri skont l-okkorrenza tagħhom fid-dibattitu 2. tikxef mudell komparabbli fost il-valuri sostnuti minn dawk li jappoġġaw il-liġi u dawk li jopponuha, għalkemm 3. hemm varjazzjoni fl-intensità li biha dawn il-valuri huma espressi u 4. varjazzjoni simili fil-mod kif dawn il-valuri huma interpretati. Dawn il-varjazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tagħhom jitfgħu dawl fuq id-diviżjonijiet kultant profondi u kultant anqas profondi li hemm fl-isfond ta' dan id-dibattitu.

## Il-valuri bl-ogħla okkorrenzi fir-retorika taż-żewġ gruppi

B'kont meħud taż-żewġ settijiet tat-test Pro & Contra, miġbura kollettivament, l-20 valur li ġejjin, huma dawk bl-ogħla okkorrenza fid-dibattitu. Dan ifisser li dawn kienu l-aktar 20 valur li infurmaw ir-retorika tad-dibattitu dwar l-abort, bl-akbar intensità: Saħħa/fejqan (1515), Ekwità/Drittijiet (1065), Liġi/Regola (814), Familja/Appartenenza (797), Ġerarkija/Ordni (792), Kura/Trawwim (618), Kompetenza/Kunfidenza (593), Deċiżjoni/Inizjazzjoni (564), Sħubija/Istituzzjoni (556), Sigurtà/Sopravivenza (554), Ġustizzja/Ordni Soċjali (518), Ugwaljanza/Liberazzjoni (473), Fidi/Riskju/Viżjoni (446), Drittijiet tal-Bniedem (427), Responsabbiltà/Etika (424), Regola/Kontabbiltà (370), Servizz/Vokazzjoni (360) Kontroll/Ordni/Dixxiplina (357), Integrazzjoni/Sħuħija (351), Ġestjoni (313).

**Tabella 2 – L-Aktar 20 Valur li Informaw ir-Retorika fid-Dibattitu**

THE TOP 20 VALUES INFORMING THE RHETORIC

| Placing | Occurrence Frequency | Value |
|---|---|---|
| 1 | 1515 | Health/Healing |
| 2 | 1065 | Equity/Rights |
| 3 | 814 | Law/Rule |
| 4 | 797 | Family/Belonging |
| 5 | 792 | Hierarchy/Order |
| 6 | 618 | Care/Nurture |
| 7 | 593 | Competence/Confidence |
| 8 | 564 | Decision/Initiation |
| 9 | 556 | Membership/Institution |
| 10 | 554 | Safety/Survival |

| Placing | Occurrence Frequency | Value |
|---|---|---|
| 11 | 518 | Justice/Social Order |
| 12 | 473 | Equality/Liberation |
| 13 | 446 | Faith/Risk/Vision |
| 14 | 427 | Human Rights |
| 15 | 424 | Accountability/Ethics |
| 16 | 370 | Rule/Accountability |
| 17 | 360 | Service/Vocation |
| 18 | 357 | Control/Order/Discipline |
| 19 | 351 | Integration/Wholeness |
| 20 | 313 | Management |

## Żewġ gruppi bl-istess valuri imma b'okkorrenzi differenti

Meta mbagħad nisseparaw l-okkorrenzi skont iż-żewġ gruppi, il-Pro u l-Kontra, insibu li l-gruppi xorta waħda jinfurmaw ruħhom bl-istess 20 valur prominenti, anki jekk bi frekwenza ta' okkorrenzi differenti minn xulxin.

Meta wieħed iħares lejn l-okkorrenzi ta' dawn l-20 valur, f'numri assoluti taż-żewġ gruppi u jikkomparahom, isib li l-enfasi tal-grupp Pro hija akbar minn dik tal-grupp Kontra f'5 valuri partikolari – 1. Il-Liġi/Regola, 2. il-Kompetenza, 3. Ir-Regola/Kontabilità, 4. Il-Kontroll/Ordni/Dixxiplina, 5. It-Territorju/Sigurtà. Fil-kumplament, l-enfasi tal-grupp Kontra hija akbar f'kollha.

Meta wieħed jaġġusta l-okkorrenzi taż-żewġ gruppi, bħala perċentwali tan-numru ta' artikli favur jew kontra l-liġi, isib li, issa bil-maqlub, l-enfasi tal-Kontra hija akbar minn dawk tal-Pro f'żewġ każijiet biss, jiġifieri l-valur tal-Familja/Appartenenza u l-valur tad-Drittijiet Umani.

**Tabella 3 – L-Aktar 20 Valur li Informaw ir-Retorika tal-Kampijiet Opposti fid-Dibattitu**

THE TOP 20 VALUES INFORMING THE PRO & CONTRA RHETORIC

| Placing | Occurrence Frequency | Value |
|---|---|---|
| 1 | 1515/736/779 | Health/Healing |
| 2 | 1065/483/582 | Equity/Rights |
| 3 | 814/428/386 | Law/Rule |
| 4 | 797/321/476 | Family/Belonging |
| 5 | 792/384/408 | Hierarchy/Order |
| 6 | 618/276/342 | Care/Nurture |
| 7 | 593/299/294 | Competence/Confidence |
| 8 | 564/279/285 | Decision/Initiation |
| 9 | 556/239/317 | Membership/Institution |
| 10 | 554/276/278 | Safety/Survival |
| 11 | 518/229/289 | Justice/Social Order |
| 12 | 473/216/257 | Equality/Liberation |
| 13 | 446/205/241 | Faith/Risk/Vision |
| 14 | 427/158/269 | Human Rights |
| 15 | 424/188/236 | Accountability/Ethics |
| 16 | 370/215/155 | Rule/Accountability |
| 17 | 360/155/205 | Service/Vocation |
| 18 | 357/203/154 | Control/Order/Discipline |
| 19 | 351/147/204 | Integration/Wholeness |
| 20 | 313/180/162 | Management |

## L-immensità u l-intensità tal-okkorrenzi

F'dan is-sens, dan jista' jitqies ukoll bħala paragun bejn l-immensità u l-intensità tal-messaġġ retoriku. Dan għaliex filwaqt li aġġustament ta' pronunzjament ta' valur bħala perċentwali tal-grupp minflok dak tat-total ta' artikli, joffrilek idea tal-intensità tar-retorika tal-grupp innifsu, in-numru ta' okkorrenzi assoluti u aktar spissi f'numru akbar ta' artikli jixhed l-immensità tal-enerġija tal-grupp wara dik l-immensità. Immensità li ma kinitx biss riflessa fin-numru akbar ta' kitbiet u ta' okkorrenzi ta' valuri, imma wkoll fil-mobilizzazzjoni ta' protesta b'attendenza sinifikanti kontra l-liġi proposta (The Malta Independent, "Protest against Government's bill").

## L-istess valuri b'interpretazzjonijiet differenti tat-tifsira tagħhom

Kif għedt aktar kmieni, iż-żewġ gruppi informaw ir-retorika morali tagħhom b'valuri komuni. Imma minn analiżi aktar bir-reqqa, fejn wieħed jirreferi wkoll għat-test oriġinali biex jifhem aħjar, issib li wħud mill-istess valuri mħaddna għandhom ukoll interpretazzjoni jew enfasi differenti mill-gruppi differenti.

Ngħidu aħna, iż-żewġ gruppi esprimew b'ċerta qawwa l-valuri tas-Saħħa/Fejqan. Imma filwaqt li grupp Pro kien qiegħed iħares aktar lejn is-saħħa tal-mara, il-grupp Kontra kien qed iħares aktar lejn saħħet u ħajjet it-tarbija fil-ġuf. Għall-grupp Kontra dan ma fissirx li neċessarjament jinjora ħajjet l-omm meta din kienet fil-periklu tal-mewt. Fil-fatt dan il-grupp ma kienx kontra t-terminazzjoni tat-tqala, effettivament abort, meta l-istess tqala thedded il-ħajja aktar milli sempliċement is-saħħa tal-mara. Anki jekk f'każijiet simili dawn jinvokaw il-prinċipju etiku tad-double effect li jelimina minn fuq il-kuxjenza l-intenzjoni ta' dak li huwa meqjus bħala 'qtil' ta' tarbija mhix imwielda.

Bl-istess mod meta ż-żewġ gruppi jenfasizzaw b'qawwa l-valuri ta' Ekwità/Drittijiet, Liġi/Regola, u Kontroll/Ordni/Dixxiplina, jidher li dawk tal-grupp Pro qed ifittxu protezzjoni mil-liġi, sa dak il-mument tad-diskussjoni ineżistenti, għall-mara u għat-tabib li jixtiequ jwettqu abort. Aktar minn hekk huma jfittxu l-leġitimizzazzjoni tagħhom fil-Liġi Pożittiva, il-liġi tal-istat li tista' tieħu kull forma li jixtieq il-leġiżlatur tal-ġurnata. Min-naħa l-oħra, il-grupp Kontra jridu jipproteġu l-ħajja umana tal-embrijun għaliex qed iħossu theddida ċara għal din il-ħajja minħabba l-istess liġi proposta u l-mewġa ideoloġika hekk imsejħa progressiva. Biex jipproteġu l-ħajja fil-ġuf huma qed ifittxu l-leġitimizzazzjoni tagħhom fil-Liġi Naturali. Il-Liġi Naturali hija korp ta' prinċipji morali meqjusa universali u l-bażi tar-regolazzjoni tal-imġiba umana. Prinċipji li huma preskritti minn awtorità li huma jqisu superjuri minn dik tal-istat.

F'dan is-sens hija wkoll interessanti l-okkorrenza tal-valur tad-Drittijiet tal-Bniedem imħaddan mill-grupp Kontra, bi prevalenza konkretament akbar mill-grupp Pro, kemm fuq livell ta' immensità, kif ukoll fuq livell ta' intensità. Dan jixhed li dan il-grupp qed jagħti status ta' persuna, tal-anqas f'dik li hi protezzjoni bażika għad-dritt tal-ħajja, lill-embrijun. Meta l-prevalenza ta' dan il-valur tad-Drittijiet tal-Bniedem teħodha fil-kuntest tal-prevalenza tal-Valur tal-Kelma deskritt aktar 'l isfel, wieħed jifhem li dan it-twemmin dwar il-protezzjoni tal-ħajja mill-konċepiment qed imiss twemmin fundamentali għal dan il-grupp u għaldaqstant huwa lest li jkun voċiferu biex jiddefendi l-istess twemmin.

Il-varjazzjoni fit-tifsira tal-valuri kienet estiża wkoll għal attentati retoriċi ta' redefinizzjoni ta' termini u kunċetti li sa dakinhar kellhom tifsira komuni għall-maġġoranza tan-nies. Id-dibattitu ma baqax biss jekk dak li hemm fil-ġuf tal-mara hux tarbija umana jew massa ċelloli iżda jekk l-abort u t-terminazzjoni tat-tqala jfissrux l-istess ħaġa. Dan id-dibattitu jfakkarni ħafna f'diskursata min-novella ta' Lewis Carrol *Through The Looking Glass* (1972) fejn Humpty Dumpty jgħid lil Alice li meta juża kelma jkun iridha tfisser biss dak li hu jagħżel li tfisser u xejn aktar. Filwaqt li hi tirreaġixxi billi ssaqsih jekk hu jistax jagħmel il-kliem ifisser affarijiet differenti u hu jweġibha li l-mistoqsija għandha tkun min hu l-imgħallem. L-idea hawnhekk hija li t-tifsir tal-kliem mhux biss huwa fluwidu iżda min għandu l-poter jiddeċiedi u jiddetermina x'inhi t-tifsira. Din l-idea lingwistikament post-Strutturalista u soċjalment post-Modernista għandha implikazzjonijiet fuq min għandu s-saħħa jipprovdi l-boxxla morali li żżomm soċjetà flimkien. U huwa proprju dak li tistedinna nagħmlu s-soċjologa Michele Lamont (vii) nagħtu aktar attenzjoni lir-relazzjoni bejn il-moralità u l-poter. Dan nagħmluh aktar 'l isfel meta nittrattaw il-politika u r-reliġjon.

### Iż-żewġ gruppi jesprimu l-aktar il-valuri fil-kategorija fokus

Meta l-valuri tal-gruppi Pro u tal-Kontra, kull grupp għalih, jitpoġġew fuq il-mappa ta' Hall u Tonna, wieħed isib li l-maġġoranza tal-valuri espressi miż-żewġ gruppi jinsabu fil-kategorija Fokus, it-tieni minn 3 kategoriji. Kif diġà ġie spjegat aktar 'il fuq, il-valuri li jipprovdu fokus huma l-valuri li fihom in-nies jinvestu ħin u enerġija kuljum bħal perezempju s-saħħa, il-liġi u d-drittijiet. Iż-żewġ gruppi mbagħad esprimew ftit anqas il-valuri tat-tielet u l-ogħla kategorija ta' valuri, jiġifieri dawk li jispiraw il-viżjoni u jiġbdu n-nies lejn il-futur. Fl-istess waqt iż-żewġ gruppi esprimew ħafna anqas il-valuri ta' Fondazzjoni jiġifieri l-valuri tal-aktar kategorija bażika li jankraw il-pedamenti bħal perezempju l-valuri bażiċi ta' sigurtà.

### Il-qawwa tal-valur tal-kelma u l-qawmien ta' moviment soċjali konservattiv

Aktar 'il fuq ġie nnutat li l-grupp ta' kontra l-abort fittex u kellu preżenza akbar fil-midja biex iwassal il-messaġġ tiegħu u rnexxielu wkoll jimmobilizza protesta b'attendenza sinifikanti kontra l-liġi proposta. Dan kien jixhed ċerta enerġija. F'dan is-sens huwa sinifikanti li l-valur imsejjaħ tal-"Kelma", jokkorri b'aktar mid-doppju fir-retorika tal-grupp Kontra milli dak tal-grupp Pro. Dan il-valur li jinsab fl-ogħla livell ta' żvilupp fil-mappa tal-valuri huwa mfisser minn Hall u Tonna bħala "l-komunikazzjoni effettiva tal-veritajiet universali – komunikazzjoni li tagħti tama u ħajja ġdida, kif ukoll esperjenza ta' setgħa personali (empowerment)".

Hawnhekk ta' min jistaqsi u jistħarreġ aktar fid-dettall jekk dan is-sens ta' setgħa jfissirx ukoll il-qawmien jew ir-rinaxximent ta' moviment soċjali konservattiv, li tal-anqas fejn tidħol il-ħajja, mhux lest jibqa' mans u doċli kif donnu kien fl-aħħar għaxar snin ta' riformi soċjali. Tgħid dan il-każ simili għal dak li jiddeskrivi Thomas Friedman fil-*Lexus & the Olive Tree* (1999), jiġifieri li aktar ma tirranka l-modernizzazzjoni u l-globalizzazzjoni, aktar tikber ix-xewqa ta' rbit mal-kultura lokali u s-sens stabbli ta' identità li tipprovdi?

Jista' jkun li wara li fl-aħħar snin assistejna għall-qawmien ta' moviment liberali li sfida l-istatus quo, issa qegħdin nesperjenzaw risposta konservattiva ta' moviment li skopra sens ġdid ta' setgħa (empowerment) wara li ħass li l-istituzzjonijiet li tradizzjonalment jiddefendu l-valuri għeżież għalih mhumiex ikunu voċiferi u effettivi biżżejjed? Hu x'inhu l-każ, jidher li fejn jidħlu kunflitti morali u kulturali, l-ispazju soċjali tas-soċjetà ċivili qed jikber u l-irwol tal-partiti politiċi qed jiċkien.

### Il-politika: tmexxija ta' manutenzjoni aktar milli tmexxija ta' viżjoni

Xħin inħarsu lejn il-valuri li jinformaw ir-retorika politika tal-mexxejja taż-żewġ partiti ewlenin, kif espressi fid-diskorsi tagħhom ta' nhar ta' Ħadd u meħuda fi grupp wieħed kollettiv, insibu li, ftit jew wisq hemm riflessjoni tal-valuri espressi mill-gruppi Pro u Kontra (Ara Tabella numru 4). Iżda mbagħad insibu varjazzjonijiet sinifikanti fl-enfasi fuq il-valuri tal-ekonomija, profitt, suċċess u awtoasserzjoni. Din il-varjetà wieħed jista' jinterpretaha bħala appell mill-politiku għal aktar bżonnijiet bażiċi u individwali tal-persuna iżda forsi jista' jinterpretaha wkoll bħala risposta temporanja għall-maltemp ekonomiku internazzjonali u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja minħabba l-effetti tal-pandemija Covid 19 u l-invażjoni Russa tal-Ukrajna. Wieħed jinnota wkoll enfasi fuq il-valuri tas-saħħa u l-kura, li fil-kuntest ta' dak li kien għaddej minnu l-pajjiż fil-perjodu eżaminat, irid jinterpretaha, mhux biss bħala referenza għall-kwistjoni tal-abort, imma wkoll referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qrati Maltin li rrevokat il-privatizzazzjoni tal-isptarijiet pubbliċi wara li qieset din il-privatizzazzjoni bħala eżerċizzju frawdalenti (The Times of Malta, "Judge rule request").

Il-fatt li skont il-mappa tal-valuri ta' Hall u Tonna, it-tmexxija politika tal-pajjiż mhix pass 'il quddiem mill-elettorat li qed tmexxi u l-fatt li l-valuri tal-istess tmexxija politika ma jilħqux it-tielet u l-ogħla kategorija ta' żvilupp fil-mappa, jiġifieri dik ta' viżjoni, ipinġi lill-politika bħala tmexxija ta' manutenzjoni aktar milli tmexxija ta' viżjoni li qed tarkitetta l-futur tas-soċjetà. Tmexxija li aktar lesta tibbaża ruħha fuq riflessjoni tas-sondaġġi milli l-promozzjoni ta' viżjoni

li kapaċi toħlom u twettaq. F'dan il-kuntest wieħed ma jistax ma jinnotax il-vaċillazzjonijiet, fl-aħħar snin, tal-pożizzjonijiet politiċi u l-mexxejja tagħhom fir-rigward tal-abort u trattamenti oħra li jirrigwardaw il-bidu tal-ħajja umana li wkoll inaqqas mill-kredibilità tal-politika.[11] Id-diskors politiku llum jidher nieqes minn viżjoni, narrattiva u retorika li kapaċi tqanqal u timmobilizza u jista' jkun li din hija l-kawża, jew tal-anqas parti minnha, tan-nuqqas ta' kuntentizza u tad-diżillużjoni politika li qed tiġi riflessa fis-sondaġġi politiċi li ħarġu fl-aħħar sena inkluż fil-perjodu ta' dan l-istudju.

**Tabella 4 – Paragun bejn il-Valuri tal-Mexxejja Politiċi, il-Grupp Pro u l-Grupp Kontra**




## L-individwalizzazzjoni, ir-reliġjon, il-midja tal-komunikazzjoni u d-direzzjoni tal-boxxla morali

Ir-retorika esprimiet numru ta' valuri li jagħtu rwol akbar lill-individwu fis-soċjetà. (Ara Tabella 5). Dan huwa sentiment li kien espress fiż-żewġ kampijiet imma kien espress b'aktar qawwa fil-kamp Pro.

### L-individwalizzazzjoni tas-soċjetà Maltija

Il-grupp Pro esprima b'aktar intensità l-valuri ta' sigurtà, sopravivenza, pjaċir, valur personali, u suċċess ekonomiku li huma fost il-valuri l-aktar bażiċi u individwalisti imma l-istess blokk asserixxa aktar ukoll il-valuri ta' atwalizzazzjoni personali, asserzjoni personali, u indipendenza, li huma valuri li jippontaw lejn proċess ta' individwalizzazzjoni. F'soċjetà

[11] Iż-żewġ partiti rrifjutaw li jiddiskutu, allura li japprovaw jew jirrifjutaw jew tal-anqas jemendaw abbozz ta' liġi mressaq minn Marlene Farrugia. www.timesofmalta.com/articles/view/mp-proposes-bill-decriminalising-abortion.871381 (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).

individwalizzata, ir-relazzjonijiet tradizzjonali jitilfu ħafna mill-influwenza tagħhom fuq l-individwu u l-individwu jsir aktar attiv fit-tfassil ta' ħajtu. Fil-fatt, ir-retorika tal-grupp Pro esprimiet sentimenti b'saħħithom favur l-għażliet personali u favur id-drittijiet tal-mara. Min-naħa l-oħra, ir-retorika morali tal-grupp Kontra esprimiet anqas il-livell bażiku u individwalista tal-valuri u enfasizzat aktar il-valuri tad-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett u t-tradizzjoni. Ir-retorika tagħhom tindika inklinazzjoni akbar lejn il-ġid komuni, riflessa wkoll fl-importanza lill-familja. Hawn forsi toħroġ distinzjoni fundamentali bejn l-ideoloġiji taż-żewġ gruppi. Tgħid f'din ir-retorika hemm kurrent moħbi ta' trasformazzjoni, minn filosofija li tadvoka "dan huwa ġismi li jingħata għalikom" għal waħda ta' "dan huwa ġismi, nagħmel minnu skont kelmti"?

**Tabella 5 – Valuri li jindikaw l-Individwalizzazzjoni**

Individualism Indicators

| Value | Pro | Contra | Sermon |
|---|---|---|---|
| 1B. Safety/Survival | 267.96 | 193.06 | 125.00 |
| 2A. Security | 121.36 | 97.22 | 162.50 |
| 2B. Territory/Security | 174.76 | 112.50 | 155.36 |
| 2B. Sensory Pleasure | 73.79 | 54.86 | 46.43 |
| 2B. Economics/Profit | 26.21 | 18.06 | 196.43 |
| 2B. Property/Control | 16.50 | 4.17 | 42.86 |
| 3A. Self-worth | 49.51 | 20.83 | 25.00 |
| 4B. Economics/Success | 47.57 | 27.08 | 314.29 |
| 5A. Self-Actualisation | 105.83 | 81.94 | 51.79 |
| 5B. Self-Assertion | 121.36 | 97.22 | 216.07 |
| 5B. Independence | 90.29 | 79.86 | 89.29 |
| 6A. Being Self | 31.07 | 20.14 | 23.21 |

## Il-kollass tal-eġemonija tal-Knisja?

Filwaqt li l-grupp Pro jinkludi fih fazzjonijiet b'inklinazzjonijiet femministi, soċjali-liberali u kultant radikali, il-grupp Kontra jinkludi fih gruppi b'inklinazzjonijiet aktar soċjalment konservattivi u oħrajn reliġjużi. Minkejja dan, wieħed jinnota li d-diskors tal-grupp Kontra kien anqas mibni fuq diskors reliġjuż ta' "qaddisin u midinbin" filwaqt li l-Knisja Kattolika Maltija jidher li għamlet għażla strateġika li ma tagħmilx "kruċjati" kontra l-legalizzazzjoni tal-abort, anki jekk għamlet il-pożizzjoni tagħha ċara permezz ta' komunikati. F'ċerti mumenti, il-Knisja f'Għawdex u f'każijiet iżolati ċerti kappillani f'Malta, setgħu nħassu jagħmlu interventi aktar diretti, imma mill-bqija l-Kurja ħalliet jidhru fuq quddiem għaqdiet u individwi oħra li bosta minnhom huma viċin il-knisja jew tal-anqas viċin it-tagħlim tagħha. Anki jekk hawn irid jingħad li mhuwiex ċar min imbotta lil min biex ikun aktar voċiferu f'dan id-dibattitu għaliex kultant wieħed jingħata l-impressjoni li l-Knisja għadha xi ftit jew wisq beżgħana

mir-riperkussjonijiet tal-interdett tas-snin sittin. Fil-kwistjoni tal-abort, il-Knisja jew elementi prominenti fi ħdanha setgħu dehru rrassenjati għall-mewġa ta' bidliet soċjali jew inkella setgħu taw l-impressjoni li t-theddida tal-introduzzjoni tal-abort (theddida ovvjament għal dawk li jopponuh u mhux għal dawk li jipproponuh), ma kinitx kwistjoni imminenti u reali daqs materji oħra (The Times of Malta, "Satan, Hitler and abortion").

### Reliġjon privata u inviżibbli?

Imma lil hinn minn deklin evidenti tal-eġemonija tal-Knisja bħala istituzzjoni, wieħed josserva li sal-lum il-valuri Nsara, anki jekk qed jitnaqqru, għadhom jinformaw il-viżjoni tal-ħajja tal-maġġoranza tal-Maltin, kif ukoll l-identità tagħhom. Dan joħroġ anki minn riċerka li saret kemm mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatiska (NSO) u anki mid-Discern; l-Istitut ta' Riċerka tal-Knisja Kattolika Maltija. Iċ-ċensiment tal-Knisja Kattolika (Church.mt, "Around 40 attend Sunday mass regularly") jgħid li 38% biss imorru l-quddies tal-anqas nhar ta' Ħadd imma xorta 92% tal-Maltin jibqgħu jidentifikaw ruħhom bħala Kattoliċi. Iċ-*Ċensiment tal-Popolazzjoni u l-Akkomodazzjoni* tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistka (NSO, "Census and Population and Housing") isib li 82.6% jidentifikaw ruħhom bħala Kattoliċi u dan jeskludi Nsara oħra bħalm'huma l-knejjes Ortodossi u Denominazzjonijiet Protestanti. Riċerka aktar riċenti dwar L-*istat tan-Nazzjon* (2022) issib li 90.5% tal-popolazzjoni Maltija jemmnu f'Alla imma 58.1% biss jgħidu li r-reliġjon hija importanti ħafna f'ħajjithom.

Din l-istatistika tindika direzzjoni lejn sens ta' twemmin mingħajr parteċipazzjoni. Dan is-sens ta' traspożizzjoni tat-twemmin u l-valuri mir-reliġjon organizzata għall-individwu tixbah ħafna l-kunċett ta' 'reliġjon inviżibbli' deskritt mis-soċjologu Thomas Luckmann. Luckmann jirrikonoxxi li r-reliġjon, meqjusa fil-forma tradizzjonali tagħha bħala attività pubblika u ekkleżjastika, tinsab fi kriżi irriversibbli minħabba numru ta' proċessi bħal modernizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni. Imma minkejja dan il-proċess ta' sekularizzazzjoni huwa jqis ir-reliġjon bħala karatteristika universali li xorta tibqa' importanti fis-soċjetà moderna għaliex din tittrasforma ruħha minn waħda istituzzjonali marbuta ma' knisja għal waħda 'inviżibbli' li xorta tibqa' tinforma l-perspettiva tal-persuna dwar id-dinja (*Weltanschauung*) anki jekk l-istess persuna tkun maqtugħa mill-organizzazzjoni u mill-parteċipazzjoni fir-ritwali pubbliċi. Il-kunċett ta' 'reliġjon inviżibbli' huwa kultant ikkomparat mal-kunċett ta' 'reliġjon privata' fejn numru ta' soċjologi inkluż Max Weber jgħidu li r-reliġjon f'soċjetà moderna tissopravvivi biss bħala sett ta' prinċipji privati applikati f'sitwazzjonijiet personali.

Ir-retorika hawnhekk studjata tixhed oppożizzjoni qawwija fost il-popolazzjoni Maltija għall-abort. L-influwenza tat-tagħlim, anki jekk mhux tal-Knisja nnifisha, għadha b'saħħitha anki jekk 'inviżibbli' jew tal-anqas mhux viżibbli daqs ftit snin ilu. Imma sondaġġi jikxfu li din l-influwenza fil-każ tal-abort u f'deċiżjonijiet oħra tal-ħajja qed titnaqqar speċjalment mal-ġenerazzjonijiet aktar żagħżugħa (L-istat tan-Nazzjon 2022, MaltaToday, "Anti-abortion nation" u Church.mt, "70 oppose abortion"). F'dan il-kuntest ikun interessanti li wieħed jifhem kemm minn dawk favur il-legalizzazzjoni tal-abort ħadu l-edukazzjoni tagħhom fi skejjel tal-Knisja, u dan jgħodd mhux biss għal dawk li wrew l-appoġġ bil-vot tagħhom fil-

parlament jew bl-attiviżmu tagħhom fis-soċjetà ċivili imma wkoll membri oħra tas-soċjetà Maltija. F'dan il-kuntest wieħed irid jistaqsi wkoll, fl-eventwalità ta' kollass tal-eġemonija tal-Knisja u n-nuqqas ta' kredibilità politika, min qed jipprovdi gwida jekk mhux boxxla morali, lil hinn mill-individwu nnifsu?

### Il-midja bħala intraprendituri morali?

Jekk il-Knisja tinħass aktar sottomessa u l-viżjoni tal-partiti anqas rilevanti, hemm min-naħa l-oħra l-midja ta' komunikazzjoni li qed tinħass aktar preżenti fil-ħajja ta' kuljum. L-internet, li beda bħala tieqa fuq il-kumplament tad-dinja, sar spazju li ngħixu fih kuljum. Dan provda aċċess għal nixxiegħa ta' informazzjoni globalizzata li qed tisqi ideat u valuri li sa ftit żmien ilu kienu estranji għal gżira żgħira u insulari. Il-qawwa u l-impatt tal-internet u l-midja soċjali, b'mod partikolari fuq il-valuri tal-ġenerazzjoni żagħżugħa, huwa wieħed li ma jistax jiġi injorat.

Il-bidla prinċipali li wieħed jinnota f'din il-midja hija li minn istituzzjoni li sempliċement tirrapporta l-aħbar u tagħti xi inklinazzjoni editorjali dwarha, saret midja b'xejra attivament attivista li tieħu pożizzjoni u tuża l-pożizzjoni privileġġjata tagħha biex timbotta aġenda partikolari. Din narawha sseħħ spiss f'dibattiti dwar l-ambjent, il-kaċċa u l-korruzzjoni fost l-oħrajn. Fid-dibattitu dwar l-abort, il-grupp li kien favur l-abbozz oriġinali tal-liġi, sab midja indipendenti, anki jekk mhux kollha, pjuttost simpatizzanti (The Malta Independent, "Malta's abortion reform"). Jekk forsi wieħed jadatta, jekk mhux kompletament idawwar, il-kunċett ta' "imprendituri morali" ippreżentati minn Becker, wieħed hawn jistaqsi jekk il-midja lokali hix tingħaqad mal-grupp ta' "intraprendituri morali" l-oħra, bħall-politiċi, reliġjużi u movimenti soċjali biex anki hi tuża l-influwenza tagħha biex toħloq normi ġodda fis-soċjetà. L-intraprendituri morali jippubbliċizzaw u kultant jiddemonizzaw 'għemil ħażin' li huwa ta' ħsara għas-soċjetà u jużaw is-setgħa tagħhom biex tinstab soluzzjoni li tindirizza dak l-għemil.

### Konklużjoni

Ftit hemm dubju li dan id-dibattitu għadu mhux eżawrit. Huwa ċar li d-dibattitu dwar l-emendi għal-liġi li tintroduċi l-abort kien biss battalja għall-imħuħ li għad iridu jsiru, mhux biss dwar l-abort innifsu, iżda wkoll dwar materji moralment delikati bħalma huma l-ewtanasja u l-prostituzzjoni fost oħrajn. Biss biss, waqt li Malta kienet qed tiddiskuti l-legalizzazzjoni tal-abort, madwar id-dinja kienet għaddejja diskussjoni kbira dwar l-aħħar żviluppi fl-intelliġenza artifiċjali li flimkien ma' żviluppi oħra fir-robotika u l-bijoteknoloġija u dik li saret magħrufa bħala r-raba' rivoluzzjoni industrijali, għandhom ukoll implikazzjonijiet morali sinifikanti, inkluż dwar it-tifsira tal-ħajja umana nnifisha u xi jfisser li tkun uman. Aħna ngħixu f'soċjetà demokratika li tirrikjedi kunsens. Għalhekk it-triq 'il quddiem trid tintiseġ fid-djalogu u mhux fl-impożizzjoni. Djalogu informat li jwassal għad-deċiżjoni ta' liema tip ta' soċjetà rridu ngħixu fiha. Deċiżjoni li għandha tittieħed mis-soċjetà u mill-membri tagħha.

Francis Fukuyama jargumenta li jekk il-bniedem għamel minn kollox biex permezz tax-xjenza jrażżan il-ħakma tan-natura fuq ħajtu, bl-istess mod għandu jfittex li ma jispiċċax skjav tat-teknoloġija u l-progress xjentifiku. Għall-kuntrarju, is-soċjetà għandha l-jedd u d-dmir li tiddetta l-valuri li jagħtu direzzjoni lil dan il-progress. Ikun żball li nassumu li tibdil mitluq għal riħu ma jkollux implikazzjonijiet morali, soċjali u politiċi fosthom fuq kunċetti għeżież bħal-libertà, l-ugwaljanza, id-demokrazija, id-dinjità umana, il-kompassjoni u d-drittijiet umani nfushom (Fukuyama 218). Il-liġijiet, speċjalment dawk b'implikazzjonijiet morali, la għandhom jiddaħħlu mit-tieqa mil-leġiżlatur u lanqas għandhom isibu poplu jongħos jew saħansitra lluppjat. Dan l-avvanz teknoloġiku kollu qed jitfa' responsabbiltà akbar fuq kull wieħed u waħda minna li niddjalogaw aktar u mhux anqas. "M'għandniex għalfejn naċċettaw l-ebda waħda minn dawn id-dinjiet futuri taħt bandiera falza ta' libertà, kemm jekk tkun dik ta' drittijiet riproduttivi illimitati jew ta' inkjesta xjentifika bla xkiel. M'għandniex għalfejn inqisu lilna nfusna bħala skjavi tal-progress teknoloġiku inevitabbli meta dak il-progress ma jservix għal skopijiet umani. Il-libertà vera tfisser il-libertà tal-komunitajiet politiċi li jipproteġu l-valuri li huma l-aktar għal qalbhom, u hija dik il-libertà li rridu neżerċitaw fir-rigward tar-rivoluzzjoni tal-bijoteknoloġija llum" (218).

### Biblijografija


Archdiocese of Malta, "Around 40% attend Sunday mass regularly". www.church.mt/around-40-attend-sunday-mass-regularly/ (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).

—. "70% oppose abortion if mother's life not at risk". www.church.mt/70-oppose-abortion-if-mothers-life-not-at-risk/ (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).

Baker, Robert. *The Structure of Moral Revolutions: Studies of Changes in the Morality of Abortion, Death, and the Bioethics Revolution* (2019). The MIT Press Cambridge, Massachusetts London, England.

Bargheer, Stefan u Nicholas Hoover Wilson. On the Historical Sociology of Morality: Introduction. *Archives Européennes de Sociologie*. 2018;59 (1):1. www.ejournals.um.edu.mt/login?url=https://www.proquest.com/scholarly-journals/on-historical-sociology-morality/docview/2063283120/se-2. doi: www.doi.org/10.1017/S0003975618000012.)

Becker, Howard S. *Outsiders: Studies in the Sociology of Deviance*. Free, 1963. Print.

Bykov, Andrey. Rediscovering the Moral.' *Sociology (Oxford)* 53.1 (2019) Web.

Concise Medical Dictionary, Oxford University Press, Oxford 2020.

Euronews, "Andrea Prudente: US woman treated in Spain after abortion refusal in Malta". www.euronews.com/2022/06/23/barbaric-maltas-abortion-law-threatens-us-womans-life-say-doctors (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).

Fukuyama, Francis. *Our Posthuman Future: Consequences of The Biotechnology Revolution*, Picador New York (2002).

Hall Brian P. *The Development of Consciousness: A Confluent Theory of Values* 1976 Paulist Press New York / Paramus N.J.

Hall-Tonna Values Inventory mis-siti Just-Values www.just-values.com u Values Hub www.thevalueshub.com

Hitlin, Steven u Stephen Vaisey. (eds). *Handbook of the Sociology of Morality, Handbooks of Sociology and Social Research*, New York, NY: Springer New York (2010).

Lamont Michele in Hitlin, S., and S. Vaisey. 2010. *Handbook of the Sociology of Morality*, New York, NY: Springer New York (2010).

Luckmann, Thomas, Kaden, Tom u Schnettler, Bernt. *The Invisible Religion: The Problem of Religion in Modern Society*. Routledge (2023) .

MaltaToday, "Anti-abortion nation but opinion is shifting". www.maltatoday.com.mt/news/data_and_surveys/118089/maltatoday_survey_malta_anti_abortion_nation_but_opinion_is_shifting (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).

—. "Exception to strict anti-abortion law". www.maltatoday.com.mt/news/national/119933/exception_to_strict_antiabortion_law_presented_in_first_reading (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
—. "Just days after Xarabank, Bernard Grech flip-flops on abortion referendum." www.maltatoday.com.mt/news/national/104491/watch_just_days_after_xarabank_bernard_grech_flipflops_on_abortion_referendum (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
Marmarà, Vincent, u Lou Bondi. L-Istat tan-Nazzjon, 2021: Il-Ġabra ta' kitbiet u statistika marbuta mal-konferenza nazzjonali li saret fl-4 ta' Ġunju 2021 taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta George Vella. Sta. Venera: Klabb Kotba Maltin, 2022.
—. L-Istat tan-Nazzjon, 2022: Il-Ġabra ta' Kitbiet u Statistika marbuta mal-konferenza nazzjonali li saret fid-9 ta' Ġunju 2022 taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta George Vella. Sta. Venera: Klabb Kotba Maltin, 2022.
McCaffree, Kevin. *What Morality Means*. Palgrave Macmillan US. Kindle Edition. (2015)
National Statistics Office, "Census of Population and Housing 2021: Final Report: Population, migration and other social characteristics (Volume 1)". www.nso.gov.mt/events/census-of-population-and-housing-2021-final-report-population-migration-and-other-social-characteristics/ (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
Newsbook, "What are Robert Abela's thoughts on abortion, drugs and prostitution?". www.newsbook.com.mt/en/watch-what-are-robert-abelas-thoughts-on-abortion-drugs-and-prostitution/ (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
Net News, "'Il-PN ma jista' qatt ikun favur id-dekriminalizzazzjoni tal-abort' – Bernard Grech". www.netnews.com.mt/2021/05/13/pn-ma-jista-qatt-ikun-favur-id-dekriminalizzazjoni-tal-abort-bernard-grech/ (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
Simonson, P. *Rhetoric as a Sociological Problem in Argumentation and Advocacy 50* (Spring 2014)
The Malta Independent, "Domestic violence bill approved – 20 PN MPs vote against; age of consent also lowered to 16". www.independent.com.mt/articles/2018–04–25/local-news/Domestic-violence-bill-approved-20-PN-MPs-vote-against-age-of-consent-also-lowered-to-16–6736188798 (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
—. "Malta's abortion reform". www.independent.com.mt/articles/2023–07–06/blogs-opinions/Malta-s-abortion-reform-6736253143 (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
—. "Parliament approves IVF amendments, but three PN MPs refuse to toe party line". www.independent.com.mt/articles/2022–07–06/local-news/All-eyes-on-PN-MPs-as-IVF-amendments-up-for-vote-in-Parliament-tonight-6736244263 (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
—. "Parliament gives unanimous support to amended abortion bill". www.independent.com.mt/articles/2023–06–28/local-news/Parliament-gives-unanimous-support-to-amended-abortion-bill-6736252981 (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
—. "Prudente had never been in danger of death, court told". www.independent.com.mt/articles/2023–01–06/local-news/Prudente-had-never-been-in-danger-of-death-court-told-(sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023)
—. "Thousands protest in Valletta against government's abortion amendment bill". www.independent.com.mt/articles/2022–12–04/local-news/Protest-against-government-s-bill-to-introduce-exception-to-abortion-laws-takes-place-in-Valletta-6736247986 (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
The Times of Malta, "Abortion decriminalisation proposal 'chokes debate' – Labour Party". www.timesofmalta.com/articles/view/labour-party-says-abortion-decriminalisation-proposal-chokes-debate.871840 (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
—. "Do not become an għonnella party – Fr Joe Borg". www.timesofmalta.com/articles/view/għonnella-party-fr-joe-borg.969184 (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023)
—. "Marlene Farrugia 'disgusted' by PN, PL reaction to abortion bill". www.timesofmalta.com/articles/view/marlene-farrugia-disgusted-by-pn-pl-reaction-to-abortion-bill.871927 (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
—. "MP Marlene Farrugia presents bill to decriminalise abortion". www.timesofmalta.com/articles/view/mp-proposes-bill-decriminalising-abortion.871381 (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
—. "Muscat wants national debate on abortion". www.timesofmalta.com/articles/view/muscat-wants-national-debate-on-abortion.762723 (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).

—. "Satan, Hitler and abortion – Fr Joe Borg". www.timesofmalta.com/articles/view/satan-hitler-and-abortion-fr-joe-borg.916008 (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
—. "There was a 'possibility' Prudente baby could live, doctor tells court". www.timesofmalta.com/articles/view/possibility-prudente-baby-live-doctor-tells-court.1005727 (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
TVM, "Constitutional Court starts hearing Andrea Prudente's case". www.tvmnews.mt/en/news/constitutional-court-starts-hearing-andrea-prudentes-case/ (sit aċċessat fis-16 ta' Lulju 2023).
Zigon, Jarred. *Morality: An Anthropological Perspective*. Routledge New York (2020).



# It-Traġitt fil-Ħsieb Edukattiv: Ħarsa Analitika Lejn il-Kitbiet ta' Ugo Mifsud Bonnici u Evarist Bartolo

Omar Seguna

## Introduzzjoni

Il-ħsibijiet ta' eks ministri tal-edukazzjoni għandhom importanza kbira sabiex nifhmu deċiżjonijiet ewlenin f'dan il-qasam. Hawnhekk se nagħti ħarsa lejn dak li xpruna żewġ ministri tal-Edukazzjoni, l-Eċċellenza Tiegħu Dr Ugo Mifsud Bonnici, President Emeritus, u s-Sur Evarist Bartolo, sabiex fasslu l-politika tagħhom u l-impatt li din ħalliet. Se nipprova wkoll nagħti ħarsa ħafifa, fil-limitazzjonijiet li għandi, biex nanalizza kif inbidlet ir-retorika politika mill-aħħar tas-snin tmenin sad-disgħinijiet, u minn qabel l-2013 għal wara dik l-elezzjoni.

L-għażla ta' dawn iż-żewġ personaġġi saret proprju minħabba ż-żmien partikolari illi fihom wettqu l-politika tagħhom, jiġifieri wara bidla relattivament twila tal-partit fil-Gvern; dik tad-9 ta' Mejju 1987 li ntrebħet mill-Partit Nazzjonalista mmexxi mill-Eċċellenza tiegħu Dr Eddie Fenech Adami (President ta' Malta bejn l-2004 u l-2009) u dik tad-9 ta' Marzu 2013 li ntrebħet mill-Partit Laburista mmexxi minn Dr Joseph Muscat. Dawn iż-żewġ elezzjonijiet kienu karatterizzati minn wegħdiet li kellhom iġibu bidliet radikali (Engerer, 2013, Fenech Adami, 2014). Għaldaqstant ikun ta' interess li ngħarrxu ftit x'kienu d-deċiżjonijiet politiċi fil-qasam tal-edukazzjoni u wisq iktar kif inbidlet ir-retorika politika minn żmien ta' qabel dik li tkun tingħad qabel l-elezzjoni mill-amministrazzjoni preċedenti għal dik proposta mill-partit alternattiv li mbagħad wara spiċċa fil-Gvern. Irrid nagħmilha ċara għalhekk li ma nistax inqabbel il-ħidma ta' dawn iż-żewġ politiċi u noħloq paraguni bejniethom minħabba li hemm wisq fatturi differenti u kuntrastanti, l-aktar evidenti huwa ż-żmien notevoli bejniethom.

Forsi tajjeb li f'din l-introduzzjoni nsemmu xi wħud mill-kisbiet ta' dawn iż-żewġ Ministri. Fl-ewwel snin ta' Mifsud Bonnici bħala Ministru tal-Edukazzjoni stajna naraw riforma fl-Università u anki fis-settur postsekondarju, twaqqif mill-ġdid tal-Counselling and Guidance Unit, bidla fit-tagħlim tal-Għarbi fl-iskejjel sekondarji, amalgamazzjoni tal-Junior Craft Centres mal-iskejjel tas-snajja', riforma fl-eżami tad-dħul tal-Liċeo, żieda ta' tagħlim akkademiku fl-iskejjel tas-snajja', ħatra mill-ġdid tad-Diretturi Spiritwali, bini ta' skejjel ġodda, kundizzjonijiet aħjar għax-xogħol u reviżjoni tas-salarji tal-għalliema u ismijiet ġodda lill-iskejjel; dawn tal-aħħar x'aktarx għal xi personaġġ magħruf minn dik il-lokalità (meħuda minn Suppliment Edukazzjoni, In-Nazzjon, It-Tlieta 24 ta' Novembru 1987). Hemm ukoll il-Liġi tal-Edukazzjoni.

Fost il-kisbiet ta' Bartolo mill-banda l-oħra nsibu l-organizzazzjoni fl-iskejjel sekondarji: Skejjel Medji u Sekondarji, l-edukazzjoni Co-ed, l-introduzzjoni ta' suġġetti vokazzjonali, it-twaqqif ta' programmi alternattivi ta' tagħlim, l-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu u tablet għal kull wild.

## Stil

Il-qawwa fil-kelma taż-żewġ personaġġi li għandna ma rridux infittxuha fil-kariżma fid-diskors imma fil-mod artikulat ta' kif iwasslu l-messaġġ. Dan huwa stil ta' kalma u ta' persważjoni: Stil li nfirex sew fil-Partit Nazzjonalista fis-snin tmenin, tant li skont Mifsud Bonnici, il-Perit Mintoff,

meta dan kien Prim Ministru, ma kienx għadu ntebaħ bil-ħila ta' Fenech Adami li jqanqal il-massa (Mifsud Bonnici, 215). Ovvjament niftakru li l-Eċċellenza Tiegħu l-Professur Gwido de Marco jibqa' magħruf għall-ktieb tiegħu "Il-Politika Tal-Perswazjoni" (de Marco), u dan qed ngħidu biex naraw il-firxa li kien hemm f'dan l-istil. Ma nistgħux ma nsemmux ukoll kif Dr Alfred Sant ukoll ħaddan dan l-istil u ġie mifrux sew fil-Partit Laburista.

Element ieħor f'dawn iż-żewġ personaġġi huwa li għamlu użu tajjeb tal-midja. Dan huwa interessanti ħafna għaliex kif jgħidu Walgrave u Van Aelst (2), huwa ta' interesss li naraw sakemm u kif il-midja tikkontribwixxi għall-aġenda politika u potenzjalment timbotta fit-tfassil tad-deċiżjonijiet politiċi. Fil-każ ta' Mifsud Bonnici dan x'aktarx li seħħ permezz tal-kitba qabel l-1987 billi sa dak iż-żmien ma kienx għad hemm pluraliżmu fix-xandir. Fil-fatt il-liġi tax-xandir ġiet emendata wara diversi memoranda ta' Mifsud Bonnici stess mill-1989 (Mifsud Bonnici, 647). Fil-każ ta' Bartolo, dan huwa dominat minn artikli bl-Ingliż. L-idea ġenerali fil-Partit Laburista kienet li l-aġenda tal-gazzetti bl-Ingliż partikolarment Times of Malta, hija kontra l-Partit Laburista (Editorial – The PN vs the free press, 2019, April 15), u dan l-antagoniżmu ħareġ ferm aktar qawwi meta Mabel Strickland ħadet post missierha u għolla rasu sew fis-snin sebgħin u tmenin taħt it-tmexxija tal-Perit Mintoff fosthom il-ħruq tal-bini tat-Times (DeBattista, 95). Bartolo, politiku moderat, ċertament ried jappella għall-klassi medja, dawk li għal ħafna snin ma kinux komdi fil-Partit Laburista.

### Sorsi

Sabiex nifhem sew dak li xpruna ċerti deċiżjonijiet li ttieħdu wara, is-sorsi li rreferejt għalihom kienu dawk li nkitbu waqt il-ħsieb tal-proċess għal tibdil. Għaldaqstant qrajt sewwa l-kitbiet ta' Ugo Mifsud Bonnici fil-ġurnal Il-*Mument* u *In-Nazzjon Tagħna* bejn l-1984 u l-1989, kif ukoll il-kitbiet ta' Evarist Bartolo speċjalment dawk tal-ġurnali bl-Ingliż fosthom *The Times of Malta*. Ta' min ngħidu li Bartolo, mhux biss inqeda bil-ġurnali bl-Ingliż imma kien kruċjali fil-ħolqien tal-Maltastar, organu tal-Partit Laburista bil-lingwa Ingliża (Peregin).

Ovvjament awturi oħrajn li trattaw il-qasam soċjo-edukattiv bħal Cutajar (2006), Deguara (2006), u Willis (2017), kienu kruċjali għalija biex jgħinuni fl-analiżi tiegħi. Facer, ngħidu aħna, turina kif id-diversi sfidi tas-soċjetà moderna bħall-globalizzazzjoni, l-inugwaljanzi, u t-teknoloġija kollha jipprovdu opportunitajiet ġodda għal tibdil fl-edukazzjoni.

### X'wassal għall-iżvilupp fil-ħsieb tagħhom?

Matul dan l-aħħar seklu l-aġendi politiċi kellhom sehem kruċjali fit-tfassil tal-politika li tinkludi dawk id-deċiżjonijiet importanti li fl-aħħar mill-aħħar jaffettwaw iċ-ċittadini. Mistoqsija fundamentali allura fl-aġenda politika hija kif dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jipprijoritizzaw l-issues illi jkollhom quddiemhom (Langer & Gruber, 2020).

Għaldaqstant mistoqsija fundamentali li għandha tiggwidana f'din il-ħarsa hija: X'wassal għall-iżvilupp fil-ħsieb politiku tagħhom?

Mistoqsija supplimentari mbagħad hija: Kif ingħataw prijorità ċerti temi fuq l-oħrajn fil-qasam edukattiv?

Fil-każ ta' Mifsud Bonnici jidher li dak li xpruna l-politika tiegħu kienet il-klima politika, li speċjalment lejn l-aħħar tas-snin tmenin kienet imqallba ftit mhux ħażin. Fil-bidu tat-tmeninijiet imbagħad kellna żvilupp lejn tkabbir ekonomiku ġdid. Għalhekk irridu nħarsu lejn il-bidliet fil-qasam edukattiv minn din il-lenti.

Għaldaqstant isostni:

> Iżda hi maġġoranza pożittiva: li trid il-bini ta' soċjetà Maltija iktar ċivili, iktar ħanina, iktar ġusta, iktar mgħallma anki iktar għanja. Iktar żgura għal dak li jirrigwardja l-paċi interna u ż-żamma tal-liġijiet (Il-Maġġoranza).
>
> Għandu bżonn il-pajjiż jgħaddi minn żmien li fih il-Gvern ikollu mhux biss is-sens morali fl-imġiba personali tal-ministru, iżda wkoll il-fitla li jara li l-affarijiet isiru sewwa kullimkien (Virtù Soċjali).

Hawnhekk imbagħad ikompli jitkellem dwar l-eżamijiet lokali, u dwar ġustizzja mal-għalliema.

Fil-każ ta' Bartolo, kellna pajjiż li kien beda jsir dejjem aktar diġitali imma kien jeħtieġlu jirnexxi iżjed fil-litteriżmu. Kien baqa' niċeċ ġodda tax-xogħol li ma kinux qed jinħolqu u li l-edukazzjoni tagħna wkoll ma kinitx qed toffri.

Matul l-amministrazzjoni tal-Partit Nazzjonalista, fl-2008 kienet ġiet ippubblikata l-Ismart Learning Strategy flimkien ma' dokument ieħor Smart Island li kien jelenka l-viżjoni tal-Gvern għall-2010 li Malta ssir Smart Island, waħda mill-aħjar pajjiżi tal-informatika fid-dinja.

Din l-istrateġija, bl-istess kulur u branding ta' Smart Island, wasslet għall-introduzzjoni tal-bordijiet interattivi, e-Learning platform, titjib fil-kompjuters tal-għalliema. Sadanittant iżda dawn l-iżviluppi waslu wkoll biex il-Malta Union of Teachers targumenta li tant kienu qed iseħħu riformi fi żmien qasir li l-għalliema kienu qed isofru minn għeja kkawżata mill-bidliet li ġew affettwati (Malta Union of Teachers). F'Bartolo, ir-retorika politika nbidlet minn Smart għal enfasi fuq il-litteriżmu.

> Analiżi rigoruża tar-riżultati tal-eżamijiet tad-dħul għall-Junior Lyceum li saru ftit tal-ġimgħat ilu għandhom iservu bħala opportunità importanti biex nifhmu x'inhu għaddej fl-iskejjel primarji tal-istat li fihom jattendu tnejn minn kull tliet studenti li jgħixu f'dawn il-gżejjer.
>
> Għandna ninkwetaw dwar ir-rata li fihom qed ifallu l-istudenti fl-eżamijiet tad-dħul għall-Junior Lyceum mhux tant għax ma rnexxilhomx jidħlu fil-Junor Lyceums, imma għaliex il-mod kif marru f'dawn l-eżamijiet jindikaw il-ħiliet fil-litteriżmu li huma meħtieġa biex jimxu 'l quddiem fl-edukazzjoni u fil-ħajja (*The Times of Malta*, Does education matter?)

## L-Element retoriku fil-kitbiet u f'xi diskorsi ta' Bartolo u Mifsud Bonnici

Hawnhekk se nagħti ħarsa lejn xi elementi fir-retorika tal-kitbiet ta' Bartolo u Mifsud Bonnici. Ħafna minn dawn l-elementi ġew imfissrin matul iż-żmien u applikati anki f'awturi riċenti (ngħidu aħna Bos et al., 2012; Charteris-Black, 2013 u oħrajn). Fost dawn li jiena għażilt insibu l-appell għan-normi soċjali, li jfittxu kredibilità anki billi jsaħħu l-argumenti tagħhom b'sorsi oħra, u li jipprovaw joħolqu riżonanza politika. Fil-qosor ħafna se naraw tekniki oħra ta' retorika bħal ngħidu aħna l-użu tar-ripetizzjoni.

### (a) Jappellaw għan-normi soċjali

Dak li huwa għal qalb il-Maltin insibuh fil-kitbiet ta' Mifsud Bonnici. Ngħidu aħna: "Qed nipprovdu wkoll Gvern tal-irġulija vera" (Il-Mument, Il-Ħadd 11 t'Ottubru 1987).

Insibu l-għaqal u l-bżulija li huma ferm apprezzati mill-Maltin, eżempju: "Kull filgħodu nwettqu xi biċċa xogħol oħra mill-programm" (Il-Mument, Il-Ħadd 11 t'Ottubru 1987).

Insibu wkoll allużjoni għar-reliġjon; fi żmien fejn il-Gvern ipprova jibni wkoll ftehim mal-Knisja, aktar sliem u politika bbażata fuq id-demokrazija Kristjana li tħaddan il-valuri Nsara li l-istess kap Dr Fenech Adami kien iħaddan.

"Fil-bidu kienet il-kelma. U Alla ħarisna min-nuqqas tal-kelma, għaliex konna nkunu lkoll kundannati għan-nuqqas ta' komunikazzjoni: kull wieħed magħluq fl-awtiżmu terribbli tiegħu" (In-Nazzjon tagħna, il-Ħamis 22 ta' Ottubru 1987).

Dan il-paragrafu fil-fatt ifakkrek mhux ftit fl-ewwel kapitlu ta' San Ġwann.

Id-demokrazija, tant għażiża għall-Ewropej, u wkoll għal bosta popli oħra nsibu referenza għaliha kemm f'Bartolo u kemm f'Mifsud Bonnici.

> Għalhekk huwa importanti f'demokrazija parlamentari illi l-partiti jkunu joffru alternattiva lill-ħaddiema. Jekk partit wieħed biss ikun partit li għalih jistgħu jivvutaw il-ħaddiema, allura ma tkun teżisti l-ebda għażla oħra vera. Għalhekk f'pajjiżna huwa importanti li kemm il-Partit Nazzjonalista kif ukoll il-Partit Laburista jkunu joffru għażla li l-ħaddiema jistgħu jagħmlu (Il-Poter, il-Ħaddiem, Il-Mument, il-Ħadd 1 ta' Settembru 1985).

F'dibattitu tal-Kamra tad-Deputati (Il-ħdax-il Parlament, Seduta numru. 33, l-Erbgħa, 6 ta' April, 2011) Bartolo stqarr:

> Jien nemmen li f'demokrazija huwa importantissimu li jkollok id-djalettika ta' gvern u ta' oppożizzjoni. Nemmen li kellna biżżejjed esperjenzi ta' pajjiżi oħra fejn gvern u oppożizzjoni li jaħdmu flimkien u jħokku dahar xulxin, jispiċċaw mafja ta' żewġ blokok kbar u ssir ħsara lid-demokrazija. Jiġifieri tajjeb li jkollok ir-rwol rispettiv ta' gvern u ta' oppożizzjoni li tiskrutinja lill-Gvern, imma ċertament hemm oqsma fejn suppost ittieħdet il-wegħda solenni li ż-żewġ partiti jaħdmu flimkien għat-tisħiħ

> tad-demokrazija. Fost l-oqsma fejn inħass li għandu jsir it-tisħiħ tad-demokrazija, kien proprju l-qasam tax-xandir.

### (b) Kredibilità

Asemah isostni li l-kredibilità tindika kemm min qed jirċievi l-messaġġ jasal biex jemmen lil dak li qed iwasslu. Min-naħa ta' Bartolo, f'kitbiet u diskorsi qabel l-2013 kien hemm enfasi fuq dak li kienu qed jgħidu rapporti internazzjonali.

Ngħidu aħna kien pront li jsejjaħ konferenza tal-aħbarijiet wara r-rapport tal-EU highlevel group of experts on literacy fejn Malta kklassifikat fil-ħamsa u għoxrin post fost is-sebgħa u għoxrin pajjiż membru fejn jidħol l-illitteriżmu fost iż-żgħażagħ Maltin.

Fl-artiklu "Dissecting Malta's literacy problem", (MaltaToday, 16 t'April 2013) jagħmel referenza għall-Progress in International Reading Literacy Study (PIRLS), stħarriġ li sar ma' studenti ta' 10 snin fl-2011 li fih Malta kklassifikat fil-35 post minn 45 pajjiż.

Fl-artiklu *"(Not just) boys falling behind"*, (25 t'Awwissu 2002), jitkellem dwar il-Konsegwenzi li subien mhux ikkwalifikati jista' jkollhom 'il quddiem. Dan ifakkrek ukoll, għalkemm fl-artiklu m'hemmx din ir-referenza, f'Cobbett & Younger, li jittrattaw is-suġġett dwar kif is-subien jaqtgħu lura fis-sistema Edukattiva.

Fl-artiklu *"A future for thousands of young people"*, (16 t'Ottubru 2002) isemmi kif tnejn minn kull tliet żgħażagħ m'għamilx l-eżami taċ-ĊES. Nofs in-nisa m'għamlux dan l-istess eżami.

Fil-każ ta' Mifsud Bonnici spiss insibu referenzi għal dak li ra jew "kif qaluli n-nies". Din ir-referenza għal ħaddieħor naturalment mhux biss issaħħaħ l-argumenti tiegħu imma aktar tipproġettah bħala politiku li huwa qrib in-nies. Insibu wkoll referenza għal dak li ra b'għajnejh waqt il-Kampanja elettorali. Mela biex ngħid hekk dan kważi jista' jitqabbel ma' evidenza empirika minn dak li huwa seta' josserva:

> Jeħtieġ li l-kotba jerġgħu jorħsu. Waqt il-kampanja elettorali ndunajt kemm illum hawn familji li għandhom enċiklopediji u ċerti tipi ta' kotba. Aktarx huma kotba li l-ġenituri xtraw mhux għalihom l-aktar, iżda għal uliedhom. Prezzjużi wkoll. Iżda nixtieq inħajjar liż-żgħażagħ li jibnu librerija, kull wieħed jew waħda għalih jew għaliha. Ħalli dan il-mużajk jirtuh uliedhom, iżda l-librerija li wieħed jibni hu tiffurmah intellettwalment (Il-ħbieb tagħna l-kotba, Il-Mument, Il-Ħadd 22 ta' Novembru 1987).

### (ċ) Riżonanza politika

Kif jgħidu Jowett u O'Donnell (290), sabiex il-messaġġi politiċi jkollhom impatt ikbar, jeħtieġ li jkunu fuq l-istess binarju ta' ħsieb tal-poplu u ma jkunux imbiegħda wisq mill-kurrent ta' ħsieb. Huwa għalhekk kruċjali li l-politiċi jaqraw is-sinjali taż-żmien.

F'kuntest fejn l-ideoloġiji bejn iż-żewġ partiti, (u f'ħafna partiti fl-Ewropa) kienu aktar evidenti mil-lum, kif jgħid ukoll f'Lezzjonijiet 5 ta' Ġunju 1988 dwar is-soċjaliżmu demokratiku fl-Italja, Mifsud Bonnici jipprova jtaffi l-idea li s-soċjaliżmu biss kien meħtieġ għas-servizzi soċjali u li l-Partit Nazzjonalista mhux se jiddefendi l-ħaddiema.

"Kien jaħseb li se nneħħu s-servizzi soċjali, li se naħqru 'l-ħaddiem jew neħdulu d-drittijiet, li se nerġgħu nġibu n-Nato, li m'aħniex kompetenti għaliex bla esperjenza, li aħna għażżenin, jew li aħna dgħajfa u beżżiegħa" (Inferrxu l-ġid, inferrxu l-għerf, Il-Ħadd 24 t'April 1988).

Mifsud Bonnici jidher li qed jirrifletti dak li jridu n-nies, li kien qed jindirizza l-aspirazzjonijiet tagħhom. Konsistentement għandna enfasi li l-Gvern ġdid ma kellux ikun wieħed konservattiv.

Jinqeda wkoll b'dak li kien qed jiġri barra minn xtutna, bħal ngħidu aħna l-Perestrojka fl-Unjoni Sovjetika, terminu li kien jappella ħafna u f'moħħ il-popolin kien ifisser il-moviment bejn suq magħluq għal dak aktar miftuħ. Huwa hawnhekk isostni li "ċertu soċjaliżmu fl-istrutturi ekonomiċi kien ġieb il-ħela, l-ineffiċjenza, l-għażż, il-metodi ta' kafkaf, il-partiġjaniżmu anki fl-għażliet li suppost ikunu kummerċjali" (Perestrojka b'kuxjenza soċjali, 4 ta' Diċembru 1988).

### (d) Tekniċi oħra ta' propoganda

#### (i) Ir-Ripetizzjoni

Ir-ripetizzjoni hija meta jkollok kelma jew argument li jkun ripetut u dan naturalment isir sabiex jagħmel aktar enfasi. Kif semmejt qabel, fil-każ ta' Mifsud Bonnici hemm aċċenn għall-bżulija, kelma li tissemma bosta drabi (ngħidu aħna, Qies, xogħol u attenzjoni, Il-Mument il-Ħadd 13 ta' Novembru 1988; Ngħaġġlu biex insibu pass meqjus, 20 ta' Novembru 1988). Mifsud Bonnici jidher li qed jipproġetta l-idea mhux biss li l-Gvern il-ġdid kien wieħed ħabrieki u li kien se jwettaq ħafna xogħol, imma ried idaħħal ukoll kultura ta' bżulija.

Fil-każ ta' Bartolo spiss niltaqgħu ma' kliem bħal "jgħaddu" u "suċċess" u "jirnexxu", naturalment b'referenza għall-eżamijiet u wkoll mas-suċċess ta' pajjiżna. Ngħidu aħna:

> Aktar tfal iridu jirnexxu fl-iskejjel tagħna. Dawk li diġà qed jirnexxu hemm bżonn jitgħallmu jirnexxu b'mod differenti – tali mod li huwa meħtieġ għal-lum. Qatt m'għandna nieqfu nikkritikaw is-sistema edukattiva tagħna. Irridu naħdmu biex intejbuha u niżguraw li t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna qed imorru tajjeb meta nqabblu ma' pajjiżi li qed jikkompetu magħna fl-investimenti u fis-swieq (Learning to succeed, Times of Malta, 9 April 2003).

#### (ii) L-Anafora

L-Anafora hija r-ripetizzjoni kostanti ta' kelma jew frażi, ġeneralment imma mhux neċessarjament fil-bidu tas-sentenza. Ngħidu aħna Mifsud Bonnici jgħid:

"Dan it-tip ta' Gvern wegħidna. Dan it-tip ta' Gvern qed nagħtu. Għax dan it-tip ta' Gvern ivvutat il-maġġoranza" (Il-Mument, Il-Ħadd 11 t'Ottubru 1987).

Mill-banda l-oħra, f'Bartolo naraw l-enfasi fuq "neħtieġu" u dan qed jenfasizza dan in-nuqqas li l-oppożizzjoni dak iż-żmien kienet qed tara li jrid jiġi indirizzat: "Neħtieġu sistema edukattiva li jirnexxilha trawwem fost iż-żgħażagħ tagħna l-ħiliet avvanzati meħtieġa biex nattiraw investiment barrani fil-manifattura u s-servizzi. Neħtieġu esperjenza edukattiva li tħejji liż-żgħażagħ tagħna biex jabbraċċaw id-diversità u l-bidliet globali" (Globalising our education, 2 February 2003).

### (iii) Il-Poliptòto

Xi drabi nsibu wkoll il-poliptòto fejn kull ripetizzjoni hija differenti iżda għandha l-istess għerq. Ngħidu aħna:

"Meta tiret, tiret mingħand il-mejjet. Iżda aħna writna proprjament mingħand min baqa' ħaj" (Il-Mument, 4 t'Ottubru 1987).

### (iv) Il-Mistoqsija Retorika

Il-mistoqsija retorika hija użata wkoll għaliex twassal lill-qarrej jew is-semmiegħ biex jasal għall-konklużjoni. F'Bartolo spiss insibu "X'se nagħmlu ..." jew "Kif ser inkunu qed ..." sabiex joħroġ aktar il-problema tal-litteriżmu.

F'Mifsud Bonnici nsibu: "X'qed jagħmlu issa li ġiethom l-okkażjoni?" (Il-Mument, 4 t'Ottubru 1987).

### Konklużjoni

Ix-xewqa tiegħi li nanalizza r-retorika politika f'dawn iż-żewġ eks ministri ġejja mill-fatt li filwaqt li l-attenzjoni tagħna forsi taqa' fuq il-Prim Ministri, ma jiġux studjati l-mod kif wasslu l-messaġġ tagħhom ministri. Interessanti wkoll għaliex ir-retorika politika hawn aktar qed toħroġ fil-qawwa tal-kelma miktuba, fis-sengħa tal-kitba aktar milli f'diskorsi mibnija biex iqanqlu l-mases.

It-tieni raġuni hija għaliex bħala edukatur xtaqt li nħares lejn it-traġitt fil-ħsieb edukattiv. Minn dejjem kien jinteressani kif tinbidel ir-retorika politika, ngħidu aħna fis-snin tmenin b'aċċenn qawwi fuq l-istudent ħaddiem u mbagħad fi żmien Mifsud Bonnici kellna l-Liġi tal-Edukazzjoni; sal-2013 konna qed nitkellmu dwar "Smart island" bil-wegħda wkoll ta' belt tal-informatika li toħloq ħafna impjiegi, għal enfasi fuq il-litteriżmu fi żmien Bartolo li wassal ukoll għall-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

Fl-aħħar nett, l-għan ta' dan l-istudju qasir, mhuwiex li jagħmel ġudizzju mid-deċiżjonijiet li saru imma li jifhem għalfejn ittieħdu. Sta għalina ċ-ċittadini attivi li nifhmu wkoll l-aġenda politika mħejjija u nimbuttaw sabiex fiha jiġu prijoritizzati temi li jħallu impatt pożittiv fuq pajjiżna kemm issa u kemm fuq il-ġenerazzjonijiet tal-futur.

Biblijografija

("Labour sometimes accused Times of Malta of being an ally of the Nationalist Party"). Editorial – The PN vs the free press, (2019, April 15). Times of Malta. Retrieved June 5, 2023, from www.timesofmalta.com/articles/view/the-pn-vs-the-free-press.

Asemah, Ezekiel S. "Public Relations and Democratic Governance in Nigeria: A Componential Overview." *Year of Publication*: 2010.

Bartolo, Evarist. "Does Education Matter?" *The Times of Malta*, 2002.

—. "(Not just) Boys Falling Behind." *MaltaToday*, 25 ta' Awwissu 2002.

—. "A Future for Thousands of Young People." *The Times of Malta*, 16 ta' Ottubru 2002.

—. "Globalising our Education." *The Times of Malta*, 2 ta' Frar 2003.

—. "Il-ħdax-il Parlament, seduta numru 13, L-Erbgħa 6 ta' April 2011."

—. "Dissecting Malta's Literacy Problem." *MaltaToday*, 16 ta' April 2011.

*Bos*, Linda, Wouter van der Brug, u Claes H. de Vreese. "An experimental test of the impact of style and rhetoric on the perception of right-wing populist and mainstream party leaders." *Acta Politica*, vol. 48, 2013, pp. 192–208.

Charteris-Black, Jonathan. "Politicians and Rhetoric: The persuasive Power of Metaphor." Palgrave Macmillan, 2013.

Cobbett, Mary u Mike Younger. "Boys' educational 'underachievement' in the Caribbean: Interpreting the 'problem'". *Gender and Education*, vol. 24, no. 6, 2012, pp. 611–625.

Cutajar, JosAnn. "Teenage Mothers: The Right to Work and Study." Editjat minn P. G. Xuereb, European Documentation and Research Centre, L-Università ta' Malta, 2006, pp. 211–234.

DeBattista, Andrè· P. "Mabel Strickland: Bejn Storja U miti: ġabra ta' kitbiet." Editjat minn S. Grech, *Horizons*, 2018.

Deguara, Angel. "The Faces of the Poor: A Sociological Review of Poverty in Contemporary Europe and Malta." Editjat minn P. G. Xuereb, European Documentation and Research Centre, L-Università ta' Malta, 2006, pp. 72–85.

De Marco, Guido u Charles Abela Mizzi. "*Il-Politika tal-persważjoni: Awtobijografija*." Allied Publications, 2009.

Engerer, Cyrus. "*Joseph: Malta li rrid ngħix fiha*." SKS, 2013.

Facer, Keri. "*Learning futures: Education, technology and social change*." Routledge, 2011.

Fenech Adami, Eddie. "*Eddie: my Journey*." Allied, 2014.

Jowett, Garth S., u Victoria O'Donnell. "*Propaganda and Persuasion*." Sage Publications, 1999.

Mifsud Bonnici, Ugo. "Il-Poter, Il-Ħaddiem", *Il-Mument,* Il-Ħadd 1 ta' Settembru 1985.

—. "Dimostrazzjoni ta' responsabiltà flok wirja ta' qawwa", *Il-Mument*, 4 t'Ottubru 1987.

—. "L-irġulija l-programm tagħna", *Il-Mument*, Il-Ħadd 11 t'Ottubru 1987.

—. "Kelmtejn mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni", In-Nazzjon tagħna, il-Ħamis 22 t'Ottubru 1987.

—. "Il-Maġġoranza." *Il-Mument*, 31 May 1987.

—. "Virtù Soċjali." *Il-Mument*, 31 May 1987.

—. "Il-ħbieb tagħna l-kotba", *Il-Mument*, Il-Ħadd 22 ta' Novembru 1987.

—. "Perestrojka b'kuxjenza soċjali", *Il-Mument*, 4 ta' Diċembru 1988.

—. "Qies, xogħol u attenzjoni", *Il-Mument,* Il-Ħadd 13 ta' Novembru 1988.

—. "Ngħaġġlu biex insibu pass meqjus", *Il-Mument*, 20 ta' Novembru 1988.

—. *Konvinzjoni u Esperjenza*. Klabb Kotba Maltin, 2015.

Malta Union of Teachers. *Memorandum għall-Partiti Politiċi: Elezzjoni Ġenerali 2012/2013*. Malta Union of Teachers, 2012.

Ministry for Investment, Industry and Information Technology. *The Smart Island: The National ICT Strategy for Malta 2008–2010*. Ministry for Investment, Industry and Information Technology, 2008.

Ministry of Education Youth and Employment; Ministry for Investment, Industry and Information Technology. *Smart Learning: Malta's National e-Learning Strategy 2008–2010*. 2008.

Peregin, Christian. "Labour Tasks Evarist Bartolo with Reforming Maltastar.com." *The Times of Malta*, 11 July 2011. Aċċessata fil-5 ta' Ġunju 2023, minn www.timesofmalta.com/articles/view/Labour-tasks-Evarist-Bartolo-with-reforming-Maltastar-com.374880.

"Suppliment Edukazzjoni." *In-Nazzjon*, 24 ta' Novembru 1987.

The Times of Malta. "Editorial – The PN vs the Free Press." *The Times of Malta*, 15 ta' April 2019.
Walgrave, Stefaan, u Peter Van Aelst. "Political Agenda Setting and the Mass Media." *Oxford Research Encyclopedia of Politics*, 2016.
Willis, Paul. *Learning to Labour: How Working Class Kids Get Working Class Jobs*. Routledge, 2017.



# Mekkaniżmi ta' Persważjoni fil-Lingwaġġ Politiku Kontemporanju Malti

Christa Boffa

F'din il-kontribuzzjoni nixtieq naqsam magħkom ftit mill-konklużjonijiet tal-istudju tiegħi dwar il-mekkaniżmi ta' persważjoni fil-lingwaġġ politiku kontemporanju Malti. L-istudju sar madwar 10 snin ilu, bħala teżi tal-baċellerat – fejn fih analizzajt kif il-mexxejja taż-żewġ partiti politiċi ewlenin, li dak iż-żmien kienu Joseph Muscat għall-Partit Laburista, u Lawrence Gonzi għall-Partit Nazzjonalista, iħaddmu għodod lingwistiċi differenti sabiex fl-aħħar mill-aħħar jagħmlu parti importanti minn xogħolhom bħala politiċi – jiġifieri jikkonvinċu lill-udjenza tagħhom. Iż-żewġ diskorsi seħħew f'kuntesti differenti, u minħabba f'hekk se jiġu analizzati b'mod separat, u mhux b'mod komparattiv.

Lejn l-aħħar ta' din il-preżentazzjoni se nagħti titwila qasira għal kif id-diskors politiku evolva bil-massifikazzjoni tal-mezzi soċjali. Illum il-ġurnata, ħafna mill-komunikazzjoni, politika u mhix, isseħħ fuq kanali bħalma huma Facebook, Instagram, Twitter, u TikTok, u b'hekk xtaqt niddedika ftit minuti sabiex naraw x'impatt għandha din il-bidla fuq il-lingwaġġ politiku kontemporanju Malti.

### Joseph Muscat

Nibdew bl-ewwel politiku – Joseph Muscat. Id-diskors li analizzajt huwa diskors li Muscat għamel fi tmiem il-Konferenza Ġenerali tal-Partit Laburista tal-2012, diskors li kien ċentrali fil-karriera politika tal-kelliem, tant li jissemma wkoll fil-bijografija tiegħu Malta rrid ngħix fiha.

Nota interessanti hija li dan id-diskors sar eżatt f'għeluq it-38 sena tal-kelliem, li kif forsi nistgħu nosservaw aktar 'il quddiem, ikkontribwixxa għat-tema tad-diskors, għaliex fih jaqsam mal-udjenza tiegħu bosta memorji u dettalji ta' tfulitu u ta' meta kien iżgħar.

Iż-żmien li fih seħħ id-diskors minn Joseph Muscat kien wieħed li ġie wara tliet telfiet konsekuttivi fl-elezzjonijiet ġenerali ta' Malta. Ftit wara dan id-diskors, il-Partit Laburista rebaħ l-ewwel elezzjoni ġenerali fi 15-il sena.

Joseph Muscat jiftaħ id-diskors billi jitkellem dwar il-passat tal-partit, l-iżbalji li seħħew fil-passat, u t-tagħlimiet li ħa l-partit minn dawn l-iżbalji.

Wara, jitkellem dwar l-oriġini tiegħu, fejn jiddeskrivi l-familja li ġej minnha, u jgħaqqad ma' dan id-diskors bosta aneddoti ta' meta kien żgħir. F'din il-parti, id-diskors aktar jixbah lil storja, milli diskors politiku, anki għaliex jelabora fuq avvenimenti f'ħajtu li għandhom x'jaqsmu b'mod jew ieħor mal-ħajja politika tiegħu.

Minkejja li d-diskors idum aktar minn nofs siegħa, ħa nsemmi biss xi punti ewlenin li naħseb jispikkaw f'dan id-diskors, u li jagħtuna idea ta' x'tip ta' mekkaniżmi lingwistiċi jiġu mħaddma mill-kelliem f'dan il-każ partikolari.

### 1. Solidarjetà

Jekk hemm kelma li tista' tiddeskrivi dan id-diskors, naħseb hija solidarjetà. Dan għaliex il-kelliem jixtieq iqarreb lilu nnifsu kemm jista' lejn l-udjenza tiegħu. Jixtieq li l-udjenza tħoss li hu wieħed minnhom, u li jneħħi kull barriera li s-soltu tista' tinħoloq bejn politiku u l-udjenza tiegħu. Aktar milli wieħed politiku, dan id-diskors huwa mibni bl-għan li jinħass aktar bħala konverżazzjoni bejn persuni jew ħbieb li minkejja kull diżgwid u problemi, jiltaqgħu madwar mejda biex jgħidu kelmtejn.

Naħseb li l-aktar element evidenti li juri dan kollu huwa l-mod ta' kif inhu msawwar dan id-diskors. Dan għaliex ivarja kemxejn mid-diskorsi politiċi tradizzjonali. Is-soltu l-kelliema aktar hemm ċans li jiftaħru bil-passat tagħhom jew tal-partit.

Hawn iżda, Muscat qed jagħmel l-oppost. Qed isemmi episodji negattivi fl-istorja tal-partit. Bl-istess mod, jiddeskrivi l-għeruq umli li ġej minnhom, u fuq kollox isemmi wkoll uħud mill-membri tal-familja tiegħu jivvutaw lill-partit oppost għal tiegħu. Dawn tal-aħħar b'mod partikolari, huma punti li mhux soltu nisimgħuhom f'diskors politiku.

Imma jekk niftakru dak li għedna ftit ilu, jiġifieri li d-diskors jinħass aktar bħala diskors bejn żewġt iħbieb, nindunaw li din l-istruttura tagħmel ħafna sens.

Naħseb kollha kemm aħna żbaljajna kontra xi persuna xi darba f'ħajjitna. Jekk immorru nitolbu maħfra u ma nammettux l-iżbalji li għamilna, ma nurux li tgħallimna minn dawn l-iżbalji, u anzi, niftaħru li aħna l-aħjar ħbieb fid-dinja, ma naħsibx li jkollna wisq ħbieb. Ħalli mbagħad insemmu dak li jagħmilna l-aqwa ħabib jew ħabiba, u għaliex għandhom jagħżlu li jibqgħu joħorġu magħna u jafdawna.

Bl-istess mod, id-diskors dwar l-iżbalji li saru fil-passat ikomplu jsaħħu l-għan tad-diskors. Donnu qed jgħid, "qed nagħrfu dak li għamilna ħażin, u b'hekk nistgħu nifhmu x'nistgħu ntejbu fil-futur."

Billi jagħti deskrizzjoni u l-istorja dettaljata tal-ħajja politika tiegħu, il-kelliem donnu jrid jikxef kemm jista' lilu nnifsu u jkun trasparenti mal-udjenza tiegħu – b'mod li jġegħelha temmen fih għaliex mhux qed jinħeba quddiemhom.

### 2. Aħna

Element ieħor li joħloq dan is-sens ta' għaqda u solidarjetà huwa l-użu tal-pronom "aħna".

Il-kelliem juża l-aħna, jew pronomi mehmużin li jimplikaw l-istess tifsira tul id-diskors kollu. Il-mod ta' kif ivarja lil min jinkludi fl-aħna donnu juri li jixtieq ikun tip ta' pont bejn din it-tmexxija u l-poplu, bejn dawn l-iżbalji, u futur aħjar.

Anki meta nagħtu titwila lejn il-kliem muftieħ ta' dan id-diskors, l-aktar kliem użat ikompli jsaħħaħ it-tema ta' għaqda li l-kelliem qiegħed jipprova jwassal permezz ta' dan id-diskors.

L-aktar kelma użata hija "tagħna", imbagħad hemm "kulħadd", nerġgħu naraw l-"aħna", "pajjiżna", li kollha jikkonfermaw din it-tema tal-għaqda. Bl-istess mod, il-frażi deittika temporali "illum" issaħħaħ argument ieħor li twassal tul id-diskors kollu – dak li l-partit m'għadux dak li kien u issa nbidel.

Bl-istess mod, hemm ir-ripetizzjoni tal-kelma "nemmen" li tidher għaxar darbiet aktar minn "nemmnu", li tidher tliet darbiet biss. Ir-ripetizzjoni fis-singluar donnha timplika li l-partit issa se jimxi fid-direzzjoni tal-mexxej il-ġdid tiegħu, u mhux fl-istess direzzjoni li wasslet għal telfiet u żbalji fil-passat. Fil-plural, ir-ripetizzjoni tkompli tinsisti fuq l-għaqda.

### Lawrence Gonzi

Fit-teżi studjajt aktar elementi, iżda nixtieq li nagħtu ħarsa lejn id-diskors li jmiss, jiġifieri dak ta' Lawrence Gonzi.

Dan id-diskors seħħ fiċ-ċelebrazzjonijiet annwali tal-Indipendenza ta' Malta fl-2011. Dan id-dettall huwa kemxejn importanti għall-kuntest tad-diskors, għaliex internazzjonalment din is-sena kienet waħda b'ħafna taqlib ekonomiku u politiku.

Dan id-diskors huwa mibni b'mod aktar tradizzjonali. Fil-qosor, huwa wieħed li jħeġġeġ lill-udjenza tħares lejn il-passat glorjuż tal-partit u fuqu tibni futur daqstant glorjuż.

### 1. Erojku

F'dan il-każ, l-għan ewlieni tad-diskors huwa li juri lill-partit li qed jirrappreżenta, u anki lill-pajjiżna bħala eroj, li kiseb bosta suċċessi tul l-istorja, bħal pereżempju l-Indipendenza, is-sħubija fl-Unjoni Ewropea, u d-dħul fiż-Żona Ewro.

Fl-istess ħin, il-partit jingħata din il-vesti erojka fil-preżent, fejn minkejja li l-kelliem qiegħed jammetti dawn id-diffikultajiet kbar, hu qed jattribwihom lil fatturi esterni. Permezz t'hekk, il-kelliem jista' jibni l-argument li l-partit tiegħu jista' jegħleb dan ix-xkiel – tant li fl-aħħar tad-diskors jagħmel kuraġġ lill-udjenza tiegħu biex ma jaqtgħux qalbhom mill-futur.

Dan jagħmlu permezz ta' bosta mekkaniżmi, iżda għal darb'oħra xtaqt insemmi biss dawk li jispikkaw l-aktar.

### 2. Metafori

L-għodda prinċipali li permezz tagħha jitwassal dan il-kunċett ta' supereroj hija l-metafora. L-aktar metafora frekwenti hija dik ta' NAZZJON bħala PERSUNA, fejn l-azzjonijiet li qed jagħmel in-nazzjon bħalma huma "jagħmel kisbiet kbar", "jerfa' l-piż", iġiegħlu jidher bħala persuna responsabbli u ta' awtorità. Bl-istess mod, il-pajjiż qiegħed jiġi mfixkel tul il-mixja tiegħu, iżda hu determinat li jibqa' għaddej.

Il-komunità internazzjonali wkoll tingħata xejra umana. Fid-diskors, il-pajjiżi l-oħra qegħdin jissejħu dgħajfa, iżda Malta hija b'saħħitha. Dan kollu jkompli jsaħħaħ din l-idea tal-pajjiż u/jew partit bħala eroj.

Espressjonijiet oħra bħal "joħroġ għonqu", "jistinka", "jissielet" huma kollha kliem minn lessiku li juri kuraġġ, determinazzjoni, u xejriet erojċi.

Metafora oħra li ssaħħaħ din it-teknika ta' persważjoni hija dik tad-DIFFIKULTAJIET bħala MALTEMP. Maltemp jimplika li hemm nuqqas ta' kontroll fuq is-sitwazzjoni, li jista' jkun mhux mistenni wkoll. Il-kelma "maltemp" hija ripetuta sitt darbiet, f'kuntesti kemm fil-passat, preżent, u fil-futur.

Din il-metafora, magħquda ma' dik tal-PAJJIŻ bħala VAPUR timplika li hekk kif vapur għandu bżonn kaptan tajjeb fil-maltemp, li jaf jidderieġi l-vapur fid-direzzjoni t-tajba, hekk ukoll il-pajjiż għandu bżonn Prim Ministru li jmexxih fit-triq it-tajba, speċjalment fi kriżi ekonomika.

### 3. Slogans

Element persważiv li jispikka f'dan id-diskors huwa r-ripetizzjoni ta' slogans politiċi, kemm passati kif ukoll preżenti tal-Partit Nazzjonalista.

Il-kelliem fil-fatt, fil-bidu tad-diskors, isemmi l-islogan għal dik is-sena – "kburin b'pajjiżna għax nemmnu f'pajjiżna". Dawn il-ftit kelmiet idawru l-attenzjoni fuq l-udjenza, li donnhom iridu jġegħluha temmen fis-supereroj – li f'dan il-każ huwa pajjiżna.

L-għażla tal-pronom mehmuż -na ma' pajjiżna iżid mal-element tal-kollettività u mas-sens patrijottiku li huma leitmotifs tul id-diskors, u bl-istess mod, jekk naraw dan l-islogan fid-dawl tas-supereroj, il-verb "kburin" u "nemmnu" juru li s-semmiegħa qed jagħtu sostenn sabiex ikompli jmexxihom u jipproteġihom fil-futur.

Hemm ukoll riferiment għal slogan politiku li l-partit uża fil-passat – "f'par idejn sodi". Il-kelliem jgħaqqad l-islogan mal-metafora PAJJIŻ bħala VAPUR, u qed jirrappreżenta pajjiż imdawwar b'ambjent ta' taqlib soċjali u ekonomiku – li b'hekk għandu bżonn par idejn sodi biex iżomm il-pajjiż sew fi ħdanu biex dan ma jitkaxkarx ma' dan it-taqlib, kif ġralhom pajjiżi oħra.

Fit-teżi ovvjament tistgħu ssibu bosta aktar elementi li jsaħħu dak li semmejt fuq iż-żewġ diskorsi, iżda minħabba l-ħin li għandi ddedikat illum, nixtieq nagħlaq billi ngħid kelmtejn fuq id-diskors politiku llum il-ġurnata, u kif dan qed jiġi affettwat mit-tixrid tal-mezzi soċjali.

### Id-diskors politiku u l-mezzi soċjali

It-tema tal-persważjoni llum il-ġurnata nbidlet sew hekk kif il-mezzi soċjali saru l-għodda ewlenija ta' komunikazzjoni, inkluż dik politika.

Minkejja l-vantaġġi kollha li jistgħu jġibu magħhom, hemm karatteristika li f'kuntest politiku, ta' min nagħtuha ftit attenzjoni.

Il-mezzi soċjali huma bbażati fuq algoritmi li huma mfassla b'mod li jżommuk kemm jista' jkun fuq dik il-pjattaforma. B'hekk, jekk tinteraġixxi ma' kull tip ta' midja fuq kwalunkwe

pjattaforma – pereżempju tħalli "like" fuq artiklu fuq Facebook, tara video fuq YouTube jew Instagram u TikTok, il-pjattaforma tibqa' tipproponilek kontenuti simili biex tibqa' tattiralek l-attenzjoni tiegħek.

Dan kollu qiegħed joħloq dak li bl-Ingliż jissejjaħ echo chamber, fejn prattikament ħafna persuni ma jiġux esposti għal opinjoni differenti minn tagħhom, hekk kif dawn l-algoritmi rari juruk kontenut li jafu li mhux se jogħġbok. U anki jekk b'xi mod tiġi espost għal xi artiklu jew video li ma jogħġbokx, mill-ewwel tista' tagħmel hide jew unfollow u ma tarahomx aktar.

Bl-istess mod iżda, il-mezzi soċjali qegħdin iwasslu għal evoluzzjoni ta' dawn il-mekkaniżmi ta' persważjoni li semmejt aktar kmieni. Pereżempju, is-solidarjetà, li permezz tagħha politiku jixtieq jidher bħala wieħed mill-poplu, illum forsi aktar probabbli li taslilna permezz ta' ritratt fuq Instagram, fejn fiha pereżempju naraw politiċi mal-familja tagħhom jiċċelebraw xi avveniment, jew li fih jidhru mdawra b'żgħażagħ jew jilagħbu xi logħba futbol, bħalma nistgħu naraw f'dawn il-posts taż-żewġ mexxejja ewlenin tal-preżent.




Ritratt meħud mill-profil ta' Instagram ta' Robert Abela




Ritratt meħud mill-profil ta' Instagram ta' Bernard Grech

Barra minn hekk, il-kelliema, meta jfasslu d-diskorsi tagħhom, probabbli jżommu f'moħħhom il-fatt li l-kontenut tagħhom se jkun qed jikkompeti ma' bosta oħra, kemm politiċi u mhux, fuq il-feeds tal-udjenza, u b'hekk, il-mekkaniżmi li bihom iżommu l-attenzjoni tal-pubbliku ħafna drabi jew jinbidlu, jew jeħtieġ li jiġu amplifikati.

U għalkemm naħseb li dawn l-elementi, kemm dawk pożittivi, u dawk negattivi kienu mħaddma u possibbli minn dejjem – anki qabel il-mezzi soċjali – dawn tal-aħħar servew biss ta' turbo – veloċità li timxi id f'id mar-ritmu mgħaġġel li bih nikkonsmaw il-kontenut illum il-ġurnata.

Hemm bosta studji u artikli fuq, ironikament, l-internet li jidħlu ħafna aktar f'dettall dwar dan kollu. Minkejja li aċċennajt biss fuq fuq xi elementi, ħassejt li kien essenzjali jekk nixtiequ nitkellmu dwar il-lingwaġġ politiku modern.

Nixtieq nikkonkludi b'osservazzjoni qasira.

Speċjalment hekk kif il-komunikazzjoni tkompli tevolvi b'mod parallel mat-teknoloġija, għad naraw il-persważjoni fl-ambitu politiku tkompli tinbidel – u tieħu forom differenti skont il-bżonn, u l-preferenzi tal-udjenza u tal-kelliema tagħha. U naħseb li għad nosservaw punti u żviluppi interessanti aktar ma jgħaddi ż-żmien f'dan il-qasam.

Iżda fl-aħħar mill-aħħar, importanti li niftakru li qiegħed jinbidel biss il-mezz li bih jaslilna, u mhux l-għan tad-diskors politiku. Fil-fatt, l-iskop baqa' minn dejjem u għad jibqa' għal dejjem l-istess: għodda li permezz tagħha l-politiċi jfittxu li jgħaqqdu, jipperswadu, u jsaħħu l-fiduċja tal-udjenza fihom u f'dak li qegħdin jipproponu.

**Biblijografija**


Diskors Joseph Muscat: www.youtube.com/watch?v=kemp1dmtv-Q_
Diskors Lawrence Gonzi: www.youtube.com/watch?v=Lgi5EoX0ptc



# "Din is-sistema moqżieża." L-Ethos f'Diskors ta' Andrea Dibben

Adrian Grima

Waqt li d-diskors akkademiku fuq ir-retorika f'Malta ssaħħaħ f'dawn l-aħħar snin b'għadd ta' studji fuq l-oratorja ta' figuri ewlenin tal-politika Maltija, ftit li xejn saru studji fuq ir-retorika politika ta' attivisti tal-għaqdiet indipendenti mill-partiti u l-istituzzjonijiet il-kbar li jaħdmu favur il-ġid komuni. Il-leħen u l-kredibilità tas-soċjetà ċivili kibru. Aktarx dan seħħ għax f'Malta u barra minn Malta jidher li naqset il-fiduċja tan-nies komuni fil-ħila u r-rieda tal-politiċi marbutin mal-partiti l-kbar li jħarsu d-drittijiet u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini kollha tal-pajjiż (Ehrenberg 9; Boissevain u Gatt 112–14).

L-analiżi tad-diskors politiku ta' ilħna li mhumiex parti mis-sistemi stabbiliti ta' poter kapaċi tixħet l-attenzjoni fuq l-immaġinarju alternattiv li joffru dawn iċ-ċittadini impenjati favur il-ġustizzja soċjali, fuq il-perspettivi u l-lingwaġġi differenti tagħhom. Tixħet l-attenzjoni wkoll fuq il-ħila tagħhom li jitkellmu mill-moħħ u mill-qalb mingħajr ma jixxekklu mill-interessi l-kbar li għandhom ħakma fuq il-partiti ewlenin li ddominaw ix-xena politika Maltija minn wara l-Indipendenza u fuq l-istituzzjonijiet li suppost flimkien jiggarantixxu l-ħarsien tal-ġid komuni.

L-attivisti tas-soċjetà ċivili mhumiex għalkollox ħielsa minn rabtiet ma' interessi politiċi, soċjali u forsi anki kummerċjali. Ħadd mhu ħieles għalkollox minn dan it-tip ta' rabtiet. Ilkoll kemm aħna għandna relazzjonijiet ta' kull xorta ma' membri tal-familja, mal-ħbieb, ma' ħbieb tal-ħbieb, max-xogħol u man-nies ta' fuq ix-xogħol, u mal-komunitajiet li nidentifikaw ruħna magħhom. Boissevain jikteb dwar ix-xibka kumplessa ta' konnessjonijiet u kuntatti li persuna ssib ruħha parti minnha u li fl-istess ħin tieħu sehem fil-binja tagħhom; jikteb ukoll dwar ir-rabtiet li din ix-xibka timponi fuq kull persuna u l-opportunitajiet li toffri f'soċjetà żgħira bħal dik ta' Malta (120–123). Iżda l-attivisti għandhom il-vantaġġ li mhumiex ikkundizzjonati mill-fatt li jridu jingħoġbu biex jirbħu elezzjoni jew biex iħarsu r-rabtiet ta' dipendenza li għandhom ma' setturi tas-soċjetà li għandhom interessi partikolari li sikwit ma jirriflettux il-ġid komuni jew saħansitra jmorru kontrih.

### Att ta' fidi, att t'akkuża

Hawnhekk se nanalizza diskors li għamlet Andrea Dibben waqt manifestazzjoni organizzata mill-Moviment Graffitti għal ġemgħa ta' "Soċjalisti, xellugin u progressivi" li saret nhar is-Sibt, 30 ta' Novembru 2019 biswit il-monument ta' Manwel Dimech fil-pjazza ta' Kastilja, faċċata tal-uffiċċju tal-Prim Ministru Joseph Muscat. Il-miġemgħa pprotestat kontra s-sitwazzjoni politika f'Malta "ostaġġ tal-klassi tan-negozjanti," u talbet għal bidla radikali fil-mod kif jitmexxa l-pajjiż (Moviment Graffitti, "Politika Nadifa").




Is-sejħa li saret mill-Moviment Graffitti

Il-punt ewlieni tiegħi huwa li f'kull stadju tad-diskors, Andrea Dibben tibni argument politiku fuq il-kredibilità tal-karattru tagħha bħala persuna li trabbiet, trawmet u timpenja ruħha bis-sħiħ fl-attiviżmu politiku xellugi. Dibben tagħmel appell imqanqal biex il-poplu jemmen fil-poter li għandu li "jbiddel din is-sistema moqżieża," u biex dan il-poter jużah biex iwarrab mhux lill-politikanti korrotti tal-lum, għax warajhom jiġu oħrajn bħalhom, imma s-sistema maħmuġa tal-finanzjament tal-partiti ewlenin min-negozjanti l-kbar li ħakmet lit-tmexxija tal-pajjiż u ħammġet il-kultura politika kollha kemm hi.

Biex tagħmel dan l-appell, Andrea Dibben tinqeda bl-istorja personali tagħha bħala bniedma komuni li trabbiet f'housing estate f'Bormla. Hija l-istorja ta' Laburista rrabjata, "bħal ħafna oħrajn," b'dak li qed jiġri fil-pajjiż, xellugija li tħoss li t-tmexxija tal-Partit Laburista ttradietha. L-istorja tagħha tirrakkontaha biċċa biċċa matul id-diskors, strateġija mhux iddikjarata li biha tqanqal lil "ħutha" miġburin bħalha ħdejn il-monument ta' Dimech, biex jidentifikaw ruħhom mar-rabja kbira tagħha u mas-sejħa biex bħalha ma jibżgħux jitkellmu fuq dak li qed jiġri. Bil-lingwaġġ ta' Aristotli fil-ktieb tiegħu fuq Ir-Retorika, nistgħu ngħidu li Dibben tinqeda bl-ethos biex twassal il-logos lill-miġemgħa u tqanqal fihom il-pathos favur il-pożizzjoni politika tagħha.

Id-diskors ta' Dibben sar f'kuntest storiku partikolari ħafna. Il-Moviment Graffitti fassal ittra pubblika lill-Kabinett li fiha stieden lis-Soċjalisti, xellugin u progressivi biex jieħdu pożizzjoni fuq il-kriżi politika li ħasdet lill-pajjiż ("Open Letter"). "Huwa essenzjali għal pajjiżna," tgħid l-ittra, "li l-Partit Laburista jnaddaf il-ħmieġ li ħallew membri tal-klassi tan-negozjanti bir-relazzjoni indiċenti tagħhom ma' membri ta' dan il-Gvern." L-ittra tgħid li "Filwaqt li nitolbu anki aħna l-ġustizzja" fil-każ tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u l-istejjer ta' korruzzjoni, "nitolbu wkoll li, bis-sobrjetà li jitlob il-każ, il-Gvern jikkunsidra l-għeruq xellugin tiegħu, u jwaqqaf il-liġi tal-ġungla fejn min għandu l-flus iħoss li huwa ogħla mil-liġi." Il-kriżi laħqet il-quċċata tagħha fl-20 ta' Novembru 2019, għaxart ijiem qabel, meta l-pulizija arrestat lil Yorgen Fenech bħala s-sid tal-kumpanija sigrieta 17 Black, b'rabtiet ma' kumpaniji sigrieti

simili ta' membri prominenti tal-Gvern, u bl-akkuża li figuri ewlenin fit-tmexxija tal-istat kienu b'xi mod imdaħħlin ma' Fenech fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.

Fid-29 ta' Novembru, il-Ġimgħa, lejlet il-protesta, il-Prim Ministru laqqa' l-Kabinett biex jiddeċiedi fuq it-talba ta' Yorgen Fenech biex jingħata maħfra presidenzjali bil-għan li jikxef informazzjoni importanti fuq il-qtil ta' Caruana Galizia (Schembri Orland). Il-Kabinett ċaħad it-talba. Is-Sibt, fit-tmienja ta' filgħaxija, jiġifieri dakinhar tal-protesta, il-pulizija xliet lil Yorgen Fenech b'kompliċità fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. L-għada l-Ħadd, l-1 ta' Diċembru, f'xandira televiżiva lin-nazzjon, Joseph Muscat ħabbar li fi żmien xahar kien se jirriżenja minn Prim Ministru u minn Kap tal-Partit Laburista (Sansone). Dawn l-aħħar żewġ żviluppi seħħu wara l-protesta tas-Sibt filgħodu li fiha tkellem Andrea Dibben u jagħtu ħjiel tal-atmosfera li kien hawn fil-pajjiż u l-pożizzjoni politika tal-Prim Ministru.

In-nies li nġabru għall-protesta, l-istorja ta' dak li kien qed jiġri kienu jafuha. L-iskop, għalhekk, ma kienx li l-kelliema jikxfu l-borom, għax il-borom, ftit jew wisq, kienu diġà nkixfu. L-iskop kien li jagħtu xhieda tat-twemmin tagħhom u jiddiżassoċjaw ruħhom minn dak li kien qed jagħmel gvern immexxi minn partit li jsejjaħ lilu nnifsu Laburista. Il-protesta kienet att politiku. Kienet att ta' fidi f'ideoloġija u prinċipji politiċi xellugin u att ta' akkuża lil dawk li telgħu bil-għajta li se jmexxu fuq dawn il-prinċipji ta' ġustizzja soċjali u ambjentali imma ttradewhom.

L-għażla tal-post li fih saret il-protesta biswit il-figura ta' Manwel Dimech kienet sinifikattiva. Il-bini ta' dan il-monument li jfakkarna f'simbolu ewlieni tax-xellug Malti, xogħol l-iskultur Anton Agius, kien approvah il-Prim Ministru Dom Mintoff fl-1972, fi żmien gvern Laburista differenti, u nkixef fl-1976 (Montebello 397–98). Meta l-pjazza ta' quddiem Kastilja ġiet iddisinjata mill-ġdid fl-2015, il-monument ta' Dimech ġie jħares lejn il-faċċata tal-Berġa. Dakinhar tal-protesta, l-attivisti skjeraw ruħhom ma' Dimech u kontra gvern Laburista "pro-business" (ara, ngħidu aħna, Galea), li qisuh bħala avversarju tal-prinċipji ta' ġustizzja soċjali li fuqhom kien twaqqaf u li rabat ruħu magħhom matul l-istorja tiegħu.

L-intervent ta' ftit aktar minn għaxar minuti ta' Andrea Dibben sar eżatt wara l-interventi ta' André Callus, Immanuel Mifsud u Matthew Borg, li ebda wieħed minnhom ma nbena b'mod daqshekk espliċitu fuq il-karattru tal-kelliema. Fil-kelmtejn tal-ftuħ, Callus, mill-Moviment Graffitti, qal li f'dak li kien qed jagħmel il-Gvern immexxi mill-Partit Laburista ma kien hemm xejn "Soċjalista, xellugi, u progressiv," u li s-sitwazzjoni kienet xhieda tal-ħakma tal-big business u ta' politikanti korrotti fuq il-pajjiż (Moviment Graffitti, "Happening now"). Din il-ħakma wasslet għal assassinju u għall-ħtif tar-riżorsi tal-pajjiż. L-awtur u intellettwali Immanuel Mifsud qara intervent fuq il-bżonn ta' "bidliet kbar," fuq kemm jeħtieġ "innaddfu l-makkinarju tal-poter, innaddfu l-palazz ta' warajna," jiġifieri l-uffiċċju tal-Prim Ministru, u nsawru "Repubblika ġdida" (Mifsud). Matthew Borg mill-Alleanza Kontra l-Faqar identifika dawk li għalih huma l-valuri ewlenin tal-Partit Laburista, l-ugwaljanza, l-għaqda, it-tqassim ġust tal-ġid, l-internazzjonaliżmu, u d-dinjità tal-ħaddiema u ta' kull min jgħix f'Malta, "valuri li wħud minnhom rajniehom jitnaqqru ftit ftit" (Moviment Graffitti, "Happening now"). Fil-qofol tal-kriżi politika fil-pajjiż kien hemm "l-inugwaljanza fil-pagi" minħabba "t-tħabbib esaġerat

bejn il-klassi politika u n-negozjanti l-kbar tal-pajjiż," dawk li sejħilhom "il-barunijiet tal-profitt." Dan ifisser li sakemm bdiet id-diskors tagħha Dibben, kienet diġà nstemgħet sew il-kundanna tar-relazzjoni mhux xierqa bejn il-politiċi u n-negozjanti l-kbar.

Nistgħu naqsmu d-diskors ta' Andrea Dibben fi tliet stadji pjuttost identifikabbli. Fl-introduzzjoni tgħid li ħdejn iż-żewġ kelliema ta' qabilha, li qraw diskorsi miktuba, ma tħosshiex ippreparata. Għax sa lejliet, ommha kienet qed titlobha biex ma titkellimx f'din il-protesta. Minn mindu kienet tifla, ommha dejjem wissietha li l-politika m'għandhiex tmiss magħha. Dibben tispjega li kien proprju biex ma tħallix il-biża' joħnoq il-politika u jippermetti li n-nies jinqatlu li ddeċidiet, kontra l-parir ta' ommha, li titkellem f'dan il-mument ta' kriżi f'attività tax-xellugin. Għax bħala bint familja Laburista komuni li kienet tqim lill-Perit Mintoff u l-valuri li għaliha kien jirrappreżenta, qabelxejn dawk tal-ħaddiema ż-żgħar, ħasset li ma tistax tibqa' siekta meta hemm min irid isikket lil dawk li jikxfu l-ħmieġ.

Imbagħad tippreżenta l-qofol tal-argument: L-ikbar problema hi li minħabba l-mod kif jiffinanzjaw ruħhom, il-partiti politiċi ewlenin jiddependu mir-rabta tagħhom ma' negozjanti kbar bħal Yorgen Fenech. Waqt li tistqarr li ma tridx tidħol fil-politika, u għalhekk turina li m'għandha ebda ħsieb tieħu vantaġġ mill-konnessjonijiet personali u soċjali li għandha biex twettaq xi ambizzjoni politika, il-kelliema tinsisti li hemm bżonn ta' nies tajbin fil-politika li jkunu mħallsin sew ta' xogħolhom biex ma jispiċċawx ibigħu ruħhom lin-nies tal-flus. Minħabba l-ħakma tan-negozju fuq il-politika li suppost tirregolah, il-mudell ekonomiku li qed timxi fuqu Malta huwa falz, għax qed jiġġenera l-ġid mill-bejgħ tal-assi soċjali u naturali tal-pajjiż. Qed jiftaqar biex mingħalih isir sinjur.

Fil-konklużjoni Dibben tmur lura għall-esperjenzi personali u politiċi tagħha meta tirreferi għall-ġlieda tagħha kontra l-bini tal-Università Amerikana ta' Malta flimkien mal-komunità tal-Kottonera, fortizza Laburista li ħassitha li l-partit tagħha stess ittradieha. F'din il-ġlieda rrealizzat li meta l-poplu jqum u jiġġieled, għad għandu l-poter li jbiddel "din is-sistema moqżieża."

### Karattru, kredibilità

Bl-ewwel kumment dwar kemm mhix ippreparata ħdejn dawk li tkellmu qabilha, Dibben mhux biss qiegħda tirringrazzjahom u tfaħħarhom, imma qiegħda wkoll tidentifika ruħha ma' dak li qalu. B'dan is-sentiment tittrażmetti sens ta' komunità bi prinċipji komuni bejn il-kelliema u bejn il-ġemgħa kollha preżenti. Fi kriżi politika li kixfet l-egoiżmu ta' klikka ta' persuni li raw biss l-interessi individwali tagħhom, Dibben tibda bi stqarrija ta' apprezzament tal-kontribut tal-kelliema ta' qabilha. Din ukoll hija stqarrija dwarha nnifisha, dwar il-karattru tagħha u l-komunità li temmen fiha.

L-istqarrija donnha spontanja dwar in-nuqqas ta' tħejjija fil-fatt hija parti importanti mill-argument dwar il-kredibilità tagħha bħala attivista xellugija. Għandha l-effett ta' mossa retorika liebsa mod ieħor, strateġija li kieku xi ħadd bħal Sam Leith aktarx isejħilha "play[ing] the anti-rhetoric rhetoric card" (50). Ladarba mhix ippreparata biex tagħmel diskors, l-intervent tagħha mhux se jkun eżerċizzju retoriku; mhux se jkun imfassal bil-ħsieb u bir-

reqqa biex isaħħar jew idawwar lill-udjenza. Minflok se jkun spontanju, ħiereġ direttament mill-esperjenza tagħha u tal-familja tagħha. Għalhekk se jkun ġenwin.

Konsegwenza oħra tad-dikjarazzjoni tal-ispontanjetà u l-kważi antiretorika tagħha hija t-tlissin ta' kliem u espressjonijiet li jfakkruna fil-mod kif nitkellmu fil-ħajja ta' kuljum. Dan ma jfissirx li l-kelliema ma tużax tekniki u strateġiji tipiċi tar-retorika klassika, għax it-tqassim tad-diskors huwa maħsub u effettiv, u tinqeda b'elementi bħal-lingwaġġ figurattiv, l-anafora u t-tripletti. Dawn huma "l-armi" tagħha (Toye 45). Imma ma tużax lilhom biss. Nindunaw minnufih li taf titkellem, li għandha argument b'saħħtu, imma nħossu wkoll, minħabba l-karattru li qed tippreżentalna, li hija waħda minna. Ftit qabel ma nisimgħu l-vuċi ta' ommha twissiha biex ma tidħolx fi kwistjonijiet ta' politika, Dibben tgħid li mhux l-ewwel darba "ttretinjawni, eċċ.": f'diskors iktar maħdum ma kinitx se tinqeda b'verb Ingliż bħal dak. Tuża wkoll kelmiet u espressjonijiet oħrajn mill-Ingliż, u espressjonijiet li iktar nassoċjawhom mad-diskors li nużaw bejnietna fil-ħajja ta' kuljum milli ma' diskors pubbliku: "din l-ispeech," "magħkom, ix-xellugin, inħossni home;" "trabbejt ġo housing estate;" "il-big business;" "il-businessman;" "Xbajna proprju nisimgħu fuqha di';" "bis-suit;" "miexi, frisk bħal ħassa, b'dik l-arja u l-arroganza;" "dik is-single mother;" "U ngħidilhom laqqas jekk ittuni miljun elf ewro. Żgur, żgur, żgur;" "ekonomija fuq l-isteroids;" "trickle-down effect;" u "konna l-Planning Authority." Espressjonijiet bħal dawn jgħinuna nibnu profil tal-persuna li qed tkellimna, ta' kif inhi magħmula, kif taħsibha, kif iġġib ruħha, kemm temmen f'dak li qed tgħid, kemm hi qrib ta' kif jaħsbuha u ta' kif jitħaddtu n-nies komuni. Kif jissuġġerixxi Toye meta jitkellem fuq stil "sempliċi" u "dirett" (45), minn dan il-lessiku li tuża Dibben aktarx nieħdu l-impressjoni ta' persuna li tgħidha kif tħossha, mingħajr ma tomgħodha, mingħajr ma toqgħod tagħżel il-kelma mid-dizzjunarju, għax hija spontanja, diretta, naturali.

Il-karattru żbukkat u trasparenti tal-kelliema joħroġ sew fil-karikatura bla ħniena ta' Yorgen Fenech li minflok jistħi jidher quddiem in-nies minħabba dak li hu mixli li għamel, jippreżenta ruħu fil-pubbliku bħallikieku huwa xi artist tal-films. Id-disprezz tagħha lejn l-attitudni tiegħu ma tippreżentahx bħala sentiment tagħha imma tinsisti li jirrifletti r-reazzjoni tan-nies komuni: "jiena lbieraħ, bħalkom, rajt il-filmati ta' Yorgen Fenech għaddej minn Strada Rjali, bis-suit li probabbli tiswa aktar minn paga ta' xahrejn ta' ħaddiem medju, u bħal ħafna nies għedt: 'Da' bniedem li qed jiġi investigat għal wieħed mill-akbar assassinji li rat Malta?'" L-identifikazzjoni tagħha, darbtejn fl-istess sentenza, man-nies komuni tinħass ukoll fit-ton informali li tinqeda bih, bħallikieku dak li qed tgħid hi huwa dak li qed jgħidu ħafna nies. Huwa rifless ukoll fil-mistoqsija retorika kollha disprezz, u fir-riferiment għal "Strada Rjali," kif isejħulha ħafna nies fit-taħdit komuni. Imma l-analiżi li toffri hija dik ta' osservatriċi passjonali u taqta' fil-laħam il-ħaj. Għax minflok tikkuntenta ruħha bil-karikatura ta' negozjant kbir "li nafu li huwa korrott u ħalliel," tagħmel l-argument iktar serju li din l-arroganza hija xhieda ta' kultura politika mnawra mibnija fuq "il-problema fundamentali" taż-"żwieġ bejn il-businessman u l-politikant." Għalhekk mhux biss in-nies iridu jinbidlu, imma s-sistema ta' tmexxija kollha kemm hi.

Il-karikatura ta' Fenech toħloq effett ta' spontanjetà. Waqt li jista' jagħti l-impressjoni li jinħoloq waħdu, jew kumbinazzjoni, dan l-effett trid taħdem għalih. "*Sprezzatura* – that

quality of life and spontaneity in a speech – is the thing to aim for. It is seldom achieved without practice" (Leith 144). Dibben tagħtina l-impressjoni li nqabdet fuq sieq waħda, li kważi kważi ma tafx x'se taqbad tgħid għax dak li ħejjiet ġa qaluh ta' qabilha, imma din hija impressjoni żbaljata: id-diskors tagħha jimxi minn stadju għal ieħor b'ċerta ħeffa. Fl-istess ħin jinħass ħiereġ mill-qalb.

Mill-bidu nett Dibben taffronta l-kwistjoni tal-biża': Fid-dikjarazzjoni b'saħħitha u kburija, "Qatt ma ddejjaqt. Qatt ma bżajt." tinqeda bit-teknika tal-anafora. Iż-żewġ frażijiet qosra tant għandhom struttura simili li anki t-tielet kelma, l-unika waħda differenti, tixxiebah: konjugazzjoni ta' verb fl-ewwel persuna singular b'"t" definittiva fl-aħħar. L-effett huwa dak ta' żewġ versi tronki ddeklamati bis-saħħa wara xulxin. Barra minn hekk, il-mogħdija minn verb b'żewġ sillabi fl-aħħar tal-ewwel vers għal verb b'sillaba waħda fit-tieni tikkonferma n-natura kategorika tal-istqarrija. Minn banda, il-kelliema qed tagħmel stqarrija determinata dwar il-karattru tagħha, u mill-banda l-oħra qed tantiċipa l-appell li se tagħmel lill-udjenza tagħha: Jien ma nibżax. Intom m'għandkomx tibżgħu lanqas.

Jekk ma nagħrfux il-konnotazzjonijiet kolonjali u Ewroċentriċi tad-diskors dwar it-"tribù antropoloġiku, ir-riferiment għat-"tribù" huwa problematiku. Aktarx li fl-immaġinarju pubbliku fil-Punent "tribù" jirrappreżenta komunità jew soċjetà primittiva, jiġifieri mhux ikkultivata u mhux iċċivilizzata, ġemgħa salvaġġa, bla kontroll, mhux Ewropea, nieqsa mill-avvanzi li saru fl-artijiet ipprivileġġjati tad-dinja. Iżda fil-proża u fil-poeżija tiegħu, Oliver Friggieri jinqeda bix-xbieha tat-tribù, kif jispjegaha David Lammy, bħala "metafora tal-polarizzazzjoni" bejn gruppi differenti ("Defining 'Tribes'"). Waqt li ma nistgħux ninjoraw il-wirt "Orjentalista" ta' dan it-terminu, fid-diskors Malti kiseb tifsira partikolari fil-kwadru tal-partiġjaniżmu politiku Malti u hekk qed tużah Dibben. Fis-snin sebgħin u tmenin, Friggieri stess jistqarr li kiteb "sikwit li Malta kienet maqsuma f'żewġ tribujiet" (Fjuri Li Ma Jinxfux 582), il-ħomor u l-blu, il-Laburisti u n-Nazzjonalisti. Ir-riferiment ta' Dibben għat-tribujiet tal-partiġjaniżmu Malti jagħtik l-impressjoni li fil-qofol tagħhom l-affarijiet, fuq medda ta' ħamsin sena, ma nbidlux. Fil-poeżija ikonika tiegħu miktuba fl-1977, "Innu lil Tribù b'Żewġ Bnadar," Friggieri jitkellem fuq belt li "mhix belti," fuq triq li fiha "ssabbtet f'wiċċi kull persjana," fuq "staġun imniġġes," fuq kif il-poplu sar tribù maqsum f'żewġ gruppi mkesksin kontra xulxin. Din il-metafora tal-istaġun jerġa' jaqbadha fil-poeżija tal-1979, "Salm Malti – 15/10/1979," li fiha jindirizza lil Malta bħala "tribù li tqim l-allat skont l-istaġuni," partiġjaniżmu li jitqanqal minħabba ġrajjiet u ċirkostanzi partikolari.

L-allużjoni għall-metafora tat-tribù ta' Friggieri toffri dimensjoni oħra lid-diskors ta' Dibben, saff implikat li fil-kuxjenza ta' udjenza kulturalment u politikament impenjata jwessa' u japprofondixxi d-diskors politiku tagħha permezz tal-kelma awtorevoli ta' awtur u intellettwali pubbliku magħruf bħal Oliver Friggieri. Minn banda din l-interpretazzjoni tal-politika tal-poter fis-soċjetà Maltija maqsuma bejn żewġ tribujiet naħseb li aġevolat lill-partiti ewlenin għax daħħlitha f'ras il-Maltin li l-bipolariżmu kien endemiku u inevitabbli u kellhom jiskjeraw ruħhom favur naħa jew oħra biex itejbu l-pajjiż jew biex jieħdu xi ħaġa; mill-banda l-oħra, tirrifletti sew ix-xenarju li minn dejjem kienet tpinġilha ommha bil-ħsieb li tipproteġiha mill-ħsara għalkollox reali tal-piki partiġjani.

Lammy jgħid li minflok jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom bħala individwi, il-membri tat-tribujiet il-ġodda, bħal dawk li titkellem fuqhom Dibben, jiddeċiedu skont ir-rwol li jkollhom fi gruppi soċjali partikolari ("Defining 'Tribes'"). Fi ħdan il-grupp, aktarx li l-membri jaraw l-identità individwali tagħhom bħala ħaġa waħda ma' dik tal-grupp. Lammy jgħid li din l-identifikazzjoni mal-grupp aktarx tirrifletti l-kriżi ta' identità f'soċjetà li fiha seħħ taqlib kbir fil-pożizzjoni soċjali, tal-klassi u tal-funzjoni tan-nies fejn jidħol ix-xogħol fiss. L-individwi, jgħid Lammy, bdew ifittxu s-sens ta' komunità u r-rabta emozzjonali mal-oħrajn fit-tribujiet il-ġodda, fost l-oħrajn biex jiddefendu ruħhom mis-sensazzjoni li tilfu kull identità. Dan it-tribaliżmu, għalhekk, huwa reazzjoni kontra l-individwaliżmu sfrenat ta' soċjetajiet dejjem aktar frammentati (Lammy, "Defining 'Tribes'"), għax it-tribujiet il-ġodda, fosthom dawk tal-partiti, tal-għaqdiet reliġjużi, u tal-gruppi soċjali, jixxennqu għall-wens tal-komunità.

Lammy iqis "it-tribaliżmu" bħala "naturali," għax hija xi ħaġa minn ewl id-dinja li l-bnedmin jinġabru fi gruppi u jingħażlu, aktarx b'mod arbitrarju, bejn ta' ġewwa u ta' barra, skont affiljazzjonijiet bħal dik tan-nazzjon, tal-kulur tal-ġilda, tar-reliġjon, tal-partit politiku, tat-tim tal-futbol li jżommu miegħu, u l-bqija. "We need to belong to groups, but there is nothing inevitable about the specific groups to which we belong" (Lammy, "In-Groups and Out-Groups"). Il-problema hi li aħna nkunu lesti naċċettaw, niskużaw jew ninsew l-imġiba oġġettivament inġusta ta' membri tal-grupp tagħna sempliċement għax tkun ġejja min-nies "tagħna." Aħna, bħala bnedmin, minna nfusna nfittxu li nissieħbu fi gruppi, u dan it-tisħib kapaċi jikkontrolla l-egoiżmu tagħna billi jnibbet fina sens ta' responsabbiltà lejn xulxin. Kapaċi jħeġġeġ fina s-sentimenti ta' fedeltà u lealtà, u jqiegħed il-kollettiv qabel l-individwali. Ix-xewqa tagħna li nħossuna parti minn grupp issir distruttiva biss meta tintuża biex turi li grupp huwa aħjar minn ieħor, u tqanqal ċerta ħdura meta din l-appartenenza tagħmlilna għamad fuq għajnejna u ġġegħelna nfittxu l-esklużjoni minflok l-inklużjoni. Hawnhekk, jgħid Lammy, il-komunità ssir forma velenuża ta' tribaliżmu; minflok nagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin, nibdew nagħżlu bejn aħna u huma ("In-Groups and Out-Groups"). Din hija l-akkuża ta' Dibben: li minflok iġibu lin-nies flimkien biex jaħdmu favur ideali komuni, il-partiti l-kbar huma tribujiet amorali li jiddefendu l-interessi tagħhom, u dan jidher fis-siti soċjali virtwali, li narahom implikati fil-kumment ta' Dibben dwar it-theddid li tirċievi, li saru spazji maħkuma mir-rabja u n-nuqqas ta' qbil, u li fihom in-nies jaraw kif jumiljaw lil xulxin (Lammy, "How we got here"). Waħda mill-vittmi l-kbar tat-tribaliżmu l-ġdid hija l-verità (Lammy, "The Death of Truth"). Waqt li tidentifika l-partiti politiċi l-kbar mat-tribujiet, u tiddiżassoċja ruħha għalkollox minnhom minkejja l-istorja ta' familtha, Dibben tippreżenta ruħha bħala membru tal-familja ikbar, senza interessi, tal-aħwa tax-xellug. M'hemmx missirijiet u ommijiet: hemm biss aħwa.

Ftit wara li tiċħad il-kultura ta' biża' bl-anafora "Qatt ma," tikkonferma l-pożizzjoni tagħha b'anafora oħra, imma din id-darba t-tieni vers jiftaħ fuq l-ewwel vers: "ma nistax, ma nistax noqgħod lura." U eżatt wara tagħmel is-sejħa tagħha għall-kuraġġ, il-kontra tal-biża', u taqleb għall-ewwel persuna plural: "Illum għandna bżonn il-kuraġġ li nkunu hawn u nitkellmu." L-alliterazzjoni tal-"u" u l-"enne" tgħin biex l-appell jikseb ukoll identità bħala ħoss. Fil-livell ta' forma, ir-rikorrenza ta' dawn il-ħsejjes aktarx iddoqq sabiħ, u fil-livell ta' kontenut tematiku tirrifletti l-għaqda tal-ħsieb li qed tesprimi l-kelliema u l-għaqda bejn il-bnedmin ta' rieda tajba li jridu jitkellmu fuq is-sitwazzjoni politika mingħajr biża'. F'dak li fit-traskrizzjoni

tiegħi tad-diskors inqisu bħala t-tmiem tal-ewwel paragrafu, Dibben tasal minnufih għall-konklużjoni tagħha: "għalhekk ma nistgħux ma nitkellmux illum." L-ethos u l-pathos jiffunzjonaw flimkien mingħajr skossi.

Ladarba d-diskors jibda bin-narrattiva personali qawwija tagħha, wieħed mill-effetti għalija huwa li jikkonferma li "dak li hu personali jinsab fil-qalba etika u estetika tar-relazzjonijiet soċjali" (Shields x). Ifakkarni wkoll fl-istqarrija radikali ta' Carol Hanisch fil-kitba tagħha tal-1969 magħrufa bħala "The Personal Is Political," għax inħoss li fl-ethos li tibni Dibben matul id-diskors hemm diwi tal-Femminiżmu tagħha: dak li qed jiġri fil-ħajja personali tagħha huwa kkundizzjonat ukoll mill-kuntest politiku, mir-relazzjonijiet ta' poter li titkellem fuqhom Hanisch ("Introduction"), mill-arroganza ta' ideoloġija patrijarkali li tiddomina fil-kultura tal-partiġjaniżmu Malti. Il-politika partiġjana tikkundizzjona l-ħajja personali tagħna u r-relazzjonijiet ta' bejnietna, anki fis-santwarju tal-familja, ngħidu aħna bejn il-bint u l-omm. Għalhekk tħoss li trid tara x'se tagħmel. Il-kumment tagħha dwar il-fatt li hi "prattika" ninterpretah ukoll fid-dawl tal-attiviżmu Femminista tagħha: il-messaġġ li qed tgħaddi huwa li għax hi mara, l-affarijiet mhux biss titkellem fuqhom imma tagħmilhom, għax in-nisa m'għandhomx il-lussu li jistgħu joqogħdu jitkellmu biss: iridu jaġixxu. Dan ukoll huwa parti mill-personalità li tibni matul id-diskors.

Il-metafora kalċistika tal-"home," li tirreferi għal meta tim tal-futbol ikollu l-vantaġġ li jkun qed jilgħab "f'daru," fl-istadium tiegħu u fost il-partitarji tiegħu, kontra tim ieħor, tfakkarni fir-riferiment għad-dar u l-familja tagħha. Magħkom ix-xellugin, tgħid Dibben, inħossni "home." Fi protesti oħrajn ma tħosshiex daqshekk imdawra bin-nies li jaħsbuha bħalha. Għalija dan huwa riferiment pjuttost ċar għall-manifestazzjonijiet kontra l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Għax waqt li tistqarr li ħasset li kellha tieħu sehem fihom, ma ħassitx li l-manifestanti l-oħrajn kienu parti mill-komunità tagħha. Fit-tieni paragrafu tad-diskors tiddefinixxi min huma dawk li tqishom bħala ħutha x-xellugin billi tistqarr il-prinċipji komuni tagħhom: "Il-ġustizzja soċjali. Il-protezzjoni ta' min hu vulnerabbli. Id-drittijiet umani. L-ugwaljanza soċjali. U ħsibijiet progressivi." Minn banda tagħraf il-ħtieġa li tiddefinixxi l-karatteristiċi tax-xellugin, u mill-banda l-oħra tagħżel, minkejja l-professjoni tagħha bħala akkademika, li ma taqbadx diskors akkademiku u ma tippreżentax dak il-lat tal-personalità tagħha. L-appell tagħha jibqa' jirrifletti, essenzjalment, pożizzjoni "personali" ta' bniedma komuni, u lix-xellugin tqishom, qabelxejn, bħala l-familja (estiża) tagħha.

### Mezzi ta' persważjoni

Fix-xogħol klassiku tiegħu fuq ir-retorika, Aristotli jidentifika tliet "mezzi ta' persważjoni" li joffrihomlna d-diskors innifsu, tliet rotot differenti u komplimentari ta' argumentazzjoni fil-proċess tal-invenzjoni, l-ewwel parti tar-retorika (Leith 41): l-ethos, il-logos, u l-pathos. Jien stajt qassamt is-sinteżi suġġettiva tiegħi skont dawn il-mezzi ta' persważjoni: Fl-ewwel parti hemm l-ethos, meta l-kelliema turi kif l-istorja personali tagħha tagħtiha d-dritt u l-awtorità li titkellem fuq is-suġġett tal-politika tax-xellug f'mument ta' kriżi. Imbagħad hemm il-logos, il-parti ċentrali tad-diskors li fiha tagħmel l-argument politiku tagħha dwar ir-relazzjoni intima mhux xierqa bejn il-politiċi u n-negozjanti l-kbar. U fl-aħħar hemm il-pathos, is-sejħa għall-involviment emozzjonali tal-miġemgħa biswit il-monument ta' Manwel Dimech biex jimtlew

bil-kuraġġ għax meta jingħaqad u jiġġieled għas-sewwa, il-poplu għad għandu l-poter li jdawwar id-deċiżjonijiet ħżiena li jieħdu l-politiċi. Jiġifieri ethos, logos u pathos, fl-istess ordni li jitkellem fuqhom Aristotli.

Waqt li dan it-tqassim jirrifletti r-rotta argumentattiva li tfassal Dibben, ma jirriflettix għalkollox il-funzjoni ċentrali u trasformattiva li tagħti lill-ethos matul id-diskors. Dan huwa essenzjalment diskors ta' pathos, ta' tqanqil tal-udjenza biex tirreaġixxi, u anki l-ethos huwa forma moderata ta' pathos. Hi u tistabbilixxi, pass wara l-ieħor, il-karattru u l-kredibilità tagħha f'dan il-kuntest partikolari, Dibben iġġib lill-udjenza magħha, u l-applawsi u l-għajjat ta' "Brava" jikkonfermaw li almenu f'numru ta' nies, jirnexxilha toħloq dan l-effett ta' pathos, ta' involviment emozzjonali.

Fit-tieni kapitlu tal-ewwel ktieb tar-*Retorika*, Aristotli jistabbilixxi li t-*"technê"* jew l-arti tar-retorika hija l-ħila tal-kelliema li jidentifikaw il-potenzjal persważiv li jeżisti f'sitwazzjoni partikolari (Aristotle I, 2). It-tliet mezzi ta' persważjoni tar-retorika jiddependu mill-kelliema nfushom u l-kredibilità tagħhom (ethos); mill-individwi fl-udjenza u l-istat emozzjonali tagħhom (pathos), u mill-argument li jibnu, li juri bil-provi li xi ħaġa hija vera, jew almenu jagħti l-impressjoni li qed juri l-verità permezz tal-provi li jġib (logos) (Rapp), għax il-logos huwa l-kontenut tal-argument, mhux il-forma. Biex l-udjenza xxaqleb lejhom, il-kelliema jinqdew bil-pathos billi jipprovaw iqanqlu l-emozzjonijiet tal-udjenza (Arduini u Damiani 141-42). Aristotli xtaq illi l-komunikazzjoni tistrieħ kollha kemm hi fuq il-logos, fuq argument mibni fuq ir-raġuni, imma minħabba d-dgħufija u l-limiti tal-bnedmin, Aristotli għaraf li l-kelliema jeħtieġ jirrikorru għall-ethos u l-pathos (Arduini u Damiani 111).

Aristotli jibda t-trattat tiegħu bl-ethos. L-ethos huwa kif tippreżenta ruħek, normalment xi ħaġa li tagħmel fil-bidu tad-diskors, fl-"exordium," għax skont Leith huwa l-pedament ta' kollox (48), u l-bqija tad-diskors jinbena fuqu. L-ethos jistabbilixxi l-konnessjoni bejn il-kelliema u l-udjenza, u jinfluwenza l-mod kif l-udjenza tilqa' d-diskors. L-udjenza trid isserraħ rasha li tista' tafda lill-persuna li se tkellimha; trid temmen li tista' tafdaha għax għandha l-kredenzjali biex titkellem fuq is-suġġett, u li l-intenzjoni tagħha hija, ftit jew wisq, retta (48). "The strongest up-front ethos appeal will tend to come here," jgħid Leith, fil-ftuħ, biex il-kelliema tistabbilixxi l-onestà u s-sinċerità tal-intenzjoni tagħha (83). Permezz tal-ethos, il-kelliema tipprova turi l-awtorità tagħha fuq is-suġġett lill-udjenza (287).

Dak kollu li ġej wara, jiġifieri l-qalba tal-argument fuq is-suġġett (il-logos) u t-tentattiv biex titqanqal l-udjenza (il-pathos), se jinbena fuq il-kredibilità li l-persuna jirnexxilha tikseb minn dak li tgħid u l-mod kif tgħidu. Trid turi li tista' titkellem b'awtorità, imma fl-istess ħin li mhix maqtugħa mir-realtà tan-nies li nġabru quddiemha biex jisimgħuha, u li fl-aħħar mill-aħħar hija "waħda minnhom." Il-miġemgħa titqanqal skont kemm tidentifika ruħha mal-emozzjonijiet li twasslilha l-persuna li qed tkellimha (48–49). Għalija, dan id-diskors ta' Andrea Dibben jirnexxi għax il-kelliema tistabbilixxi l-ethos tagħha b'mod intelliġenti, relevanti u ġenwin.

Minkejja li f'kull parti tad-diskors tirrakkonta biċċa minnha nnifisha, id-diskors ma tibdiehx u ma tibniehx bil-ħsieb li titkellem fuqha nnifisha. Imma fil-politika l-kredibilità kollox: kollox

jistrieħ mhux biss fuq x'qed tgħid imma fuq min int u kif qed tippreżenta ruħek lill-udjenza tiegħek. Fil-kuntest tad-diskors fuq ir-retorika, l-etimoloġija stess tal-kelma qadima "ethos" fil-Grieg u mbagħad fil-Latin klassiku hija marbuta mal-preżentazzjoni tal-profil tal-karattru. Naturalment ħadd ma jista' jiċħad li dak li l-udjenza diġà taf dwar il-persuna li qed titkellem se jaffettwa kif tinterpreta dak li tgħid. Għax minbarra l-aspetti tekniċi li nistgħu nqisuhom bħala "interni" f'diskors, Barilli jitkellem fuq id-dimensjoni morali tal-kelliema, jiġifieri l-fatt li oraturi tajbin iridu jieħdu ħsieb "ir-reputazzjoni" u "l-prestiġju" tagħhom f'għajnejn iċ-ċittadini (19). Fl-istess ħin, huwa minnu wkoll li tista' ma taqbilx ma' xi ħaġa li tkun għamlet jew qalet persuna fl-imgħoddi, imma taqbel ma' dak li qed tgħid u l-mod kif qed tgħidu f'kuntest partikolari.

Fil-bidu tat-trattat tiegħu fuq ir-retorika, Aristotli jistabbilixxi li t-tqanqil tal-preġudizzju, tal-ħasra, tar-rabja, u emozzjonijiet u sentimenti simili mhuwiex marbut mal-fatti essenzjali, imma huwa sempliċement sejħa lill-persuni fl-udjenza li qegħdin jisimgħu u jridu jiġġudikaw dak li qed jgħidu l-kelliema (I, 1). Minn dak li jgħid fil-bqija tal-ktieb nafu li dan il-kliem ta' Aristotli m'għandniex ninterpretawh sempliċement bħala stqarrija li r-retorika hija l-arti tal-manipulazzjoni tal-verità permezz tat-tqanqil tal-emozzjonijiet. Il-punt huwa li l-kelliema jridu jkunu kapaċi jolqtu lill-persuni fl-udjenza fil-laħam il-ħaj. Fil-każ ta' din il-protesta li sejjaħ il-Moviment Graffitti, minbarra li l-kelliema riedu janalizzaw is-sitwazzjoni politika minn perspettiva xellugija, riedu jqanqlu fil-miġemgħa emozzjonijiet ta' disprezz u rabja lejn politiċi li ttradew il-kredenzjali xellugin tagħhom, u fl-istess ħin iħeġġuha biex timpenja ruħha favur tmexxija iktar nadifa u ġusta.

Fit-traduzzjoni tiegħu għall-Ingliż tar-*Retorika* ta' Aristotli, William Rhys Roberts (1858-1929) jinqeda bil-kelma "karattru" ("character") minflok "ethos." Aħna iktar hemm ċans li nemmnu lil nies li nqisuhom bħala "tajbin," jiġifieri b'karattru tajjeb, speċjalment meta jkunu qed jitkellmu fuq suġġett li fih impossibbli tistabbilixxi ċertezza u jkun hemm opinjonijiet differenti (I, 2). F'sitwazzjoni bħal din, il-kelliema jirnexxilhom jipperswadu lill-udjenza tagħhom minħabba dak li jgħidu, mhux minħabba dak li jaħsbu n-nies dwar il-karattru tagħhom qabel ma jibdew jitkellmu. Skont Aristotli, mhuwiex minnu dak li jgħidu ċerti awturi fit-trattati tagħhom fuq ir-retorika li t-tjubija personali li jikxfu l-kelliema matul id-diskors ma tgħin xejn biex jipperswadu lill-udjenza; għall-kuntrarju, il-karattru tal-kelliema huwa "l-aktar mezz effettiv ta' persważjoni" li għandhom (I, 2).

Aristotli jsostni li l-oraturi jridu jqiegħdu lill-udjenza fil-burdata t-tajba, mentalment u emozzjonalment (II, 1). Speċjalment fl-oratorja politika, il-kelliema jridu juru li għandhom karattru tajjeb u li għandhom sentimenti pożittivi lejn dawk li qed jisimgħuhom (I, 2). Meta n-nies ikunu dħulin u qalbhom miftuħa jaħsbu mod; meta jkunu rrabjati jew aggressivi, jew ikunu qed jaħsbu b'mod għalkollox differenti jew ikunu qed iħossu l-istess ħaġa imma b'intensità differenti: meta jkunu f'burdata dħulija u titfaċċa quddiemhom persuna li jridu jiġġudikawha, jilqgħuha bħala xi ħadd li m'għamel xejn ħażin, jew ftit li xejn; meta jkunu ostili, iġibu ruħhom bil-maqlub (II, 1).

Skont Aristotli hemm tliet affarijiet li jqanqlu l-fiduċja tal-udjenza fil-karattru tal-kelliema: is-sens komun u l-ħila li jagħmlu ġudizzju tajjeb ("phronêsis"); karattru moralment tajjeb;

u rieda tajba (Aristotli II, 1). Persuna tgħid affarijiet foloz jew tagħti pariri ħżiena għax tkun nieqsa minn waħda minn dawn it-tliet karatteristiċi. Persuna li jkollha dawn it-tliet kwalitajiet għandha l-ħila ġġiegħel lill-udjenza temmen fiha; trid tkun kapaċi turi lil dawk li qed jisimgħuha li taf tirraġuna u hija moralment tajba. U t-tjubija tagħha, ir-rieda tajba, l-impressjoni li hi bniedma minn tagħna, jidhru permezz tal-emozzjonijiet li tittrażmetti. Għax l-emozzjonijiet, jgħid Aristotli, jikkundizzjonaw il-ġudizzju li jagħmlu l-bnedmin (II, 1). Fid-diskors tagħha tippreżenta ruħha bħala moralment nadifa u fl-istess ħin tkompli tqanqal ir-rabja tal-manifestanti lejn in-negozjant arroganti li jġib ruħu bħallikieku ebda liġi morali u ebda liġi tal-bnedmin ma tista' għalih. Imbagħad, permezz ta' analiżi inċiżiva, din ir-rabja ddawwarha fuq is-sistema immorali ta' tmexxija li qed tikkorrompi l-pajjiż.

Jekk inħarsu lejn l-ethos bħala l-effett emozzjonali moderat li jipprovaw iħallu l-oraturi favur il-pożizzjoni tagħhom (Arduini u Damiani 74), inkunu qed nagħtu dimensjoni ġdida lil dan l-element li jitħaddem sew fid-diskors ta' Dibben, għax permezz tal-istorja personali tagħha, tqanqal is-simpatija, l-approvazzjoni u mbagħad ir-rabja tagħna. Din l-emozzjoni moderata, kif rajna fl-ewwel stqarrijiet tagħha, toqgħod tajjeb ħafna fil-ftuħ tad-diskors. Lausberg iqis l-ethos bħala element ta' emozzjoni u jiddistingwi bejn żewġ gradi: l-ethos bħala l-iktar grad moderat ta' emozzjoni, u l-pathos bħala l-iktar grad "vjolenti" (Arduini & Damiani 5, 66). Dibben tqanqal is-simpatija ta' "ħutha" x-xellugin bħala membri ta' familja li l-Partit Laburista ttradixxa l-valuri tagħha: id-diskors huwa wkoll stqarrija mill-ġdid ta' dawk il-valuri komuni li l-kelliema tintroduċihom bl-istorja tagħha u tal-familja tagħha u li magħha żżid il-kuraġġ, kwalità importanti li tirrifletti l-karattru tagħha u li trid tittrażmetti lil sħabha. "An orator's most powerful appeal," jgħid Leith, "remains ethos" (83). Wara kollox, meta persuna tidher quddiem udjenza, l-ewwel u l-aqwa xhieda tal-argument tagħha li tista' toffri hija lilha nnifisha. U Dibben hekk tagħmel.

Id-diskors ta' Andrea Dibben sar f'kuntest li fih l-udjenza kienet taf eżatt għalfejn qed tinġabar taħt il-monument ta' Manwel Dimech u x'kienet il-pożizzjoni tagħha fuq il-ġrajjiet politiċi drammatiċi li ħakmu l-pajjiż. Għaldaqstant, il-missjoni tagħha ma kinitx li ddawwar lin-nies favur il-pożizzjoni tagħha, li tikkonvinċihom li kellha raġun, li ġġegħelhom jaraw affarijiet li ma kellhomx l-opportunità jew il-ħila li jaraw. L-iskop tal-intervent kien, qabelxejn, li tiddikjara l-preżenza tagħha hemmhekk, fost ix-xellugin, fil-pjazza tal-poter, kif sejħilha Immanuel Mifsud, fejn figuri ewlenin fit-tmexxija tal-pajjiż għamlu ħilithom biex iħarsu l-interessi personali tagħhom kontra l-interessi tal-pajjiż. Il-preżenza ta' Dibben hemmhekk kienet, fiha nnifisha, l-argument kollu. Għalhekk, l-element retoriku tal-logos, il-preżentazzjoni tal-fatti, ma kienx daqshekk importanti, għax fuq hekk diġà kien hemm qbil. Il-missjoni tagħha kienet li tagħti xhieda ta' din il-pożizzjoni politika, toffri testimonjanza, u fl-istess ħin tqanqal l-emozzjonijiet ta' dawk preżenti.

Biblijografija

Aristotle. *Rhetoric*. Tradott minn W. Rhys Roberts, Ktieb elettroniku, Digireads.com, 2020.
Arduini, Stefano u Matteo Damiani. *Dizionario di retorica*. LabCom Books, 2010. www.labcom.ubi.pt/ficheiros/20101029-arduini_dicionario_retorica_2010.pdf
Barilli, Renato. *La retorica. Storia e teoria. L'arte della persuasione da Aristotele ai giorni nostri*. Fausto Lupetti, 2014.

Boissevain, Jeremy. *Factions, Friends and Feasts: Anthropological Perspectives on the Mediterranean*. Berghahn, 2013. *ProQuest*.

Boissevain, Jeremy u Caroline Gatt. "Environmentalists in Malta: The Growing Voice of Civil Society," *Contested Mediterranean Spaces: Ethnographic Essays in Honour of Charles Tilly*, editjat minn Maria Kousis, Tom Selwyn, u David Clark. Berghahn, 2011, p. 92–121. *ProQuest*.

Dibben, Andrea. "Politika Nadifa, Soċjetà Ġusta," *Facebook*, filmati mtellgħin mill-Moviment Graffitti, 30 ta' Novembru 2019, l-ewwel parti: www.facebook.com/movimentgraffitti/videos/779279155922314/, it-tieni parti: www.facebook.com/movimentgraffitti/videos/2720022821374966/.

Ehrenberg, John R. *Civil Society: The Critical History of an Idea*. It-tieni ed., New York UP, 2017.

Friggieri, Oliver. *Fjuri Li Ma Jinxfux. Tifkiriet 1955–1990*. Klabb Kotba Maltin, 2008.

—. *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*. Merlin Library, 1988.

Galea, Owen. "Il-proposti fil-manifest elettorali huma superjuri għal dawk li kellna fl-2013 – il-PM." *TVM News*, 8 ta' Mejju 2017, www.tvmnews.mt/news/il-proposti-fil-manifest-elettorali-huma-superjuri-ghal-dawk-li-kellna-fl-2013-il-pm/.

Hanisch, Carole. "The Personal is Political." *Writings by Carol Hanisch*. January, 2006. www.carolhanisch.org/CHwritings/PIP.html

Lammy, David. *Tribes*. Ktieb elettroniku, Constable. 2020.

Leith, Sam. *Words Like Loaded Pistols: Rhetoric from Aristotle to Obama.* Basic Books, 2012.

Mifsud, Immanuel. "Politika Nadifa, Soċjetà Ġusta. Diskors fuq Kastilja waqt Attività Pubblika tal-Graffitti." Immanuel Mifsud, 30 ta' Novembru 2019, www.immanuelmifsud.wordpress.com/2019/11/30/politika-nadifa-socjeta-gusta/.

Montebello, Mark. *Dimech. It-tieni volum: 1902–1921*. Miller, 2018.

Moviment Graffitti, "Politika Nadifa, Soċjetà Ġusta." *Facebook*, 28 ta' Novembru 2019, www.facebook.com/movimentgraffitti/posts/pfbid0hwoeYYrgRDgd3oju42SPoNvA7cWf2d6UTbyPj1JSPqW1nZFAP1uAHYWv1nomH8tcl.

—. "Happening now at Castille!" Facebook. 30 ta' Novembru 2019, www.facebook.com/movimentgraffitti/videos/779279155922314.

Open Letter: Clean Politics, Just Society / Ittra Miftuħa: Politika Nadifa, Soċjetà Ġusta. "Lill-Kabinett tal-Gvern tar-Repubblika ta' Malta." Isles of the Left, November 30, 2019, www.islesoftheleft.org/open-letter-clean-politics-just-society-ittra-miftuha-politika-nadifa-socjeta-gusta/

Rapp, Christof. "Aristotle's Rhetoric." *Stanford Encyclopedia of Philosophy Archive*, Stanford University 2022, plato.stanford.edu/archives/spr2022/entries/aristotle-rhetoric.

Sansone, Kurt. "'My time is up'... but Joseph Muscat defies call to resign and will leave in January." *Malta Today*, 1 December 2019. www.maltatoday.com.mt/news/national/98980/joseph_muscat_televised_address_at_745_pm_#.ZC9ccezP3-h.

Schembri Orland, Kevin. "Daphne Caruana Galizia murder investigation: a timeline of political turmoil." *The Malta Independent*, 1 December 2019. www.independent.com.mt/articles/2019–11–30/local-news/Daphne-Caruana-Galizia-murder-investigation-a-timeline-of-political-turmoil-6736216887

Shields, Rob. "Foreword: Masses or Tribes?" *The Time of the Tribes: The Decline of Individualism in Mass Society*, ta' Michel Maffesoli, SAGE, 1996. p. ix-xii. ProQuest. www.ebookcentral-proquest-com.ejournals.um.edu.mt/lib/ummt/detail.action?docID=1023914.

Toye, Richard. *Rhetoric: A Very Short Introduction.* Oxford UP, 2013.

## Traskrizzjoni tad-Diskors ta' Andrea Dibben

"Jiena wara li smajt lil Manuel u 'l Matthew qed inħossni vera m'iniex ippreparata għal din l-ispeech. Infatti għaliex? Għaliex sal-bieraħ filgħaxija kont qed intella' u nniżżel jekk nitkellimx dalgħodu. Min jafni jaf li jien nitkellem fuq ħafna issues kontroversjali. Qatt ma ddejjaqt. Qatt ma bżajt. Anki meta naf li kien hemm ħafna nies li naf li kienu kontra dak li qed ngħid, u ttretinjawni, eċċ. U l-familja tiegħi dejjem appoġġjatni u ssapportjatni. Imma fejn tidħol pulitka, hemm dik il-biża'. U sal-bieraħ għadni qed nirċievi l-messaġġi mingħand ommi: Tidħolx fiha di'. Tidħolx fiha. Oqgħod lura. U għalhekk l-iktar li ddeċidejt proprju, ma nistax, ma nistax noqgħod lura. Illum għandna bżonn il-kuraġġ li nkunu hawn u nitkellmu. Għax niftakar, meta kont żgħira, u dejjem daħlitilna f'moħħna u mhux jien biss, li jekk xi ħadd isaqsik intix Laburista jew Nazzjonalista, ara ma titkellimx, għax jagħmlu xi ħaġa lil missierek. U, eħe, dik il-verità, li min jitkellem, illum il-ġurnata, kellna ġurnalista li spiċċat sploduta. U għalhekk ma nistgħux ma nitkellmux illum. Speċjalment fi protesta bħal din.

Hawnhekk, magħkom, ix-xellugin, inħossni home. Jiġifieri, ma nemminx fit-tribujiet, speċjalment dawk politiċi, imma jibqa' l-fatt li l-għeruq huma b'saħħithom. U l-klassijiet soċjali għadhom jeżistu. U għalhekk ma nħossnix komda postijiet oħrajn daqskemm inħossni komda hawn, għalkemm kull protesta hija neċessarja u nissapportjaha. Però ma' ħuti x-xellugin inħossni komda ħafna. Forsi għax għandna valuri komuni. Forsi għax għandna prinċipji komuni. Il-ġustizzja soċjali. Il-protezzjoni ta' min hu vulnerabbli. Id-drittijiet umani. L-ugwaljanza soċjali. U ħsibijiet progressivi.

Jiena bħal ħafna hawnhekk, ġejja minn familja Laburista. Jien trabbejt ġo housing estate, ġo Bormla, fejn kulħadd kważi kellu l-inkwatru ta' Mintoff fis-salott. Jiġifieri trabbejt nisma' li l-Partit Laburista hu l-partit tal-ħaddiem, u għalkemm meta kbirt tgħallimt inħares 'il bogħod mit-tribujiet u llum il-ġurnata ma nassoċja ruħi mal-ebda partit politiku, dawk il-prinċipji xorta ngħożżhom. Il-prinċipji tal-Partit tal-Ħaddiem.

U ħsibt ftit fuq x'inhu jiġri. U forsi l-mod kif ħa nitkellem l-iktar illum huwa li, jiena persuna naqra prattika iktar, u nħares lejn x'għandu bżonn isir. X'għandu bżonn isir biex jinbidel, apparti li dak kollu li qed nisimgħu f'din is-sitwazzjoni li qegħdin fiha issa, irridu nħarsu fit-tul u 'l quddiem. U naħseb l-ikbar problema bla dubju hi l-iffinanzjar tal-partiti politiċi u d-dipendenza li għandhom fuq il-big business. *(Brava!)*

Anki jekk dawk preżenti llum jitilqu, li huma korrotti. Illum jew għada ħa jiġu sostitwiti minn oħrajn. Għax il-problema fundamentali hija dan iż-żwieġ bejn il-businessman u l-politikant. U s-sistema li pperpetwajna. Xbajna proprju nisimgħu fuqha di'. Il-Moviment Graffitti u għaqdiet xellugin oħra xebgħu jħambqu fuqha, però jiena lbieraħ, bħalkom, rajt il-filmati ta' Yorgen Fenech għaddej minn Strada Rjali, bis-suit li probabbli tiswa aktar minn paga ta' xahrejn ta' ħaddiem medju, u bħal ħafna nies għedt: "Da' bniedem li qed jiġi investigat għal wieħed mill-akbar assassinju li rat Malta? Da' l-bniedem li nafu li huwa korrott u ħalliel? Dan bniedem

li tant ingħata poter, li tant għandu arroganza, u jemmen li ħadd ma jista' għalih, li anki meta suppost għandu jistħi jerfa' wiċċu mill-art, u jkollu demmu taħt il-blat, jibqa' miexi, frisk bħal ħassa, b'dik l-arja u l-arroganza.

U hawnhekk indunajt kemm daħlet fil-fond din is-sistema li lill-businessmen u lis-sinjuri għamilniehom allat u gglorifikajniehom, anki jekk nafu li mċappsin mill-kriminalità. U lill-fqir u lill-batut, lil dik is-single mother li trid tgħaddi b'ċekk ta' sitt mija b'kirja m'ogħla s-sema, lil dawk ir-refuġjati li ttrattati agħar minn annimali, nivvilifikawhom u nistmerruhom. U anki noqtluhom.

Ħafna tkellmu fuq bżonn ta' riforma kostituzzjonali. Però tajjeb li nirrealizzaw li l-ebda liġi u l-ebda sistema mhi perfetta. U tiddependi ħafna mir-rieda tajba ta' dawk li jattwawha. Għalhekk irridu ntejbu s-sistemi, irridu nirriformawhom, iva, però li hu importanti wkoll li l-politika tattira persuni li jidħlu għaliha b'rieda soda li jagħtu servizz lill-poplu. Jiena l-ewwel waħda kemm-il darba jgħiduli: "Ma titħajjarx tidħol għall-politka?" U ngħidilhom laqqas jekk ittuni miljun elf ewro. Żgur, żgur, żgur. Però hemm bżonn li jkollna politiċi li huma tajbin. U biex dan iseħħ għandna bżonn li dawn il-persuni li jidħlu għal dan ix-xogħol tant denju, li fl-aħħar ġranet rajna kemm hu importanti, jiġu kkumpensati sew, li l-kundizzjonijiet ta' xogħol ta' membri parlamentari [jkunu realistiċi u li jkun hemm strutturi fil-parlament li jagħmlu dan ix-xogħol family friendly u worth it li tidħol għalih. Jekk inħarsu lejn il-kundizzjonijiet ta' membri tal-Parlament Ewropew nistgħu naraw id-differenza.][1]

Kollega ħabiba tiegħi, li qed tgħajjat bħalissa, l-ekonomista Marie Briguglio, sentejn ilu qaltilna li għandna ekonomija fuq l-isteroids. L-ekonomija tagħna qed tiffjorixxi proprju għax qed inbigħu l-assi soċjali u naturali tagħna. U l-kampanja, u l-qalba tal-irħula, l-istituzzjonijiet, ir-reputazzjoni ta' pajjiżna. U dan il-mudell ekonomiku jaġevola lill-ftit għax s'issa dawk li huma vulnerabbli mhux trickle down effect tal-ekonomija rajna, imma trickle down tal-ħmieġ u ta' inġustizzji fil-konfronti tagħhom. *(Brava! Brava!)*

Jiena dal-aħħar xahrejn, nispiċċa biha, dan l-aħħar ftit xhur, kont involuta flimkien mal-komunità tal-Kottonera, kontra l-bini tal-AUM. Grazzi lill-NGOs talli għenuna wkoll. Hawn nies li kienu attivisti magħna qegħdin hawn. U hemmhekk iġġilidna għall-ispazji miftuħa. Iġġilidna għall-patrimonju storiku u l-wirt kulturali tagħna. Imma l-iktar ħaġa li ħassejtha tatni ġewwa hija kif din il-komunità, din il-komunità tal-Kottonera li magħrufa li hija fortizza Laburista, ġiet, ħassitha ttraduta u ħassitha li kellha tqum fuq saqajha u tiġġieled għal xi ħaġa li ma kellhiex għalfej' tiġġieled għaliha. Ma kellhiex għalfej'. Però mlietni b'kuraġġ, is-suċċess li kellna, proprju meta faqqgħet din il-bomba kienet, . . . l-għada konna l-Planning Authority u rbaħna s'issa, ejja ngħidu hekk. Però hemmhekk indunajt, eħe, li meta l-poplu jqum, u meta l-poplu jiġġieled, għad għandna l-poter li nbiddlu din is-sistema moqżieża. *(Brava!)*

Grazzi.


L-Università
ta' Malta

# Messaġġ ta' Għeluq: Il-Ħtieġa għat-Tagħlim tal-Lingwi

Emanuel Said

Kien tal-akbar unur u sodisfazzjon għalija li attendejt u segwejt mill-qrib dak li ġara dakinhar fit-tieni konferenza fi ħdan is-sensiela Lingua-Politik. Ngħid il-verità ħadt gost aktar milli stennejt għax rajt sinerġija bejn il-Fakultà tal-FEMA li tagħha jien id-Dekan u l-Fakultà tal-Arti. Attivitajiet konġunti ta' din ix-xorta mhux biss jagħmluna kburin imma, aktar minn hekk, jirrendu lill-Università ta' Malta aktar relevanti u viżibbli lil hinn mill-kampus. Huwa biss fit-tfassil istituzzjonalizzat li noqogħdu naqsmu bejn dixxiplina u oħra, inkella niddistingwu bejn Fakultà u oħra, jew bejn Dipartiment u ieħor. Fir-realtà, it-transdixxiplinità hija l-ordni tal-ġurnata għax kemm lis-soċjetà u kemm lill-ekonomija rridu nagħtuhom soluzzjonijiet ħolistiċi u mhux parzjali. L-Università ta' Malta hija konxja minn dan u fil-fatt it-transdixxiplinità hija waħda mill-pilastri ewlenin li fuqu tistrieħ l-istrateġija tagħna għas-snin 2020–2025.

Dakinhar tal-konferenza, u llum b'dawn l-atti f'idejna, għandna xhieda ta' dak li qalu diversi kelliema, kemm mid-Dipartiment tal-Politika Pubblika, kif ukoll mid-Dipartiment tal-Malti. Ilkoll kemm huma tkellmu dwar ir-rabta bejn il-lingwa u l-messaġġ politiku. Bejn l-ingranaġġi, il-metafori u l-potenzjal tal-lingwa fuq naħa, u l-messaġġ politiku li jrid iqanqal il-folol u jimmobilizza l-massa tan-nies fuq ix-xaqliba l-oħra. Laqtuni ferm mhux biss il-kontribuzzjonijiet li ffukaw fuq id-diskorsi tal-politiċi u l-manifesti elettorali, imma wkoll dawk li waqqgħu l-lenti tagħhom fuq il-kontribut tas-soċjetà ċivili. L-esponenti tat-trade unions, l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem u l-għaqdiet tal-volontarjat huma wkoll parteċipi fix-xenarju demokratiku – mhux biss fuq livell Malti – imma wkoll fid-dimensjoni Ewropea u dinjija. Dawn ukoll – bħall-politiċi – jużaw il-qawwa tal-lingwa biex jinfluwenzaw, jinnegozjaw u jirrelataw mal-partiti politiċi, l-awtoritajiet tal-istat u entitajiet sopranazzjonali. Huma wkoll għandhom ikunu mħarrġa fl-użu tajjeb tal-lingwa – u hawn qed ngħid kemm għall-Malti, kif ukoll għall-Ingliż – ġaladarba dan huwa pajjiż bilingwi.

Bħala Dekan tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Ġestjoni u l-Kontabilità, lanqas ma rrid ninsa nsemmi l-importanza tal-għarfien u t-tħaddim tat-tielet lingwa għax din tgħinna nifirxu l-kuntatti ekonomiċi u soċjali tagħna 'l barra minn xtutna. Li tkun taf il-Malti u l-Ingliż – u tafhom sewwa – m'għandekx mertu għax dan hu l-minimu li huwa mistenni minnek. Il-mertu jkun attribwit meta jkollok il-kapaċità li taf titħaddet u tikteb bl-Ispanjol, il-Ġermaniż, l-Għarbi, il-Franċiż, ir-Russu, il-Mandarin u l-bqija. Nemmen li pajjiżna għandu jagħti aktar kas tat-tagħlim ta' ilsna differenti, waqt li nissoktaw nissodaw il-qagħda taż-żewġ ilsna uffiċjali tagħna – il-Malti u l-Ingliż.

Dan li qed ngħid ma jgħoddx biss b'mod naturali għall-Fakultà tal-Arti fejn hemm imwaqqfa d-diversi dipartimenti tal-lingwi fl-Università, imma wkoll għall-FEMA. Bħala Dekan ma nieqaf qatt insemmi l-bżonn li kull student minn tagħna li jistudja l-politika, l-accountancy, il-marketing, l-assigurazzjoni, il-management, il-qasam finanzjarju, inkella l-ekonomija għandhom ilkoll ikollhom ħila lingwistika li trid tgħinhom fil-qadi tad-dmirijiet professjonali tagħhom. Il-lingwa hija l-għodda li kulħadd għandu bżonn biex jikkomunika imma, aktar minn hekk, biex isemma' leħnu, ixerred l-ideat, joħloq koalizzjonijiet u jsensel sens ta' bidla – fl-istess waqt ta' tama – għall-ġejjieni.

Konferenzi konġunti bħal dawn li minnhom tispunta din it-tip ta' pubblikazzjoni li għandek f'idejk jagħmluli ħafna kuraġġ għax nara fihom ħafna ħeġġa mhux biss ta' darba – imma tul ix-xhur twal ta' tħejjija sabiex tkun organizzata din is-sensiela ta' konferenzi nazzjonali taħt it-tikketta ta' Lingua-Politik. Nieħu din l-okkażjoni biex nifraħ u nirringrazzja lill-akkademiċi tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika fi ħdan il-FEMA u lil dawk tad-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Fakultà tal-Arti. Minn jeddhom ħassew li kellhom jgħaqqdu l-forzi tagħhom flimkien biex joħolqu dawn it-tip ta' inizjattivi li bis-saħħa tagħhom mhux biss igawdu l-intellettwali u l-istudenti, imma wkoll il-pubbliku inġenerali.

Minkejja kull diffikultà li niltaqgħu magħha fil-ħajja, fl-Università u fuq il-postijiet tax-xogħol, nagħmlu lkoll il-kuraġġ għax fina u madwarna hawn ħafna tajjeb. Il-ħidma fejjieda flimkien hija l-għajn ta' tama biex għada jisbaħ aħjar mil-lum.



# Kelmtejn tal-Aħħar

Michael Spagnol

Qattajna nofstanhar nisimgħu dwar ir-retorika, l-arti tal-persważjoni. L-arti tat-taħdit, ta' li ngħidu u nitkellmu biex nikkonvinċu. Li permezz ta' ftit ħsejjes inġiegħlu lil min jismagħna jibla' kulma ngħidulu. U, jekk tiġina żewġ, jagħmel li nixtiequ aħna.

Il-kelma retorika ġejja mill-Grieg *rhḗtōr*, 'min jitħaddet fil-pubbliku', mill-għerq tal-verb *eírō*, 'jiena ngħid'. Jiena ngħid. Issa jien x'fadalli xi ngħid wara sensiela ta' ħdax-il diskors? Diskorsi li missew mal-metafori, il-mistoqsijiet, l-islogans u l-istrateġiji varji li l-kelliema jużaw biex iġiegħlu lis-semmiegħa jemmnuhom, jixmu warajhom, jirrepetu kliemhom, jivvutawlhom jew jiskartawhom.

Naħseb fadalli tliet affarijiet xi ngħid.

Qabelxejn, ir-retorika f'pajjiżna ssir primarjament bil-Malti. Jolqotni li l-kampanji politiċi jkunu bil-Malti, mill-islogans sal-billboards, mill-filmati sal-hashtags fil-mezzi soċjali. Imqar fil-kampanji tal-Junior College u l-Università, il-Malti jintuża. Għax il-politiċi, għal kuntrarju ta' ħafna kumpaniji privati, jafu li biex tqanqal il-folla trid tindirizzaha bi lsienha.

It-tieni, irrid nirringrazzja lil Mario Thomas Vassallo, ta' din il-kollaborazzjoni sabiħa, lil Adrian Grima, u lil George Vidal Zammit tal-organizzazzjoni. Lil Maxine, Daniel, Gianluca, Bradley, Ricardo u Godfrey tal-għajnuna li tawna dalgħodu. Lill-istaff amministrattiv tad-Dipartiment tal-Malti u tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika, u l-istaff tal-Kampus tal-Belt, fosthom dawk li laqgħuna fid-daħla, naddfu s-sala, u li ferrgħulna l-kafè.

It-tielet, nixtieq nipperswadikom li jiena naf nuża l-istrateġiji tar-retorika. Speċjalment l-istrateġija tar-ripetizzjoni. Ir-ripetizzjoni tal-ħoss f'tarf il-kelma. Ma nafx indunajtux li ħafna slogans politiċi jkunu versi tat-tmienja. Jinqdew bil-vers tipiku tal-għana, tat-taqbil u l-poeżija biex ibellgħulna r-ross bil-labra. U jien, ta' żatat li jien, se nipprova nagħmel bħalhom. Skużawni jekk ma komplejtx magħkom waqt il-waqfa għall-kafè, għax, inqerr magħkom, ispirajtuni u kont qed inħarbex dawn l-erba' versi.

Ġid, fiduċja, direzzjoni
Kulħadd b'fehma u opinjoni
Biex fl-għajnejn inroxxu l-bżar
L-ewwel int... Futur aħjar

Qalu dan hu l-aqwa żmien
U li Malta, ħeqq, flimkien
B'ħafna kliem u ħafna modi
Il-valuri, qalu, sodi

Nissikkaw iċ-ċinturin
L-ewwel jiġi ċ-ċittadin
Bosta qwiel fuq il-futur
U li s-sewwa jirbaħ żgur

Il-ministri suxxettibbli
Il-ġejjieni sostenibbli
Ngħid jien, kos, imma possibbli
Li flimkien kollox possibbli?!

Il-votanti jivvutaw
Uħud minnhom jifflowtjaw
Terġa', oħrajn iħassru l-vot
Par idejn mat-tmun fis-sod

Tal-Kunsilli, l-Ewropej
Min bil-Kap, min bil-Mexxej
Għall-Ewropa ngħidu iva
Fejn spiċċat l-Alternattiva?

Xogħol, ġustizzja, libertà
Mhux biċ-ċajt, bis-serjetà
Għaliex taf x'jorbot u jħoll?
Illi Malta tagħna lkoll.




Xi wħud mill-kelliema jiddjalogaw mal-udjenza



Il-parteċipanti li attendew għal Lingua-Politik 2



Il-parteċipanti tal-Konferenza dakinhar tat-22 ta' April 2023 fl-Aula Prima, Valletta Campus

# Profili tal-Kontributuri

**Christa Boffa** ggradwat b'B.A (Unuri) fil-Malti, u wara kisbet post-graduate diploma fl-interpretar tal-konferenzi. Illum il-ġurnata Christa tgħix l-Italja, fejn taħdem bħala speċjalista fil-komunikazzjoni — b'mod partikolari l-komunikazzjoni online u fuq il-mezzi soċjali. Kemm permezz tal-istudji, kif ukoll tul il-karriera tagħha, Christa dejjem tfittex li tagħraf il-mekkaniżmi li jsawru l-arti tal-persważjoni f'kuntesti u permezz ta' mezzi differenti, sabiex timplimentahom fil-kitbiet u strateġiji ta' komunikazzjoni.

**Christabelle Borg** hi għalliema tal-Malti fi skola medja. Temmet il-kors tal-Baċellerat fl-Arti fil-Malti (Unuri) f'Ġunju tal-2020 u kisbet Maġisteru fit-Tagħlim tal-Malti fl-2022. Għandha għal qalbha l-qari, il-gżira Għawdxija, u xi ħarġa ħafifa mal-għeżież tagħha. Borg issegwi mill-qrib ukoll ix-xena politika Maltija.

**André P. DeBattista** twieled fid-9 ta' Mejju tal-1987. Assistent Lettur fl-Università ta' Malta u riċerkatur fil-qasam tal-politika, in-narrattiva, il-ħajja pubblika u r-relazzjonijiet internazzjonali. Huwa wkoll Research Associate fil-Wilfried Martens Centre for European Studies fi Brussell wara li, bejn l-2021 u l-2022, serva ta' Visiting Fellow fi ħdan l-istess istituzzjoni. Bejn l-2009 u l-2011 ħadem fil-qasam tar-relazzjonijiet pubbliċi u fl-2013 ifforma parti minn tim ta' riċerka fi ħdan is-Segretarjat tal-Commonwealth f'Londra. Artikolista regolari fil-gazzetti *The Times of Malta* u *Il-Leħen*. Mill-2021 'l hawn, huwa Country Expert għal Malta fil-V-Dem (Varieties of Democracy) Institute tad-Dipartiment tax-Xjenza Politika fi ħdan l-Università ta' Gothenburg fl-Iżvezja. Huwa wkoll membru tal-Kunsill tal-Fondazzjoni għall-Istudji Teoloġiċi tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Ipparteċipa f'bosta konferenzi u seminars u ppubblika numru ta' studji u esejs f'kotba u ġurnali akkademiċi.

**Prof. Adrian Grima** jgħallem il-letteratura Maltija fl-Università ta' Malta u kors introduttiv dwar il-lingwa u l-letteratura Maltija fl-Inalco ta' Pariġi. Kiteb għadd ta' kotba u artikli speċjalizzati bil-Malti, l-Ingliż u t-Taljan dwar il-letteratura u l-kultura li xxandru f'Malta u barra. L-iktar xogħol akkademiku riċenti tiegħu huwa d-daħla għall-antoloġija tal-poeżija kontemporanja Maltija li ħarġet il-Kroazja f'Ottubru tal-2023 (Booksa). Fl-2013 mexxa l-ewwel konferenza nazzjonali interdixxiplinarja fuq l-awtur Juann Mamo u kien l-editur ġenerali tal-ewwel tliet kotba fis-Sensiela Juann Mamo (SKS). Bejn l-2016 u l-2023 mexxa l-proġett tad-Dipartiment tal-Malti fuq It-Tradizzjoni Orali. L-aħħar xogħol letterarju li ppubblika *Daħlet ix-Xilep. Kontralimerikki tal-Pandemija* (KKM, 2023) fih studju dwar il-limerikk. adriangrima.com

**Clyde Puli** huwa soċjologu u visiting senior lecturer mad-Dipartiment tal-Politika Pubblika tal-Università ta' Malta. Huwa serva bħala Segretarju għaż-Żgħażagħ u Sport fil-Ministeru tal-Edukazzjoni (2008–2013), Membru Parlamentari (2003–2022), President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali (2004–2008) u membru tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej (2004–2008). Huwa ġie elett għall-ewwel darba għal kariga pubblika fl-1994 bħala Kunsillier Lokali fil-belt tiegħu, Ħal Qormi fejn serva wkoll bħala Sindku (1998–2001). Puli studja s-soċjoloġija u l-komunikazzjoni u, aktar tard, is-soċjoloġija politika fl-Università ta' Malta. Huwa membru tal-Malta Institute of Management, taċ-Chartered Institute of Public Relations tar-Renju Unit u tal-European Sociological Association.

**Prof. Emanuel Said** huwa Professur fil-qasam tal-Marketing u d-Dekan tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Ġestjoni u l-Kontabilità fl-Università ta' Malta. Huwa temm l-istudji tad-Dottorat fl-Università ta' Cranfield fir-Renju Unit. Huwa ppreżenta r-riċerka tiegħu fl-Awstralja u fi New Zealand u ppubblika f'għadd ta' pubblikazzjonijiet akkademiċi internazzjonali. Qabel ma ngħaqad mal-Università ta' Malta, mexxa r-riċerka tal-istudenti fl-Università ta' Cranfield u Glyndwr. Għallem ukoll f'Henley Business School u Grenoble Graduate School of Business f'Malta. Huwa membru tal-Akkademja tax-Xjenzi tal-Marketing, tal-Akkademja tal-Marketing (UK), tal-British Academy of Management, u reviżur għall-Akkademja tal-Marketing, *Journal of Marketing Management* u l-*International Journal of Market Research*. Iservi ta' konsulent għal diversi entitajiet privati u pubbliċi.

**Prof. Carmen Sammut** hija l-Pro-Rettur għall-Affarijiet tal-Istudenti u r-Riżorsi Umani, u Outreach fl-Università ta' Malta. Bejn l-2018–2021 ippresediet il-Kumitat Tekniku li mexxa l-proċess lejn il-bidliet elettorali u Kostituzzjonali relatati mal-Mekkaniżmu tal-Bilanċ tas-Sessi fil-Parlament. Il-Professur Sammut tagħti lekċers fi ħdan il-Fakultà tal-Media u Xjenza tal-Għarfien u fi ħdan id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Internazzjonali. Il-pubblikazzjonijiet tagħha jinkludu *The Road to Women's Suffrage and Beyond: Women's Enfranchisement and the Nation-Building Project in Malta* (2017) u 'Il-Ġurnaliżmu u l-Ġlieda għall-Vot tal-Mara Maltija fil-Kuntest Imperjali: Ir-rwol ta' Mabel Strickland' *f'Mabel Strickland: Storja u Miti*, (koawtur ma' N. Abdilla, 2018). Hija wkoll xandar u riċerkatur b'esperjenza twila dwar il-ġurnaliżmu. Fl-2021 hija nħatret fil-Kumitat tal-Esperti tal-Midja maħtura mill-Prim Ministru biex tipproponi emendi leġiżlattivi relatati mal-midja u l-protezzjoni tal-ġurnalisti.

**Dr Omar Seguna** huwa Uffiċjal Edukattiv fil-qasam tal-Litteriżmu Diġitali. Gradwa fl-Università ta' Sheffield permezz ta' Dottorat fl-Edukazzjoni. Kien għalliem f'żewġ skejjel sekondarji. Fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni kien responsabbli għal numru ta' proġetti importanti. Ippubblika tliet kotba: *Xehir fis-Skiet* (2019), 24, *Triq Ħad-Dwieli* (2011), bi ktieb interattiv fil-format ta' CD, u *Mal-Ħoss Qawwi tar-Ragħad* (2001). Xogħlijiet oħra tiegħu jinsabu fis-sit omarseguna.com. Bosta kitbiet tiegħu dehru wkoll f'gazzetti u ġurnali oħra, u f'xi antoloġiji. Fost ir-rikonoxximenti li ngħata għall-qasam letterarju nsibu numru ta' premijiet kemm f'Malta kif ukoll fl-Italja. Huwa wkoll attivist soċjali.

**Prof. Michael Spagnol** studja l-Malti u l-Lingwistika fl-Università ta' Malta, kiseb id-dottorat fil-Lingwistika mill-Università ta' Konstanz, il-Ġermanja, u għamel postdottorat mal-Max Planck Institute for Evolutionary Anthropology ta' Leipzig, il-Ġermanja. L-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tiegħu huma l-morfoloġija, il-lessikografija u d-djalettoloġija. Huwa involut f'għadd ta' proġetti ta' riċerka dwar it-terminoloġija, id-djaletti, u t-tradizzjoni orali. Ħa sehem f'ħafna konferenzi internazzjonali, u ppubblika bosta studji xjentifiċi f'għadd ta' kotba u rivisti akkademiċi. Bejn l-2019 u l-2023 kien il-Kap tad-Dipartiment tal-Malti. Kien membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti (2013–2016), u ilu mill-2013 il-Kap tal-Kumitat tat-Terminoloġija fi ħdan l-istess Kunsill. F'Jannar tal-2013 fetaħ il-paġna ta' Facebook *Kelma Kelma* li tiġbor ħafna kurżitajiet lingwistiċi, u għal xi snin kien wieħed mill-organizzaturi tal-kunċerti mużiko-letterarji *Kelma Kelma Nota Nota*.

**Lara Stagno** ggradwat b'B.A.(Unuri) fil-Malti fl-2019 u fl-istess sena bdiet tgħallem il-Malti. Wara t-teżi li għamlet fuq ir-retorika fid-diskorsi ta' Eddie Fenech Adami, iddeċidiet li tkompli tirriċerka x-xjenza fl-atti tad-diskors. Fil-preżent, Lara qiegħda tagħmel M.A. fil-Malti bi speċjalizzazzjoni fuq l-atti illokutorji u perlokutorji fil-poeżija ta' Nadia Mifsud.

**Dr Anne Marie Thake** hija lettriċi anzjana fil-Fakultà tal-Ekonomija, Ġestjoni u Kontabilità, fl-Università ta' Malta. Hija speċjalizzat fl-iżvilupp tar-riżorsi umani, il-politika pubblika, u l-impjiegi. B'aktar minn 25 sena esperjenza, hija okkupat diversi karigi influwenti fis-settur privat u pubbliku, inkluż l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ta' Malta, Bank of Valletta, u Deloitte. Hija kisbet Dottorat fix-Xjenzi Soċjali u x-Xjenzi tal-Politika mill-Università ta' Bath, M.Sc. fl-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani mill-Università Victoria ta' Manchester, u B.A. (Unuri) fl-Amministrazzjoni Pubblika mill-Università ta' Malta. Ir-riċerka u l-kompetenzi tagħha jestendu għal oqsma bħas-swieq tax-xogħol, il-governanza, u l-impjegalità tal-gradwati. Kitbet diversi pubblikazzjonijiet akkademiċi, għallmet barra l-pajjiż, u kkontribwiet għal diversi inizjattivi ta' riċerka.

**Prof. Mario Thomas Vassallo** studja l-Management, it-Tmexxija Politika u l-Istudji Ewropej fl-Università ta' Malta u fl-2015 kiseb dottorat fil-politika mill-Università ta' Sheffield. Għal tnax-il sena stabbilixxa karriera maniġerjali fl-oqsma tar-riżorsi umani u t-taħriġ fis-settur pubbliku u privat, sakemm fl-2008 ngħaqad mal-korp akkademiku fid-Dipartiment tal-Politika Pubblika. Fost oħrajn, jgħallem ir-riċerka xjentifika, l-amministrazzjoni pubblika, is-soċjetà ċivili, il-politika fl-arti u l-letteratura, u l-governanza sopranazzjonali. Kitbietu ġew ippubblikati lokalment u internazzjonalment. Koeditur tas-serje ta' kotba bl-isem *Public Life in Malta* u jipproduċi għadd ta' sensiliet radjufoniċi li jittrattaw temi soċjali u politiċi. Fil-preżent huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika u Delegat tar-Rettur għall-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

**Dr George Vital Zammit** huwa lettur anzjan fid-Dipartiment tal-Politika Pubblika fl-Università ta' Malta. Qabel l-akkademja, huwa ħadem fil-qasam tar-riżorsi umani fl-intrapriża privata, imbagħad bħala uffiċjal fis-Servizz Pubbliku. Serva f'numru ta' Ministeri u kien Assistent Direttur fl-Uffiċċju tal-Kabinett, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Dr Zammit kiseb B.Sc., B.Com. (Unuri) u M.A. mill-Università ta' Malta, u Ph.D. fl-Istudji Politiċi mill-Università ta' Sheffield. Jgħallem suġġetti marbutin mal-governanza, l-amministrazzjoni, il-parlament u l-qafas regolatorju. Isegwi mill-qrib il-Presidenza Amerikana u fl-2019 kien Fulbright Scholar f'Rutgers University, New Jersey. Matul is-snin ġie mistieden fuq diversi mezzi tax-xandir bħala opinjonista dwar temi marbutin mal-politika Maltija u barranija.

L-Università ta' Malta

ID-DIPARTIMENT
TAL-POLITIKA PUBBLIKA
**Il-Fakultà tal-Ekonomija, tal-Ġestjoni u l-Kontabilità**

L-Università ta' Malta
L-Imsida MSD 2080

um.edu.mt/fema/publicpolicy
(+356) 2340 3358
publicpolicy.fema@um.edu.mt
/um.publicpolicy

ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI
**Il-Fakultà tal-Arti**

L-Università ta' Malta
L-Imsida MSD 2080

um.edu.mt arts/malti
(+356) 2340 3303
malti.art@um.edu.mt
/um.malti

Disinjat mill-Uffiċċju tal-Kummerċjalizzazzjoni, il-Komunikazzjoni u l-Alumni
Ritratti: Mark Micallef Perconte
Qari tal-provi: Keith Attard
Pubblikat mill-Università ta' Malta
Stampat minn Dormax Press Co. Ltd., Marsa